**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2023/0438(COD)**

20.3.2025

# EMENDI
# 50 - 326

**Abbozz ta' rapport**
**Jeroen Lenaers**
(PE768.042v01-00)

It-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin, u dwar it-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati bħal dawn u l-emenda tar-Regolament (UE) 2016/794

Proposta għal regolament
(COM(2023)0754 – C9-0431/2023 – 2023/0438(COD))

**Emenda 50**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**–**

*Proposta għal ċaħda*

***Il-Parlament Ewropew jiċħad [il-proposta tal-Kummissjoni].***

Or. en

**Emenda 51**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**–**

*Proposta għal ċaħda*

***Il-Parlament Ewropew jiċħad [il-proposta tal-Kummissjoni].***

Or. en

**Emenda 52**
**Georgiana Teodorescu, Alessandro Ciriani, Charlie Weimers, Assita Kanko**

**Proposta għal regolament**
**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għalREGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL***dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin, u dwar it-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati bħal dawn u*** li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 | Proposta għalREGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILLli jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 |

Or. en

**Emenda 53**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għalREGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL***dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija*** fir-rigward ***tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti u ***tat-traffikar*** ta' bnedmin***, u dwar it-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati bħal dawn u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794*** | Proposta għalREGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL***li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794*** fir-rigward ***tas-sostenn tal-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti u ***t-traffikar*** ta' bnedmin |

Or. en

**Emenda 54**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għalREGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL***dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni*** tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin***, u dwar it-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati bħal dawn u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794*** | Proposta għalREGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL***li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 bl-għan li jissaħħaħ is-sostenn mogħti lill-Europol għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni*** tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin |

Or. fr

**Emenda 55**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għalREGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL***dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni*** tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin***, u dwar it-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati bħal dawn u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794*** | Proposta għalREGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL***li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 dwar is-sostenn tal-Europol għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni u għall-investigazzjoni*** tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin |

Or. en

**Emenda 56**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Titolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għalREGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILLdwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni ***tal-faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti u ***tat-traffikar*** ta' bnedmin, u dwar it-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati bħal dawn u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 | Proposta għalREGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILLdwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni ***ta' forom esplojtattivi ta' faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti u ***ta' traffikar*** ta' bnedmin, u dwar it-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati bħal dawn u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 |

Or. en

**Emenda 57**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) ***twaqqfet permezz tar-Regolament*** (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1]***sabiex issostni u ssaħħaħ l-azzjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja li taffettwa żewġ Stati Membri jew aktar, kontra t-terroriżmu u kontra forom oħrajn ta' kriminalità li jaffettwaw interess komuni kopert minn politika tal-Unjoni.*** | (1) L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) ***ġiet stabbilita bir-Regolament*** (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1] |
| [1] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135 24.5.2016, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/794/oj. | [1] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135 24.5.2016, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/794/oj. |

Or. en

**Emenda 58**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) Il-kapaċità tal-Europol jenħtieġ li tiġi żviluppata sabiex tkopri wkoll*** |

***sitwazzjonijiet ta' dħul strumentalizzat ta' migranti, li jista' jinvolvi atturi mhux statali, bħall-kriminalità organizzata.***

Or. fi

**Emenda 59**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti ***huwa*** attività ***kriminali li*** ma tirrispettax il-ħajja tal-bniedem u d-dinjità tal-persuni fl-insegwiment tal-profitt, filwaqt li ddgħajjef id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati ***kif ukoll l-objettivi ta' ġestjoni tal-migrazzjoni tal-Unjoni. Il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta' Frar 2023, tenna l-importanza tal-ġlieda kontra l-persuni li jiffaċilitaw id-dħul klandestin u afferma r-rieda li jsaħħaħ l-azzjoni tiegħu sabiex jiġu evitati tluq irregolari u telf ta' ħajja, anki billi tiġi intensifikata l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu***. Għal dan l-għan, huwa importanti ***wkoll li tissaħħaħ ir-reazzjoni*** tal-infurzar tal-liġi ***għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u għat-traffikar ta' bnedmin billi jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Europol, u b'mod partikolari taċ-ċentru tal-Unjoni tagħha ta' għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin***. | (2) Il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti ***hija*** attività ***kriminalizzata li taf*** ma tirrispettax il-ħajja tal-bniedem u d-dinjità tal-persuni fl-insegwiment tal-profitt, filwaqt li ddgħajjef id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati. Għal dan l-għan, huwa importanti ***li jissaħħaħ ir-rispons*** tal-infurzar tal-liġi ***għal forom esplojtattivi ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Europol u l-awtoritajiet nazzjonali***. |

Or. en

**Emenda 60**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti ***huwa*** attività kriminali li ma tirrispettax il-ħajja tal-bniedem u d-dinjità tal-persuni fl-insegwiment tal-profitt, filwaqt li ddgħajjef id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati ***kif ukoll l-objettivi ta' ġestjoni tal-migrazzjoni tal-Unjoni. Il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta' Frar 2023, tenna l-importanza tal-ġlieda kontra l-persuni li jiffaċilitaw id-dħul klandestin u afferma r-rieda li jsaħħaħ l-azzjoni tiegħu sabiex jiġu evitati tluq irregolari u telf ta' ħajja, anki billi tiġi intensifikata l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu. Għal dan l-għan, huwa importanti*** wkoll ***li tissaħħaħ ir-reazzjoni tal-infurzar tal-liġi għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u għat-traffikar ta' bnedmin billi jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Europol, u b'mod partikolari taċ-ċentru tal-Unjoni tagħha ta' għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti ***u kontra t-traffikar ta' bnedmin***. | (2) Il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti ***hija*** attività kriminali li ma tirrispettax il-ħajja tal-bniedem u d-dinjità tal-persuni fl-insegwiment tal-profitt, filwaqt li ddgħajjef id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati***. Il-kriminali involuti jaħtfu l-opportunità maħluqa mill-ħtieġa jew mix-xewqa tan-nies li jaħarbu mhux biss mill-faqar u min-nuqqas ta' opportunitajiet ta' impjiegi iżda*** wkoll ***mid-diżastri naturali, il-kunflitt jew il-persekuzzjoni. Individwi vulnerabbli, inklużi dawk li jfittxu l-asil u r-rifuġjati spiss jiġu akkużati b'faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti ***minħabba l-profili wesgħin ta' dan ir-reat***. |

Or. en

**Emenda 61**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti ***huwa*** attività kriminali li ma tirrispettax il-ħajja tal-bniedem u d-dinjità tal-persuni fl-insegwiment tal-profitt, filwaqt li ddgħajjef id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati kif | (2) Il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti ***hija*** attività kriminali li ma tirrispettax il-ħajja tal-bniedem u d-dinjità tal-persuni fl-insegwiment tal-profitt, filwaqt li ddgħajjef id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati**,** kif |

ukoll l-objettivi ta’ ġestjoni tal-migrazzjoni tal-Unjoni. Il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta’ Frar 2023, tenna l-importanza tal-ġlieda kontra l-persuni li jiffaċilitaw id-dħul klandestin u afferma r-rieda li jsaħħaħ l-azzjoni tiegħu sabiex jiġu evitati tluq irregolari u telf ta’ ħajja, anki billi tiġi intensifikata l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta’ oriġini u ta’ tranżitu. Għal dan l-għan, huwa importanti wkoll li tissaħħaħ ir-reazzjoni tal-infurzar tal-liġi għall-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u għat-traffikar ta’ bnedmin billi jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Europol, u b’mod partikolari taċ-ċentru tal-Unjoni tagħha ta’ għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u kontra t-traffikar ta’ bnedmin.

ukoll l-objettivi ta’ ġestjoni tal-migrazzjoni tal-Unjoni***, billi tiffaċilita dħul illegali fl-Unjoni***. Il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta’ Frar 2023, tenna l-importanza tal-ġlieda kontra l-persuni li jiffaċilitaw id-dħul klandestin u afferma r-rieda li jsaħħaħ l-azzjoni tiegħu sabiex jiġu evitati tluq irregolari u telf ta’ ħajja, anki billi tiġi intensifikata l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta’ oriġini u ta’ tranżitu. Għal dan l-għan, huwa importanti wkoll li tissaħħaħ ir-reazzjoni tal-infurzar tal-liġi għall-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u għat-traffikar ta’ bnedmin billi jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Europol, u b’mod partikolari taċ-ċentru tal-Unjoni tagħha ta’ għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u kontra t-traffikar ta’ bnedmin.

Or. fi

**Emenda 62**
**Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Il-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti huwa attività kriminali li ma tirrispettax il-ħajja tal-bniedem u d-dinjità tal-persuni fl-insegwiment tal-profitt, filwaqt li ddgħajjef id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati kif ukoll l-objettivi ***ta’ ġestjoni tal-migrazzjoni tal-Unjoni***. Il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta’ Frar 2023, tenna l-importanza tal-ġlieda kontra l-persuni li jiffaċilitaw id-dħul klandestin u afferma r-rieda li jsaħħaħ l-azzjoni tiegħu sabiex jiġu evitati tluq irregolari u telf ta’ ħajja, anki billi tiġi intensifikata l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta’ oriġini u ta’ tranżitu. Għal dan l-għan, huwa importanti wkoll li tissaħħaħ ir- | (2) Il-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti huwa attività kriminali li ma tirrispettax il-ħajja tal-bniedem u d-dinjità tal-persuni fl-insegwiment tal-profitt, filwaqt li ddgħajjef id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati kif ukoll l-objettivi ***tal-Unjoni fil-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali***. Il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta’ Frar 2023, tenna l-importanza tal-ġlieda kontra l-persuni li jiffaċilitaw id-dħul klandestin u afferma r-rieda li jsaħħaħ l-azzjoni tiegħu sabiex jiġu evitati tluq irregolari u telf ta’ ħajja, anki billi tiġi intensifikata l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta’ oriġini u ta’ tranżitu. Għal dan l-għan, huwa importanti wkoll li tissaħħaħ ir- |

| | |
|---|---|
| reazzjoni tal-infurzar tal-liġi għall-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u għat-traffikar ta’ bnedmin billi jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Europol, u b’mod partikolari taċ-ċentru tal-Unjoni tagħha ta’ għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u kontra t-traffikar ta’ bnedmin. | reazzjoni tal-infurzar tal-liġi għall-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u għat-traffikar ta’ bnedmin billi jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Europol, u b’mod partikolari taċ-ċentru tal-Unjoni tagħha ta’ għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u kontra t-traffikar ta’ bnedmin. |
| | Or. pl |

**Emenda 63**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) Il-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u t-traffikar ta’ bnedmin huma reati distinti. Fid-dritt internazzjonali, il-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti tirreferi għall-akkwist minn persuna ta’ dħul u/jew soġġorn illegali f’pajjiż li fih ma tkunx ċittadina jew residenti sabiex tikseb benefiċċju finanzjarju jew benefiċċju materjali ieħor (l-Artikolu 3 tal-Protokoll tan-NU dwar il-Faċilitazzjoni tad-Dħul Klandestin). Normalment titqies bħala reat kontra l-istat minħabba ksur tal-liġijiet dwar l-immigrazzjoni, aktar milli tpoġġi fil-mira lill-migrant individwali, għalkemm tista’ tesponi lill-migranti għal kundizzjonijiet perikoluż jew inumani. B’kuntrast ma’ dan, it-traffikar ta' bnedmin jinvolvi r-reklutaġġ, it-trasport, it-trasferiment, il-kustodja jew ir-riċeviment ta’ individwi bl-użu tal-forza, koerċizzjoni, frodi, qerq jew abbuż ta' poter jew ta’ pożizzjoni ta’ vulnerabbiltà għall-fini ta’ sfruttament (l-Artikolu 3 tal-Protokoll tan-NU dwar it-Traffikar). It-traffikar huwa meqjus bħala reat kontra l-individwi u jista’ jseħħ ukoll mingħajr*** |

***qsim tal-fruntieri.***

Or. en

**Emenda 64**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) It-traffikar ta' bnedmin huwa reat serju, li ħafna drabi jitwettaq fil-qafas tal-kriminalità organizzata, huwa ksur gravi tad-drittijiet fundamentali, u huwa pprojbit espliċitament mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta"). Il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin, u s-sostenn għall-vittmi ta' traffikar, irrispettivament mill-pajjiż tal-oriġini tagħhom, jibqgħu prijorità għall-Unjoni u għall-Istati Membri tagħha. Għal dan l-għan, huwa importanti wkoll li jissaħħaħ ir-rispons tal-infurzar tal-liġi għat-traffikar ta' bnedmin billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn il-Europol u l-awtoritajiet nazzjonali.*** |

Or. en

**Emenda 65**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz, Ana Catarina Mendes**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) L-individwi vulnerabbli spiss ikunu l-vittmi primarji tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin. It-tisħiħ tal-isforzi tal-infurzar tal-liġi għall-prevenzjoni,*** |

***għad-detezzjoni u għall-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin għandu jimxi id f'id mal-iżgurar tal-protezzjoni tal-vittmi u mar-rispett tad-drittijiet fundamentali tagħhom. B'mod partikolari, huwa importanti li jiġi żgurat li l-vittma ma titqiesx b'mod żbaljat bħala kriminal jew tiġi trattata bħala tali.***

Or. en

**Emenda 66**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(3) Fl-2016 il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol ħoloq "Ċentru Ewropew dwar il-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti" f'konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (s), tar-Regolament (UE) 2016/794 bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat bħal dan. Dan evolva kontinwament mill-bidu tiegħu u espanda l-firxa ta' attivitajiet tiegħu sabiex jipprovdi l-aħjar sostenn lill-Istati Membri bħala pjattaforma dinamika għall-kooperazzjoni operazzjonali, għall-iskambju ta' informazzjoni, u għall-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u s-sħab involuti fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin. Iż-żidiet fil-wasliet irregolari fl-Unjoni u f'movimenti mhux awtorizzati fl-Unjoni, l-adattabilità rapida ta' gruppi tal-kriminalità organizzata, l-iżvilupp ta' modi operandi ġodda u ta' metodi sofistikati jirrikjedu b'urġenza tisħiħ sinifikanti tar-rwol taċ-ċentru tal-Unjoni tal-Europol ta' għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta'*** | ***imħassar*** |

***migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin billi jiġi stabbilit bħala struttura permanenti fi ħdan il-Europol u billi jissaħħaħ il-livell tal-involviment tiegħu fis-sostenn lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn. Ismu jenħtieġ li jkun iċ-"Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti".***

Or. en

**Emenda 67**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Fl-2016 il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol ħoloq "Ċentru Ewropew dwar il-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti" f'konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (s), tar-Regolament (UE) 2016/794 bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat bħal dan. ***Dan evolva kontinwament mill-bidu tiegħu u espanda l-firxa ta' attivitajiet tiegħu sabiex jipprovdi l-aħjar sostenn lill-Istati Membri bħala pjattaforma dinamika għall-kooperazzjoni operazzjonali, għall-iskambju ta' informazzjoni, u għall-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u s-sħab involuti fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin. Iż-żidiet fil-wasliet irregolari fl-Unjoni u f'movimenti mhux awtorizzati fl-Unjoni, l-adattabilità rapida ta' gruppi tal-kriminalità organizzata, l-iżvilupp ta' modi operandi ġodda u ta' metodi sofistikati jirrikjedu b'urġenza tisħiħ sinifikanti tar-rwol taċ-ċentru tal-Unjoni tal-Europol ta' għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra l-*** | (3) Fl-2016 il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol ħoloq "Ċentru Ewropew dwar il-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti" f'konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (s), tar-Regolament (UE) 2016/794 bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat bħal dan. |

***faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin billi jiġi stabbilit bħala struttura permanenti fi ħdan il-Europol u billi jissaħħaħ il-livell tal-involviment tiegħu fis-sostenn lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn. Ismu jenħtieġ li jkun iċ-"Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti".***

Or. en

**Emenda 68**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Fl-2016 il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol ħoloq "Ċentru Ewropew dwar il-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti" f'konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (s), tar-Regolament (UE) 2016/794 bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat bħal dan. Dan evolva kontinwament mill-bidu tiegħu u espanda l-firxa ta' attivitajiet tiegħu sabiex jipprovdi l-aħjar sostenn lill-Istati Membri bħala pjattaforma dinamika għall-kooperazzjoni operazzjonali, għall-iskambju ta' informazzjoni, u għall-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u s-sħab involuti fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin. Iż-żidiet fil-wasliet irregolari fl-Unjoni u f'movimenti mhux awtorizzati fl-Unjoni, l-adattabilità rapida ta' gruppi tal-kriminalità organizzata, l-iżvilupp ta' modi operandi ġodda u ta' metodi sofistikati jirrikjedu ***b'urġenza tishiħ sinifikanti tar-rwol taċ-ċentru tal-Unjoni tal-Europol ta' għarfien*** | (3) Fl-2016 il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol ħoloq "Ċentru Ewropew dwar il-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti" f'konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (s), tar-Regolament (UE) 2016/794 bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat bħal dan. Dan evolva kontinwament mill-bidu tiegħu u espanda l-firxa ta' attivitajiet tiegħu sabiex jipprovdi l-aħjar sostenn lill-Istati Membri bħala pjattaforma dinamika għall-kooperazzjoni operazzjonali, għall-iskambju ta' informazzjoni, u għall-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u s-sħab involuti fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin. Iż-żidiet fil-wasliet irregolari fl-Unjoni u f'movimenti mhux awtorizzati fl-Unjoni, l-adattabilità rapida ta' gruppi tal-kriminalità organizzata, l-iżvilupp ta' modi operandi ġodda u ta' metodi sofistikati jirrikjedu ***li din l-għodda ssir flessibbli biżżejjed sabiex issaħħaħ*** il-livell tal-involviment ***tagħha*** |

| | |
|---|---|
| ***espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin billi jiġi stabbilit bħala struttura permanenti fi ħdan il-Europol u billi jissaħħaħ*** il-livell tal-involviment ***tiegħu*** fis-sostenn lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn. ***Ismu jenħtieġ li jkun iċ-"Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti".*** | fis-sostenn lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn. |

Or. fr

**Emenda 69**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz, Ana Catarina Mendes**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Fl-2016 il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol ħoloq "Ċentru Ewropew dwar il-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti" f'konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (s), tar-Regolament (UE) 2016/794 bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat bħal dan. Dan evolva kontinwament mill-bidu tiegħu u espanda l-firxa ta' attivitajiet tiegħu sabiex jipprovdi l-aħjar sostenn lill-Istati Membri bħala pjattaforma dinamika għall-kooperazzjoni operazzjonali, għall-iskambju ta' informazzjoni, u għall-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u s-sħab involuti fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin. ***Iż-żidiet fil-wasliet irregolari fl-Unjoni u f'movimenti mhux awtorizzati fl-Unjoni,*** l-adattabilità rapida ta' gruppi tal-kriminalità organizzata, l-iżvilupp ta' modi operandi ġodda u ta' metodi sofistikati jirrikjedu b'urġenza tisħiħ sinifikanti tar- | (3) Fl-2016 il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol ħoloq "Ċentru Ewropew dwar il-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti" f'konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (s), tar-Regolament (UE) 2016/794 bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat bħal dan. Dan evolva kontinwament mill-bidu tiegħu u espanda l-firxa ta' attivitajiet tiegħu sabiex jipprovdi l-aħjar sostenn lill-Istati Membri bħala pjattaforma dinamika għall-kooperazzjoni operazzjonali, għall-iskambju ta' informazzjoni, u għall-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u s-sħab involuti fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin. L-adattabilità rapida ta' gruppi tal-kriminalità organizzata, l-iżvilupp ta' modi operandi ġodda u ta' metodi sofistikati jirrikjedu b'urġenza tisħiħ sinifikanti tar-rwol taċ-ċentru ta' għarfien espert speċjalizzat ***tal-Unjoni tal-Europol*** għall- |

rwol taċ-ċentru ***tal-Unjoni tal-Europol*** ta' għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin billi jiġi stabbilit bħala struttura permanenti fi ħdan il-Europol u billi jissaħħaħ il-livell tal-involviment tiegħu fis-sostenn lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda ***kontra dawn***. Ismu jenħtieġ li jkun ***iċ-***"Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti".

ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin billi jiġi stabbilit bħala struttura permanenti fi ħdan il-Europol u billi jissaħħaħ il-livell tal-involviment tiegħu fis-sostenn lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda ***kontrihom***. Ismu jenħtieġ li jkun "Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti".

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-livelli tal-migrazzjoni mhumiex ġustifikazzjoni għall-investigazzjonijiet kriminali. Il-ġustifikazzjoni għal aktar setgħat għall-Europol hija biex tindirizza n-networks kriminali involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni għal skop ta' profitt.*

**Emenda 70**
**Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Fl-2016 il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol ħoloq "Ċentru Ewropew dwar il-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti" f'konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (s), tar-Regolament (UE) 2016/794 bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat bħal dan. Dan evolva kontinwament mill-bidu tiegħu u espanda l-firxa ta' attivitajiet tiegħu sabiex jipprovdi l-aħjar sostenn lill-Istati Membri bħala pjattaforma dinamika għall-kooperazzjoni operazzjonali, għall-iskambju ta' informazzjoni, u għall-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u s-sħab involuti fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin. Iż-żidiet fil-wasliet irregolari fl-Unjoni u | (3) Fl-2016 il-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol ħoloq "Ċentru Ewropew dwar il-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti" f'konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (s), tar-Regolament (UE) 2016/794 bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat bħal dan. Dan evolva kontinwament mill-bidu tiegħu u espanda l-firxa ta' attivitajiet tiegħu sabiex jipprovdi l-aħjar sostenn lill-Istati Membri bħala pjattaforma dinamika għall-kooperazzjoni operazzjonali, għall-iskambju ta' informazzjoni, u għall-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u s-sħab involuti fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin. Iż-żidiet fil-wasliet irregolari fl-Unjoni u |

f’movimenti mhux awtorizzati fl-Unjoni, l-adattabilità rapida ta’ gruppi tal-kriminalità organizzata, l-iżvilupp ta’ modi operandi ġodda u ta’ metodi sofistikati jirrikjedu b’urġenza tisħiħ sinifikanti tar-rwol taċ-ċentru ***tal-Unjoni tal-Europol*** ta’ għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u kontra t-traffikar ta’ bnedmin billi jiġi stabbilit bħala struttura permanenti fi ħdan il-Europol u billi jissaħħaħ il-livell tal-involviment tiegħu fis-sostenn lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u tat-traffikar ta’ bnedmin u fil-ġlieda ***kontra dawn***. Ismu jenħtieġ li jkun ***iċ-***“Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta’ Dħul Klandestin ta’ Migranti”.

f’movimenti mhux awtorizzati fl-Unjoni, l-adattabilità rapida ta’ gruppi tal-kriminalità organizzata, ***l-istrumentalizzazzjoni dejjem tikber tal-migranti u*** l-iżvilupp ta’ modi operandi ġodda u ta’ metodi sofistikati jirrikjedu b’urġenza tisħiħ sinifikanti tar-rwol taċ-ċentru ta’ għarfien espert speċjalizzat ***tal-Unjoni tal-Europol*** għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u kontra t-traffikar ta’ bnedmin billi jiġi stabbilit bħala struttura permanenti fi ħdan il-Europol u billi jissaħħaħ il-livell tal-involviment tiegħu fis-sostenn lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u tat-traffikar ta’ bnedmin u fil-ġlieda ***kontrihom***. Ismu jenħtieġ li jkun "Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti".

Or. en

**Emenda 71**
**Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Fl-2016 il-Bord ta’ Amministrazzjoni tal-Europol ħoloq “Ċentru Ewropew dwar il-Faċilitazzjoni ta’ Dħul Klandestin ta’ Migranti” f’konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (s), tar-Regolament (UE) 2016/794 bħala ċentru tal-Unjoni ta’ għarfien espert speċjalizzat bħal dan. Dan evolva kontinwament mill-bidu tiegħu u espanda l-firxa ta’ attivitajiet tiegħu sabiex jipprovdi l-aħjar sostenn lill-Istati Membri bħala pjattaforma dinamika għall-kooperazzjoni operazzjonali, għall-iskambju ta’ informazzjoni, u għall-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u s-sħab involuti fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u kontra t-traffikar ta’ bnedmin. | (3) Fl-2016 il-Bord ta’ Amministrazzjoni tal-Europol ħoloq “Ċentru Ewropew dwar il-Faċilitazzjoni ta’ Dħul Klandestin ta’ Migranti” f’konformità mal-Artikolu 11(1), il-punt (s), tar-Regolament (UE) 2016/794 bħala ċentru tal-Unjoni ta’ għarfien espert speċjalizzat bħal dan. Dan evolva kontinwament mill-bidu tiegħu u espanda l-firxa ta’ attivitajiet tiegħu sabiex jipprovdi l-aħjar sostenn lill-Istati Membri bħala pjattaforma dinamika għall-kooperazzjoni operazzjonali, għall-iskambju ta’ informazzjoni, u għall-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u s-sħab involuti fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u kontra t-traffikar ta’ bnedmin. |

| | |
|---|---|
| Iż-żidiet fil-wasliet ***irregolari*** fl-Unjoni u f'movimenti mhux awtorizzati fl-Unjoni, l-adattabilità rapida ta' gruppi tal-kriminalità organizzata, l-iżvilupp ta' modi operandi ġodda u ta' metodi sofistikati jirrikjedu b'urġenza tiswiħ sinifikanti tar-rwol taċ-ċentru tal-Unjoni tal-Europol ta' għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin billi jiġi stabbilit bħala struttura permanenti fi ħdan il-Europol u billi jissaħħaħ il-livell tal-involviment tiegħu fis-sostenn lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn. Ismu jenħtieġ li jkun iċ-"Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti". | Iż-żidiet fil-wasliet ***illegali*** fl-Unjoni u f'movimenti mhux awtorizzati fl-Unjoni, l-adattabilità rapida ta' gruppi tal-kriminalità organizzata, l-iżvilupp ta' modi operandi ġodda u ta' metodi sofistikati jirrikjedu b'urġenza tiswiħ sinifikanti tar-rwol taċ-ċentru tal-Unjoni tal-Europol ta' għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin billi jiġi stabbilit bħala struttura permanenti fi ħdan il-Europol u billi jissaħħaħ il-livell tal-involviment tiegħu fis-sostenn lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn. Ismu jenħtieġ li jkun iċ-"Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti". |
| | Or. pl |

**Emenda 72**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(4) Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jenħtieġ li jipprovdi sostenn strateġiku, operazzjonali u tekniku lill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda kontra dawn. Bħala parti mill-kompiti strateġiċi tiegħu, jenħtieġ li jipprovdi qafas għall-implimentazzjoni ta' prijoritajiet strateġiċi u operazzjonali tal-Unjoni billi jimmonitorja x-xejriet fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u fit-traffikar ta' bnedmin. Għal dak l-għan, jenħtieġ li jipprovdi rapporti annwali, analiżijiet strateġiċi, valutazzjonijiet tat-theddidiet u aġġornamenti tas-sitwazzjoni dwar ir-*** | ***imħassar*** |

***rotot migratorji u l-modi operandi, filwaqt li jinkludi indikazzjonijiet li partijiet privati jistgħu jintużaw għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u għat-traffikar ta' bnedmin. Fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-kompiti strateġiċi u operazzjonali tiegħu, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jenħtieġ li jikkoopera mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u mal-missjonijiet u mal-operazzjonijiet tal-Politika tas-Sigurtà u tad-Difiża Komuni, meta xieraq u rilevanti, f'konformità mal-mandati u mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, kif ukoll f'konformità mal-mandat tal-Europol.***

Or. en

**Emenda 73**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(4) Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jenħtieġ li jipprovdi sostenn strateġiku, operazzjonali u tekniku lill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda kontra dawn. Bħala parti mill-kompiti strateġiċi tiegħu, jenħtieġ li jipprovdi qafas għall-implimentazzjoni ta' prijoritajiet strateġiċi u operazzjonali tal-Unjoni billi jimmonitorja x-xejriet fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u fit-traffikar ta' bnedmin. Għal dak l-għan, jenħtieġ li jipprovdi rapporti annwali, analiżijiet strateġiċi, valutazzjonijiet tat-theddidiet u aġġornamenti tas-sitwazzjoni dwar ir-rotot migratorji u l-modi operandi, filwaqt li jinkludi indikazzjonijiet li partijiet*** | ***imħassar*** |

***privati jistgħu jintużaw għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u għat-traffikar ta' bnedmin. Fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-kompiti strateġiċi u operazzjonali tiegħu, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jenħtieġ li jikkoopera mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u mal-missjonijiet u mal-operazzjonijiet tal-Politika tas-Sigurtà u tad-Difiża Komuni, meta xieraq u rilevanti, f'konformità mal-mandati u mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, kif ukoll f'konformità mal-mandat tal-Europol.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-tħassir li ġej tal-Premessi 4-16 huwa relatat mat-tħassir tal-Artikoli dwar ir-regolament awtonomu u l-governanza taċ-ċentru.*

**Emenda 74**
**Jan-Christoph Oetjen, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Hilde Vautmans, Nikola Minchev, Sophie Wilmès**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jenħtieġ li jipprovdi sostenn strateġiku, operazzjonali u tekniku lill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda ***kontra dawn***. Bħala parti mill-kompiti strateġiċi tiegħu, jenħtieġ li jipprovdi qafas għall-implimentazzjoni ta' prijoritajiet strateġiċi u operazzjonali tal-Unjoni billi jimmonitorja x-xejriet fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u fit-traffikar ta' bnedmin. Għal dak l-għan**,** jenħtieġ li jipprovdi rapporti annwali, analiżijiet strateġiċi, | (4) Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jenħtieġ li jipprovdi sostenn strateġiku, operazzjonali u tekniku lill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda ***kontrihom***. Bħala parti mill-kompiti strateġiċi tiegħu, jenħtieġ li jipprovdi qafas għall-implimentazzjoni ta' prijoritajiet strateġiċi u operazzjonali tal-Unjoni billi jimmonitorja x-xejriet fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u fit-traffikar ta' bnedmin. Għal dak l-għan jenħtieġ li jipprovdi rapporti annwali, analiżijiet strateġiċi, valutazzjonijiet ***tat-theddid*** u |

valutazzjonijiet ***tat-theddidiet*** u aġġornamenti tas-sitwazzjoni dwar ir-rotot migratorji u l-modi operandi, ***filwaqt li jinkludi*** indikazzjonijiet li partijiet privati jistgħu jintużaw għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u għat-traffikar ta' bnedmin. Fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-kompiti strateġiċi u operazzjonali tiegħu, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jenħtieġ li jikkoopera mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u mal-missjonijiet u mal-operazzjonijiet tal-Politika tas-Sigurtà u tad-Difiża Komuni, meta xieraq u rilevanti, ***f'konformità mal-mandati*** u mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, kif ukoll f'konformità mal-mandat tal-Europol.

aġġornamenti tas-sitwazzjoni dwar ir-rotot migratorji u l-modi operandi, ***inklużi*** indikazzjonijiet li partijiet privati jistgħu jintużaw għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u għat-traffikar ta' bnedmin***, filwaqt li jqis id-data diġà eżistenti mill-aġenziji tal-UE bħall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jew l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil***. Fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-kompiti strateġiċi u operazzjonali tiegħu, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jenħtieġ li jikkoopera mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u mal-missjonijiet u mal-operazzjonijiet tal-Politika tas-Sigurtà u tad-Difiża Komuni, meta xieraq u rilevanti, ***skont il-mandati*** u mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, kif ukoll f'konformità mal-mandat tal-Europol.

Or. en

**Emenda 75**
**Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jenħtieġ li jipprovdi sostenn strateġiku, operazzjonali u tekniku lill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda ***kontra dawn***. Bħala parti mill-kompiti strateġiċi tiegħu, jenħtieġ li jipprovdi qafas għall-implimentazzjoni ta' prijoritajiet strateġiċi u operazzjonali tal-Unjoni billi jimmonitorja x-xejriet fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u fit-traffikar ta' bnedmin. Għal dak l-għan, jenħtieġ li jipprovdi rapporti | (4) Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jenħtieġ li jipprovdi sostenn strateġiku, ***interdixxipplinari,*** operazzjonali u tekniku lill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda ***kontrihom***. Bħala parti mill-kompiti strateġiċi tiegħu, jenħtieġ li jipprovdi qafas għall-implimentazzjoni ta' prijoritajiet strateġiċi u operazzjonali tal-Unjoni billi jimmonitorja x-xejriet ***u l-iżviluppi*** fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u fit-traffikar ta' bnedmin. Għal |

| | |
|---|---|
| annwali, analiżijiet strateġiċi, valutazzjonijiet tat-theddidiet u aġġornamenti tas-sitwazzjoni dwar ir-rotot migratorji u l-modi operandi, filwaqt li jinkludi indikazzjonijiet li partijiet privati jistgħu jintużaw għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u għat-traffikar ta' bnedmin. Fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-kompiti strateġiċi u operazzjonali tiegħu, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jenħtieġ li jikkoopera mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u mal-missjonijiet u mal-operazzjonijiet tal-Politika tas-Sigurtà u tad-Difiża Komuni, meta xieraq u rilevanti, ***f'konformità mal-mandati*** u mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, kif ukoll f'konformità mal-mandat tal-Europol. | dak l-għan, jenħtieġ li jipprovdi rapporti annwali, analiżijiet strateġiċi, valutazzjonijiet tat-theddidiet ***u tar-riskji*** u aġġornamenti tas-sitwazzjoni dwar ir-rotot migratorji u l-modi operandi, filwaqt li jinkludi indikazzjonijiet li partijiet privati jistgħu jintużaw għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u għat-traffikar ta' bnedmin. Fil-kuntest tal-eżekuzzjoni tal-kompiti strateġiċi u operazzjonali tiegħu, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jenħtieġ li jikkoopera mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u mal-missjonijiet u mal-operazzjonijiet tal-Politika tas-Sigurtà u tad-Difiża Komuni, meta xieraq u rilevanti, ***skont il-mandati*** u mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, kif ukoll f'konformità mal-mandat tal-Europol. |

Or. en

**Emenda 76**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(5) Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jenħtieġ li jipprovdi mezz sabiex jissaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Europol u aġenziji oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Eurojust u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, f'konformità mal-oqfsa legali rispettivi tagħhom, inkluż permezz ta' arranġamenti ta' ħidma bejn l-aġenziji tal-Unjoni.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 77**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji dwar ***il-faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti u ***t-traffikar*** ta' bnedmin, ***iċ-Ċentru*** Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti ***jenħtieġ li*** jipprovdi mezz ***sabiex*** jissaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Europol u aġenziji ***oħrajn*** tal-Unjoni, b'mod partikolari ***l-Eurojust u l-Aġenzija*** Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, ***f'konformità mal-oqfsa*** legali rispettivi tagħhom***, inkluż permezz ta' arranġamenti ta' ħidma bejn l-aġenziji tal-Unjoni***. | (5) Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji dwar ***il-ġlieda kontra l-organizzazzjonijiet u n-networks kriminali involuti fil-faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti u ***fit-traffikar*** ta' bnedmin, ***jenħtieġ li ċ-Ċentru*** Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jipprovdi mezz ***biex*** jissaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni ***effettivi u trasparenti*** bejn il-Europol u aġenziji ***oħra*** tal-Unjoni, b'mod partikolari ***mal-Eurojust u mal-Aġenzija*** Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, ***skont l-oqfsa*** legali rispettivi tagħhom***. Il-kooperazzjoni bejn il-Europol u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ma għandha taħt l-ebda ċirkostanza, tmur lil hinn mir-Regolament (UE) 2019/1896. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas ta' governanza ċar u trasparenti bi rwoli, kompiti, responsabbiltajiet u akkontabilità definiti sew tal-partijiet ikkonċernati kollha involuti, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskambji ta' data personali, u jenħtieġ li l-JPSG jiġi infurmat***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bidla fil-formulazzjoni "il-ġlieda kontra l-organizzazzjonijiet u n-networks kriminali" tapplika għat-test kollu.*

**Emenda 78**
**Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jenħtieġ li jipprovdi mezz sabiex jissaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Europol u aġenziji oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Eurojust u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, ***f'konformità mal-oqfsa*** legali rispettivi tagħhom, inkluż permezz ta' arranġamenti ta' ħidma bejn l-aġenziji tal-Unjoni. | (5) Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jenħtieġ li jipprovdi mezz sabiex jissaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Europol u aġenziji oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Eurojust u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, ***skont l-oqfsa*** legali rispettivi tagħhom, inkluż permezz ta' arranġamenti ta' ħidma bejn l-aġenziji tal-Unjoni. ***Sabiex tissaħħaħ din il-kooperazzjoni, ir-rwoli ta' kull parti jridu jiġu ċċarati sabiex kull aġenzija topera fi ħdan il-qafas legali tagħha stess u biss meta dan ikun meħtieġ, jiġifieri, meta l-fatt li jaġixxu flimkien jipprovdi valur miżjud.*** |

Or. en

**Emenda 79**
**Jan-Christoph Oetjen, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Hilde Vautmans**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jenħtieġ li jipprovdi mezz sabiex jissaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Europol u aġenziji oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Eurojust u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, ***f'konformità mal-oqfsa*** legali rispettivi tagħhom, inkluż | (5) Sabiex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jenħtieġ li jipprovdi mezz sabiex jissaħħu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Europol u aġenziji oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Eurojust***, l-Aġenzija tal-UE għall-Asil*** u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, ***skont l-oqfsa*** legali rispettivi |

| | |
|---|---|
| permezz ta’ arranġamenti ta’ ħidma bejn l-aġenziji tal-Unjoni. | tagħhom, inkluż permezz ta’ arranġamenti ta’ ħidma bejn l-aġenziji tal-Unjoni. |

Or. en

**Emenda 80**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(6) Sabiex isostni l-analiżi strateġika tiegħu fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u tat-traffikar ta’ bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn, jenħtieġ li, għal kompiti strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta’ Dħul Klandestin ta’ Migranti jiġi sostnut minn qafas ta’ kooperazzjoni msawwar mill-persunal tal-Europol u jinvolvi rappreżentanti tal-Kummissjoni, tas-servizzi speċjalizzati tal-Istati Membri, tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Jenħtieġ li ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta’ Dħul Klandestin ta’ Migranti jorganizza wkoll laqgħa tal-entitajiet irrappreżentati fiċ-ċentru tal-anqas darbtejn fis-sena sabiex jiżgura tmexxija u koordinazzjoni effettivi fil-livell tal-Unjoni. Sabiex dak iċ-ċentru jkun jista’ jeżegwixxi l-kompiti tiegħu, jenħtieġ li strutturi interni rilevanti oħrajn tal-Europol jipprovdulu s-sostenn neċessarju kollu. Sabiex tiġi mmassimizzata l-effettività taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta’ Dħul Klandestin ta’ Migranti, jenħtieġ li l-Europol tkun tista’ tistieden, b’mod partikolari, lill-atturi ewlenin tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (“EMPACT”) kif ukoll lil korpi jew lil*** | ***imħassar*** |

***aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni meta jkun meħtieġ.***

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Bl-għan li għodod bħaċ-Ċentru jsiru aktar flessibbli, rapidi u effiċjenti, ma għandhomx jiżdiedu aspetti ta' organizzazzjoni mal-leġiżlazzjoni. Dawn għandhom jitħallew għad-diskrezzjoni tal-Bord ta' Amministrazzjoni. Din il-ġustifikazzjoni għandha tkun applikabbli għal emendi oħra simili.*

**Emenda 81**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(6) Sabiex isostni l-analiżi strateġika tiegħu fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn, jenħtieġ li, għal kompiti strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jiġi sostnut minn qafas ta' kooperazzjoni msawwar mill-persunal tal-Europol u jinvolvi rappreżentanti tal-Kummissjoni, tas-servizzi speċjalizzati tal-Istati Membri, tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Jenħtieġ li ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jorganizza wkoll laqgħa tal-entitajiet irrappreżentati fiċ-ċentru tal-anqas darbtejn fis-sena sabiex jiżgura tmexxija u koordinazzjoni effettivi fil-livell tal-Unjoni. Sabiex dak iċ-ċentru jkun jista' jeżegwixxi l-kompiti tiegħu, jenħtieġ li strutturi interni rilevanti oħrajn tal-Europol jipprovdulu s-sostenn neċessarju kollu. Sabiex tiġi mmassimizzata l-effettività taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-*** | ***imħassar*** |

***Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tistieden, b'mod partikolari, lill-atturi ewlenin tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali ("EMPACT") kif ukoll lil korpi jew lil aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni meta jkun meħtieġ.***

Or. en

**Emenda 82**
**Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Sabiex isostni l-analiżi strateġika tiegħu fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn, jenħtieġ li, għal kompiti strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jiġi sostnut minn qafas ta' kooperazzjoni msawwar mill-persunal tal-Europol u jinvolvi rappreżentanti tal-Kummissjoni, tas-servizzi speċjalizzati tal-Istati Membri, tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Jenħtieġ li ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jorganizza wkoll laqgħa tal-entitajiet irrappreżentati fiċ-ċentru tal-anqas darbtejn fis-sena sabiex jiżgura tmexxija u koordinazzjoni effettivi fil-livell tal-Unjoni. Sabiex dak iċ-ċentru jkun jista' jeżegwixxi l-kompiti tiegħu, jenħtieġ li strutturi interni rilevanti oħrajn tal-Europol jipprovdulu s-sostenn neċessarju kollu. Sabiex tiġi mmassimizzata l-effettività taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tistieden, b'mod | (6) Sabiex isostni l-analiżi strateġika tiegħu fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn, jenħtieġ li, għal kompiti strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jiġi sostnut minn qafas ta' kooperazzjoni msawwar mill-persunal tal-Europol u jinvolvi rappreżentanti tal-Kummissjoni, tas-servizzi speċjalizzati tal-Istati Membri, tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Jenħtieġ li ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jorganizza wkoll laqgħa tal-entitajiet irrappreżentati fiċ-ċentru tal-anqas darbtejn fis-sena sabiex jiżgura tmexxija u koordinazzjoni effettivi fil-livell tal-Unjoni. Sabiex dak iċ-ċentru jkun jista' jeżegwixxi l-kompiti tiegħu, jenħtieġ li strutturi interni rilevanti oħrajn tal-Europol jipprovdulu s-sostenn neċessarju kollu. Sabiex tiġi mmassimizzata l-effettività taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tistieden, b'mod |

| | |
|---|---|
| partikolari, lill-atturi ewlenin tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (“EMPACT”) kif ukoll lil korpi jew lil aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni meta jkun meħtieġ. | partikolari, lill-atturi ewlenin tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (“EMPACT”) kif ukoll lil korpi jew lil aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni meta jkun meħtieġ. ***Mill-inqas darba kull sentejn, jenħtieġ li l-Europol, bl-użu tal-baġit tagħha stess, tipprovdi taħriġ lil rappreżentanti tas-servizzi speċjalizzati tal-Istati Membri li jikkooperaw maċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta’ Dħul Klandestin ta’ Migranti biex tiġi żgurata kooperazzjoni unifikata u ta’ kwalità għolja.*** |
| | Or. pl |

**Emenda 83**
**Jan-Christoph Oetjen, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Hilde Vautmans**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Sabiex isostni l-analiżi strateġika tiegħu fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u tat-traffikar ta’ bnedmin u fil-ġlieda ***kontra dawn***, jenħtieġ li, għal kompiti strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta’ Dħul Klandestin ta’ Migranti jiġi sostnut minn qafas ta’ kooperazzjoni msawwar mill-persunal tal-Europol u jinvolvi rappreżentanti tal-Kummissjoni, tas-servizzi speċjalizzati tal-Istati Membri, tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust) u tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Jenħtieġ li ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta’ Dħul Klandestin ta’ Migranti jorganizza wkoll laqgħa tal-entitajiet irrappreżentati fiċ-ċentru tal-anqas darbtejn fis-sena sabiex jiżgura tmexxija u koordinazzjoni effettivi fil-livell tal-Unjoni. Sabiex dak iċ-ċentru jkun jista’ jeżegwixxi l-kompiti tiegħu, jenħtieġ li strutturi interni rilevanti oħrajn tal-Europol | (6) Sabiex isostni l-analiżi strateġika tiegħu fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u tat-traffikar ta’ bnedmin u fil-ġlieda ***kontrihom***, jenħtieġ li, għal kompiti strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta’ Dħul Klandestin ta’ Migranti jiġi sostnut minn qafas ta’ kooperazzjoni msawwar mill-persunal tal-Europol u jinvolvi rappreżentanti tal-Kummissjoni, tas-servizzi speċjalizzati tal-Istati Membri, tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)***, tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil*** u tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Jenħtieġ li ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta’ Dħul Klandestin ta’ Migranti jorganizza wkoll laqgħa tal-entitajiet irrappreżentati fiċ-ċentru tal-anqas darbtejn fis-sena sabiex jiżgura tmexxija u koordinazzjoni effettivi fil-livell tal-Unjoni. Sabiex dak iċ-ċentru jkun jista’ jeżegwixxi l-kompiti tiegħu, jenħtieġ li |

| | |
|---|---|
| jipprovdulu s-sostenn neċessarju kollu. Sabiex tiġi mmassimizzata l-effettività taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tistieden, b'mod partikolari, lill-atturi ewlenin tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali ("EMPACT") kif ukoll lil korpi jew lil aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni meta jkun meħtieġ. | strutturi interni rilevanti oħrajn tal-Europol jipprovdulu s-sostenn neċessarju kollu. Sabiex tiġi mmassimizzata l-effettività taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tistieden, b'mod partikolari, lill-atturi ewlenin tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali ("EMPACT") kif ukoll lil korpi jew lil aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni meta jkun meħtieġ. |

Or. en

**Emenda 84**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(7) Bħala parti mis-sostenn operazzjonali u tekniku lill-Istati Membri, jenħtieġ li ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jiżgura l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet investigattivi u operazzjonali tal-Istati Membri, inkluż permezz tas-sostenn għall-iskambju ta' informazzjoni, għall-operazzjonijiet u għall-investigazzjonijiet transfruntiera tal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-qafas tal-EMPACT, inkluż billi jipprovdi sostenn operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Europol tipprovdi sostenn lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni ta' każijiet ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u ta' traffikar ta' bnedmin meta jkun meħtieġ li jinbdew investigazzjonijiet, meta jkun hemm bżonn f'kollegament mal-Eurojust, f'każijiet li jeħtieġu l-istabbiliment ta' task forces operazzjonali jew l-iskjerament tal-Europol għal sostenn operazzjonali, u f'każijiet li jistgħu jeħtieġu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-*** | ***imħassar*** |

***iskambju ta' data personali.***

Or. en

**Emenda 85**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Bħala parti mis-sostenn operazzjonali u tekniku lill-Istati Membri, jenħtieġ li ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jiżgura l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet investigattivi u operazzjonali tal-Istati Membri, inkluż permezz tas-sostenn għall-iskambju ta' informazzjoni, għall-operazzjonijiet u għall-investigazzjonijiet transfruntiera tal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-qafas tal-EMPACT, inkluż billi jipprovdi sostenn operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Europol tipprovdi sostenn lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni ta' każijiet ta' ***faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti u ***ta' traffikar*** ta' bnedmin meta jkun meħtieġ li jinbdew investigazzjonijiet, meta jkun hemm bżonn f'kollegament mal-Eurojust, f'każijiet li jeħtieġu l-istabbiliment ta' task forces operazzjonali jew ***l-iskjerament*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, u f'każijiet li jistgħu jeħtieġu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-iskambju ta' data personali. | (7) Bħala parti mis-sostenn operazzjonali u tekniku lill-Istati Membri, jenħtieġ li ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jiżgura l-koordinazzjoni ta' azzjonijiet investigattivi u operazzjonali tal-Istati Membri, inkluż permezz tas-sostenn għall-iskambju ta' informazzjoni, għall-operazzjonijiet u għall-investigazzjonijiet transfruntiera tal-Istati Membri, b'mod partikolari fil-qafas tal-EMPACT, inkluż billi jipprovdi sostenn operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Europol tipprovdi sostenn lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni ta' każijiet ta' ***organizzazzjonijiet u networks kriminali involuti fil-faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti u ***fit-traffikar*** ta' bnedmin meta jkun meħtieġ li jinbdew investigazzjonijiet, meta jkun hemm bżonn f'kollegament mal-Eurojust, f'każijiet li jeħtieġu l-istabbiliment ta' task forces operazzjonali jew ***il-mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, u f'każijiet li jistgħu jeħtieġu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-iskambju ta' data personali. |

Or. en

**Emenda 86**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz, Ana Catarina Mendes**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(7a) Il-ġbir ta' data personali, fil-kuntest tal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin, jenħtieġ li jitwettaq mill-Europol skont il-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop u l-prinċipji tal-ħtieġa u tal-proporzjonalità, f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament 2016/794. Il-ġbir u l-ipproċessar ulterjuri kollha tad-data personali jridu jikkonformaw mal-istandards applikabbli tal-protezzjoni tad-data biex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali.*** |

Or. en

**Emenda 87**
**Nikola Minchev, Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(8) Fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza jew ta' salvagwardji adegwati jew xierqa għall-protezzjoni tad-data, it-trasferiment ta' data personali mill-Europol lil pajjiżi terzi jista' jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 25(5) tar-Regolament (UE) 2016/794. B'mod partikolari, każijiet ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti identifikati miċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti li jeħtieġu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi jistgħu jeħtieġu trasferimenti ta' data personali f'każijiet individwali għall-fini ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' detezzjoni jew ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali, jew ta'*** | ***imħassar*** |

***eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet kriminali.***

Or. en

**Emenda 88**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(8) Fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza jew ta' salvagwardji adegwati jew xierqa għall-protezzjoni tad-data, it-trasferiment ta' data personali mill-Europol lil pajjiżi terzi jista' jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 25(5) tar-Regolament (UE) 2016/794. B'mod partikolari, każijiet ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti identifikati miċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti li jeħtieġu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi jistgħu jeħtieġu trasferimenti ta' data personali f'każijiet individwali għall-fini ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' detezzjoni jew ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali, jew ta' eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet kriminali.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 89**
**Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza jew ta' salvagwardji adegwati jew xierqa għall-protezzjoni tad-data, it-trasferiment ta' data personali mill-Europol lil pajjiżi terzi jista' jitwettaq f'konformità | (8) Fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza jew ta' salvagwardji adegwati jew xierqa għall-protezzjoni tad-data, it-trasferiment ta' data personali mill-Europol lil pajjiżi terzi jista' jitwettaq f'konformità |

| | |
|---|---|
| mal-Artikolu 25(5) tar-Regolament (UE) 2016/794. B'mod partikolari, każijiet ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti identifikati miċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti li jeħtieġu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi jistgħu jeħtieġu trasferimenti ta' data personali f'każijiet individwali għall-fini ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' detezzjoni jew ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali, jew ta' eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet kriminali. | mal-Artikolu 25(5) tar-Regolament (UE) 2016/794. B'mod partikolari, każijiet ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti identifikati miċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti li jeħtieġu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi jistgħu jeħtieġu trasferimenti ta' data personali f'każijiet individwali għall-fini ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' detezzjoni jew ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali, jew ta' eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet kriminali. ***Fejn ikun meħtieġ li tiġi kkomunikata informazzjoni pprovduta preċedentement minn Stat Membru lil parti terza, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti jenħtieġ li jikkonsulta lil dak l-Istat Membru. Darba fix-xahar, il-Europol għandha tevalwa l-proċess tat-trażmissjoni tad-data lil partijiet terzi, filwaqt li tqis l-użu intenzjonat tad-data min-naħa tar-riċevituri.*** |
| | Or. pl |

**Emenda 90**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz, Ana Catarina Mendes**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) ***Fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza jew ta' salvagwardji adegwati jew xierqa għall-protezzjoni tad-data, it-trasferiment*** ta' data personali ***mill-Europol*** lil pajjiżi terzi ***jista' jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 25(5) tar-Regolament (UE) 2016/794. B'mod partikolari, każijiet ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti identifikati miċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti li jeħtieġu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi jistgħu jeħtieġu trasferimenti*** | (8) ***It-trasferimenti*** ta' data personali lil pajjiżi terzi ***mill-Europol jenħtieġ li jkomplu jsiru biss f'każijiet eċċezzjonali u jenħtieġ li jkunu soġġetti għal valutazzjonijiet rigward ħtieġa stretta u proporzjonalità, f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 25 tar-Regolament 2016/794***. |

***ta' data personali f'każijiet individwali għall-fini ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' detezzjoni jew ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali, jew ta' eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet kriminali***.

Or. en

**Emenda 91**
**Nikola Minchev, Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) ***Fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza jew ta' salvagwardji adegwati jew xierqa għall-protezzjoni tad-data, it-trasferiment ta' data personali mill-Europol lil pajjiżi terzi jista' jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 25(5) tar-Regolament (UE) 2016/794. B'mod partikolari, każijiet ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti identifikati miċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti li jeħtieġu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi jistgħu jeħtieġu trasferimenti ta' data personali f'każijiet individwali għall-fini ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' detezzjoni jew ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali, jew ta' eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet kriminali***. | (8) ***Kwalunkwe pproċessar ta' data bijometrika jrid ikun strettament meħtieġ u proporzjonat, filwaqt li jiżgura konformità sħiħa mar-Regolament (UE) 2018/1725[1a]. L-Europol jenħtieġ li timplimenta salvagwardji speċifiċi, inklużi mekkaniżmi ta' sorveljanza indipendenti u ta' rieżami perjodiku, biex tipprevjeni l-aċċess mhux awtorizzat u l-użu ħażin tad-data bijometrika***. |

***[1a] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE.***

Or. en

**Emenda 92**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) ***Fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza jew ta' salvagwardji adegwati jew xierqa għall-protezzjoni tad-data,*** it-trasferiment ta' data personali mill-Europol lil pajjiżi terzi ***jista'*** jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 25(5) tar-Regolament (UE) 2016/794. ***B'mod partikolari, każijiet ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti identifikati miċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti li jeħtieġu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi jistgħu jeħtieġu trasferimenti ta' data*** personali ***f'każijiet individwali għall-fini ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' detezzjoni jew ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali, jew ta' eżekuzzjoni ta' sanzjonijiet kriminali***. | (8) It-trasferiment ta' data personali mill-Europol lil pajjiżi terzi ***jenħtieġ li*** jitwettaq f'konformità mal-Artikolu 25(5) tar-Regolament (UE) 2016/794. ***Id-derogi ma jistgħux ikunu applikabbli għal trasferimenti sistematiċi, massivi jew strutturali. Meta l-Europol, l-EDPS jew il-JPSG jaslu għall-konklużjoni li hemm indikazzjonijiet preliminari li d-data*** personali ***trasferita hija sproporzjonata, mhux meħtieġa għall-investigazzjoni kriminali fl-Istat Membru jew li tinġabar bi ksur tad-drittijiet fundamentali jew tad-dritt internazzjonali, il-Europol jenħtieġ li tħassarha***. |

Or. en

**Emenda 93**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz, Ana Catarina Mendes**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Peress li hija kategorija speċjali ta' data personali, l-ipproċessar ta' data bijometrika huwa partikolarment sensittiv u jirrikjedi salvagwardji stretti biex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u tad-data personali. Fil-kuntest tal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul*** |

***klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin, jenħtieġ li l-ġbir u l-ipproċessar ta' data bijometrika jitwettqu f'konformità sħiħa mal-istandards stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a]. Kwalunkwe pproċessar ta' data bijometrika jenħtieġ li jkun strettament meħtieġ u proporzjonat għall-objettiv segwit u jenħtieġ li jkun soġġett għal sorveljanza stretta, filwaqt li jiġi żgurat li tali data tiġi ttrattata bl-ogħla livell ta' sigurtà u skont ir-rekwiżiti tad-drittijiet fundamentali.***

---

***[1a] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2016/680/oj).***

Or. en

**Emenda 94**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(9) Għall-fini tat-tisħiħ tas-sostenn operazzjonali u tekniku għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda kontra dawn, jenħtieġ li ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, għal*** | ***imħassar*** |

***kompiti operazzjonali, jinvolvi lill-uffiċjali ta' kollegament mill-Istati Membri, mill-Eurojust u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta sabiex jiżguraw koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni effettivi, f'waqthom u sistematiċi dwar il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiżgura kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-aġenziji fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom u mal-Istati Membri. Jenħtieġ li strutturi interni rilevanti oħrajn tal-Europol jipprovdu wkoll is-sostenn neċessarju kollu. L-uffiċjali ta' kollegament mill-Eurojust u l-uffiċjali ta' kollegament mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jenħtieġ li jkunu stazzjonati bħala rappreżentanti permanenti għall-Europol għal dan l-għan. Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tinvolvi korpi jew aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni sabiex jużaw l-għarfien espert li jaqa' fi ħdan il-kompetenzi tagħhom, meta rilevanti.***

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-ġustifikazzjoni għall-premessa 6.*

**Emenda 95**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(9) Għall-fini tat-tisħiħ tas-sostenn operazzjonali u tekniku għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda kontra dawn, jenħtieġ li ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, għal*** | ***imħassar*** |

***kompiti operazzjonali, jinvolvi lill-uffiċjali ta' kollegament mill-Istati Membri, mill-Eurojust u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta sabiex jiżguraw koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni effettivi, f'waqthom u sistematiċi dwar il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiżgura kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-aġenziji fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom u mal-Istati Membri. Jenħtieġ li strutturi interni rilevanti oħrajn tal-Europol jipprovdu wkoll is-sostenn neċessarju kollu. L-uffiċjali ta' kollegament mill-Eurojust u l-uffiċjali ta' kollegament mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jenħtieġ li jkunu stazzjonati bħala rappreżentanti permanenti għall-Europol għal dan l-għan. Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tinvolvi korpi jew aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni sabiex jużaw l-għarfien espert li jaqa' fi ħdan il-kompetenzi tagħhom, meta rilevanti.***

Or. en

**Emenda 96**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) ***Għall-fini tat-tisħiħ tas-sostenn operazzjonali u tekniku għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda kontra dawn, jenħtieġ li ċ-Ċentru*** Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti***, għal*** kompiti operazzjonali, jinvolvi ***lill-uffiċjali*** ta' kollegament mill-Istati Membri, ***mill-Eurojust u mill-Aġenzija*** Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ***sabiex*** | (9) ***Iċ-Ċentru*** Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti ***jista', għall -***kompiti operazzjonali, jinvolvi ***uffiċjali*** ta' kollegament mill-Istati Membri, ***il-Eurojust u l-Aġenzija*** Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ***biex jiżgura*** koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni effettivi, f'waqthom u sistematiċi dwar il-ġlieda kontra ***organizzazzjonijiet u networks kriminali*** |

***jiżguraw*** koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni effettivi, f'waqthom u sistematiċi dwar il-ġlieda kontra ***l-faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti u ***kontra t-traffikar*** ta' bnedmin fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiżgura kooperazzjoni aktar ***b'saħħitha bejn l-aġenziji*** fi ħdan ***il-kompetenzi*** rispettivi tagħhom ***u*** mal-Istati Membri***.*** Jenħtieġ li ***strutturi interni*** rilevanti ***oħrajn tal-Europol jipprovdu wkoll is-sostenn neċessarju kollu. L-uffiċjali ta' kollegament mill-Eurojust u l-uffiċjali ta' kollegament mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jenħtieġ li jkunu stazzjonati bħala rappreżentanti permanenti għall-Europol għal dan l-għan. Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tinvolvi korpi jew aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni sabiex jużaw l-għarfien espert li jaqa' fi ħdan il-kompetenzi tagħhom, meta rilevanti***.

***involuti fil-faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti u ***fit-traffikar*** ta' bnedmin fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiżgura kooperazzjoni ***bejn l-aġenziji*** aktar ***effiċjenti u trasparenti*** fi ħdan ***l-oqfsa legali*** rispettivi tagħhom***, kif ukoll kooperazzjoni*** mal-Istati Membri ***u ma' partijiet ikkonċernati oħra f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794. Tali kooperazzjoni*** jenħtieġ li ***tkun f'konformità mad-drittijiet u mal-libertajiet fundamentali kif minquxa fil-Karta u fil-qafas tal-protezzjoni tad-data tal-UE. Meta*** rilevanti***, il-Europol tista' tinvolvi korpi jew aġenziji rilevanti oħra tal-Unjoni biex jużaw l-għarfien espert li jaqa' taħt il-kompetenzi tagħhom u għall-fini tal-prevenzjoni u tal-ġlieda kontra organizzazzjonijiet u networks kriminali involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u fit-traffikar ta' bnedmin. L-istrutturi interni ta' kwalunkwe ċentru minn dawk speċjalizzati fil-Europol, b'mod partikolari ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, u l-partijiet ikkonċernati li jagħmlu parti minnhom, jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-pubbliku u jenħtieġ li l-JPSG jiġi infurmat***.

Or. en

**Emenda 97**
**Nikola Minchev**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Għall-fini tat-tisħiħ tas-sostenn operazzjonali u tekniku għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda ***kontra dawn***, jenħtieġ li ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, għal kompiti | (9) Għall-fini tat-tisħiħ tas-sostenn operazzjonali u tekniku għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda ***kontrihom***, jenħtieġ li ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, għal kompiti |

operazzjonali, jinvolvi lill-uffiċjali ta' kollegament mill-Istati Membri, mill-Eurojust u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta sabiex jiżguraw koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni effettivi, f'waqthom u sistematiċi dwar il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiżgura kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-aġenziji fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom u mal-Istati Membri. Jenħtieġ li strutturi interni rilevanti oħrajn tal-Europol jipprovdu wkoll is-sostenn neċessarju kollu. L-uffiċjali ta' kollegament mill-Eurojust u l-uffiċjali ta' kollegament mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jenħtieġ li jkunu stazzjonati bħala rappreżentanti permanenti għall-Europol għal dan l-għan. Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tinvolvi korpi jew aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni sabiex jużaw l-għarfien espert li jaqa' fi ħdan il-kompetenzi tagħhom, meta rilevanti.

operazzjonali, jinvolvi lill-uffiċjali ta' kollegament mill-Istati Membri, mill-Eurojust u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta sabiex jiżguraw koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni effettivi, f'waqthom u sistematiċi dwar il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiżgura kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-aġenziji fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom u mal-Istati Membri. Jenħtieġ li strutturi interni rilevanti oħrajn tal-Europol jipprovdu wkoll is-sostenn neċessarju kollu. L-uffiċjali ta' kollegament mill-Eurojust u l-uffiċjali ta' kollegament mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jenħtieġ li jkunu stazzjonati bħala rappreżentanti permanenti għall-Europol għal dan l-għan***. Minħabba l-fondi limitati attwalment disponibbli għall-Eurojust għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin, il-mobilizzazzjoni tal-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurojust jenħtieġ li tiġi ffinanzjata mill-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea***. Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tinvolvi korpi jew aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni sabiex jużaw l-għarfien espert li jaqa' fi ħdan il-kompetenzi tagħhom, meta rilevanti.

Or. en

**Emenda 98**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz, Ana Catarina Mendes**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Għall-fini tat-tisħiħ tas-sostenn operazzjonali u tekniku għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall- | (9) Għall-fini tat-tisħiħ tas-sostenn operazzjonali u tekniku għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall- |

ġlieda ***kontra dawn***, jenħtieġ li ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, ***għal kompiti*** operazzjonali, jinvolvi lill-uffiċjali ta' kollegament mill-Istati Membri, mill-Eurojust u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta sabiex jiżguraw koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni effettivi, f'waqthom u sistematiċi dwar il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiżgura kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-aġenziji fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom u mal-Istati Membri. Jenħtieġ li strutturi interni rilevanti oħrajn tal-Europol jipprovdu wkoll is-sostenn neċessarju kollu. L-uffiċjali ta' kollegament mill-Eurojust u l-uffiċjali ta' kollegament mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jenħtieġ li jkunu stazzjonati bħala rappreżentanti permanenti għall-Europol għal dan l-għan. Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tinvolvi korpi jew aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni sabiex jużaw l-għarfien espert li jaqa' fi ħdan il-kompetenzi tagħhom, meta rilevanti.

ġlieda ***kontrihom***, jenħtieġ li ċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, ***għall-kompiti*** operazzjonali, jinvolvi lill-uffiċjali ta' kollegament mill-Istati Membri, mill-Eurojust u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta sabiex jiżguraw koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni effettivi, f'waqthom u sistematiċi dwar il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li jiżgura kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-aġenziji fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom u mal-Istati Membri***, filwaqt li jiddefinixxi b'mod ċar ir-rwoli u l-funzjonijiet rispettivi tagħhom sabiex jevita d-duplikazzjoni***. Jenħtieġ li strutturi interni rilevanti oħrajn tal-Europol jipprovdu wkoll is-sostenn neċessarju kollu. L-uffiċjali ta' kollegament mill-Eurojust u l-uffiċjali ta' kollegament mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jenħtieġ li jkunu stazzjonati bħala rappreżentanti permanenti għall-Europol għal dan l-għan. Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tinvolvi korpi jew aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni sabiex jużaw l-għarfien espert li jaqa' fi ħdan il-kompetenzi tagħhom, meta rilevanti.

Or. en

**Emenda 99**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) It-tisħiħ tal-qafas legali tal-Europol jipprovdi opportunità biex tiġi pprovduta ċarezza legali dwar il-kompetenzi, ir-rwoli, il-kompiti, ir-responsabbiltajiet u l-akkontabilità fir-rigward tal-kooperazzjoni bejn l-aġenziji*** |

***u l-partijiet ikkonċernati fil-ġlieda kontra l-organizzazzjonijiet u n-networks kriminali involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, b'mod partikolari fir-rigward tad-diviżjoni tal-oqsma tal-liġi kriminali u tal-kontroll tal-migrazzjoni. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li jiġu implimentati regoli vinkolanti ċari u trasparenti, li jkunu disponibbli għall-pubbliku u jenħtieġ li l-JPSG jiġi infurmat. Minħabba l-kompetenzi u n-natura tal-Frontex, il-Frontex jenħtieġ li ma tiġbor l-ebda tip ta' informazzjoni dwar persuni suspettati bi kwalunkwe reat transfruntier, inkluż il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin. Dan il-ġbir irid ikun strettament limitat għall-mandat tal-Europol, tal-Eurojust u tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, f'konformità mal-oqfsa legali rispettivi tagħhom, u jikkonċerna biss lill-persuni suspettati b'reati transfruntiera li dwarhom il-Europol, il-Eurojust u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom il-permess li jipproċessaw data personali biex iwettqu l-kompiti tagħhom.***

Or. en

**Emenda 100**
**Georgiana Teodorescu, Alessandro Ciriani, Charlie Weimers, Assita Kanko, Jadwiga Wiśniewska**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) Billi l-iskambju sistematiku ta' data personali relatata ma' persuni potenzjalment suspettati b'reat, f'konformità mal-mandati rispettivi tal-Frontex u tal-Europol, huwa essenzjali għall-identifikazzjoni u għall-inklużjoni tagħhom fil-prodotti operazzjonali tal-Europol, u b'hekk jikkostitwixxi*** |

***kundizzjoni indispensabbli li tippermetti azzjoni effettiva mill-Istati Membri għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, kif ukoll forom rilevanti oħra ta' kriminalità internazzjonali serja u terroriżmu;***

Or. en

**Emenda 101**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9b) Il-kooperazzjoni bejn il-Europol u l-Frontex jenħtieġ li tkun limitata għall-iskambju ta' informazzjoni skont l-oqfsa legali rispettivi tagħhom u t-trasferimenti ta' data personali bejniethom jenħtieġ li jkunu konformi mar-Regolament (UE) 2018/1725. Tali trasferimenti jkunu ġustifikati u rilevanti għall-objettiv tal-Europol li tiġġieled kontra organizzazzjonijiet u networks kriminali involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u fit-traffikar ta' bnedmin. Kull meta jkun hemm trasferiment ta' data personali bejn il-Europol u l-Frontex, kull aġenzija jenħtieġ li tkun responsabbli mill-verifika tal-ħtieġa u tal-proporzjonalità tad-data personali għall-ġlieda kontra l-organizzazzjonijiet u n-networks kriminali involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u fit-traffikar ta' bnedmin. Il-kooperazzjoni bejn il-Europol u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ma għandha taħt l-ebda ċirkostanza, tmur lil hinn mir-Regolament (UE) 2019/1896. Kwalunkwe arranġament ta' ħidma bejn il-Europol u l-Frontex jenħtieġ li jkun konformi mal-oqfsa legali rispettivi tal-aġenziji u jikkonforma mal-qafas tal-UE dwar il-*** |

***protezzjoni tad-data.***

Or. en

**Emenda 102**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(10) L-EMPACT tiġbor flimkien firxa wiesgħa ta' awtoritajiet kompetenti f'approċċ ta' sħubija u tikkostitwixxi kemm il-qafas għal rispons koordinat kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja kif ukoll katalizzatur sabiex jiġu operazzjonalizzati l-politiki u l-istrateġiji tas-sigurtà tal-Unjoni. Sabiex jiżdied rispons multidixxiplinari, olistiku u konsistenti għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin, kif ukoll reati relatati u fatturi abilitanti, u għall-ġlieda kontra dawn, jenħtieġ li l-Europol u l-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha jżidu l-konnessjonijiet tagħhom fi ħdan l-EMPACT u s-sostenn operazzjonali għall-attivitajiet żviluppati minn dik il-pjattaforma.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 103**
**Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) L-EMPACT tiġbor flimkien firxa wiesgħa ta' awtoritajiet kompetenti f'approċċ ta' sħubija u tikkostitwixxi kemm il-qafas għal rispons koordinat | (10) L-EMPACT tiġbor flimkien firxa wiesgħa ta' awtoritajiet kompetenti f'approċċ ta' sħubija u tikkostitwixxi kemm il-qafas għal rispons koordinat |

| | |
|---|---|
| kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja kif ukoll katalizzatur sabiex jiġu operazzjonalizzati l-politiki u l-istrateġiji tas-sigurtà tal-Unjoni. Sabiex jiżdied rispons multidixxiplinari, olistiku u konsistenti għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti ***u*** tat-traffikar ta' bnedmin, kif ukoll reati relatati u fatturi abilitanti, u għall-ġlieda kontra dawn, jenħtieġ li l-Europol u l-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha jżidu l-konnessjonijiet tagħhom fi ħdan l-EMPACT u s-sostenn operazzjonali għall-attivitajiet żviluppati minn dik il-pjattaforma. | kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja kif ukoll katalizzatur sabiex jiġu operazzjonalizzati l-politiki u l-istrateġiji tas-sigurtà tal-Unjoni. Sabiex jiżdied rispons multidixxiplinari, olistiku u konsistenti għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti***,*** tat-traffikar ta' bnedmin ***u tal-migrazzjoni illegali***, kif ukoll reati relatati u fatturi abilitanti, u għall-ġlieda kontra dawn, jenħtieġ li l-Europol u l-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha jżidu l-konnessjonijiet tagħhom fi ħdan l-EMPACT u s-sostenn operazzjonali għall-attivitajiet żviluppati minn dik il-pjattaforma. |
| | Or. pl |

**Emenda 104**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) Jenħtieġ li f'konformità mal-preżunzjoni tal-innoċenza, il-persuni fiżiċi fl-Unjoni dejjem jiġu ġġudikati fuq l-imġiba reali tagħhom. Jenħtieġ li l-persuni fiżiċi qatt ma jiġu ġġudikati fuq imġiba bbażata unikament fuq it-tfassil tal-profili, ix-xejriet jew il-karatteristiċi tal-personalità tagħhom, bħan-nazzjonalità, il-post tat-twelid, il-post tar-residenza, kemm ikollhom tfal, il-livell ta' dejn jew it-tip ta' karozza, mingħajr suspett raġonevoli li dik il-persuna tkun involuta f'attività kriminali bbażata fuq fatti verifikabbli oġġettivi u mingħajr valutazzjoni umana tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu pprojbiti l-valutazzjonijiet tar-riskju mwettqa fir-rigward ta' persuni fiżiċi sabiex tiġi vvalutata l-probabbiltà li dawn iwettqu reat jew biex titbassar l-okkorrenza ta' reat kriminali reali jew potenzjali unikament abbażi tat-tfassil ta'*** |

***profili tagħhom jew tal-valutazzjoni tax-xejriet u tal-karatteristiċi tal-personalità tagħhom.***

Or. en

**Emenda 105**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(11) Sabiex jiġi żgurat l-involviment xieraq tal-awtoritajiet ġudizzjarji f'investigazzjonijiet kriminali għal reati relatati mal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u mat-traffikar ta' bnedmin, il-ħtieġa li jissaħħaħ il-mandat tal-Eurojust fir-rigward tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u fir-rigward tal-emendi fil-mandat tal-Europol jenħtieġ li tiġi evalwata bħala parti mill-evalwazzjoni f'konformità mal-Artikolu 69(1) tar-Regolament (UE) 2018/1727.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 106**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(11) Sabiex jiġi żgurat l-involviment xieraq tal-awtoritajiet ġudizzjarji f'investigazzjonijiet kriminali għal reati relatati mal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u mat-traffikar ta' bnedmin, il-ħtieġa li jissaħħaħ il-mandat tal-Eurojust fir-rigward tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u fir-rigward tal-emendi fil-mandat tal-Europol*** | ***imħassar*** |

***jenħtieġ li tiġi evalwata bħala parti mill-evalwazzjoni f'konformità mal-Artikolu 69(1) tar-Regolament (UE) 2018/1727.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-analiżi tista' tkun valida, iżda r-Regolament dwar il-Europol ma jiddeterminax il-futur tar-Regolament dwar il-Eurojust.*

**Emenda 107**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Sabiex jiġi żgurat ***l-involviment xieraq*** tal-awtoritajiet ġudizzjarji f'investigazzjonijiet kriminali għal reati relatati ***mal-faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti u ***mat-traffikar*** ta' bnedmin, il-ħtieġa li jissaħħaħ il-mandat tal-Eurojust fir-rigward ***tal-faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti u fir-rigward tal-emendi fil-mandat tal-Europol jenħtieġ li tiġi evalwata bħala parti mill-evalwazzjoni f'konformità mal-Artikolu 69(1) tar-Regolament (UE) 2018/1727. | (11) Sabiex jiġi żgurat ***id-dritt għal proċess ġust f'konformità mal-Karta, l-aċċess għall-awtoritajiet ġudizzjarji u għall-avukati tad-difiża jenħtieġ li dejjem jiġi ggarantit. Sabiex jiġi żgurat l-involviment*** tal-awtoritajiet ġudizzjarji f'investigazzjonijiet kriminali għal reati relatati ***mal-ġlieda kontra l-organizzazzjonijiet u n-networks involuti fil-faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti u ***fit-traffikar*** ta' bnedmin, il-ħtieġa li jissaħħaħ il-mandat tal-Eurojust fir-rigward ***tal-ġlieda kontra l-organizzazzjonijiet u n-networks involuti fil-faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti u fir-rigward tal-emendi fil-mandat tal-Europol jenħtieġ li tiġi evalwata bħala parti mill-evalwazzjoni f'konformità mal-Artikolu 69(1) tar-Regolament (UE) 2018/1727. |

Or. en

**Emenda 108**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(12) Jenħtieġ li l-Europol tkun il-hub ta' informazzjoni kriminali tal-Unjoni u taġixxi bħala fornitur ta' servizzi, b'mod partikolari billi tipprovdi network sigur għall-iskambju ta' data, bħall-applikazzjoni ta' network għall-iskambju sikur ta' informazzjoni (SIENA), bl-għan li jiġi ffaċilitat l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Europol, korpi oħrajn tal-Unjoni, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. Jenħtieġ li s-SIENA tippermetti komunikazzjoni u skambju ta' informazzjoni u intelligence operazzjonali u strateġiċi relatati mal-kriminalità rapidi, siguri u faċli għall-utent u li jkollha enfasi kbira fuq l-interoperabilità ma' sistemi oħrajn fil-Europol u fi stati u f'organizzazzjonijiet oħrajn li jikkooperaw.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 109**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Jenħtieġ li l-Europol tkun ***il-hub*** ta' informazzjoni kriminali tal-Unjoni u taġixxi bħala fornitur ta' servizzi, b'mod partikolari billi tipprovdi network sigur għall-iskambju ***ta' data***, bħall-applikazzjoni ta' network għall-iskambju ***sikur*** ta' informazzjoni (SIENA), bl-għan li ***jiġi ffaċilitat*** l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri***, il-Europol, korpi oħrajn tal-Unjoni, pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali***. Jenħtieġ li s-SIENA tippermetti komunikazzjoni u skambju ta' | (12) Jenħtieġ li l-Europol tkun ***iċ-ċentru*** ta' informazzjoni kriminali tal-Unjoni u taġixxi bħala fornitur ta' servizzi ***f'konformità stretta mad-drittijiet u mal-libertajiet fundamentali kif minquxa fil-Karta u fil-qafas applikabbli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data***, b'mod partikolari billi tipprovdi network sigur għall-iskambju ***tad-data***, bħall-applikazzjoni ta' network għall-iskambju ***sigur*** ta' informazzjoni (SIENA), bl-għan li ***tiffaċilita*** l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Jenħtieġ li s-SIENA |

informazzjoni u intelligence operazzjonali u strateġiċi ***relatati mal-kriminalità rapidi, siguri u faċli għall-utent u li jkollha enfasi kbira fuq l-interoperabilità ma' sistemi oħrajn fil-Europol u fi stati u f'organizzazzjonijiet oħrajn li jikkooperaw***.

tippermetti komunikazzjoni ***rapida, sigura u faċli għall-utent*** u skambju ta' informazzjoni u intelligence operazzjonali u strateġiċi ***fir-rigward tar-reati fil-mandat tal-Europol. L-iskambju ta' data permezz ta' SIENA jimplika responsabbiltajiet ċari għall-ipproċessar tad-data. Sabiex ikun żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-data, jenħtieġ li jiġu stipulati l-għan tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar u d-drittijiet tal-aċċess kif ukoll salvagwardji speċifiċi addizzjonali. B'mod partikolari, il-prinċipju tal-ħtieġa stretta u l-prinċipju tal-proporzjonalità jenħtieġ li jiġu osservati fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali***.

Or. en

**Emenda 110**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(13) L-involviment attiv tal-Istati Membri u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni mal-Europol huma kruċjali sabiex jiġi żgurat approċċ komprensiv u koordinat tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. Bil-ħsieb li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru servizzi speċjalizzati għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, filwaqt li jiżguraw li jkollhom riżorsi adegwati sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u li jkunu jistgħu jaqsmu informazzjoni dwar investigazzjonijiet kriminali mal-Europol b'mod effiċjenti u effettiv. Sabiex tiġi armonizzata l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Europol dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul*** | ***imħassar*** |

***klandestin ta' migranti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li s-servizzi dežinjati tagħhom għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti jkunu direttament konnessi mas-SIENA sabiex jiffaċilitaw il-kondiviżjoni ta' informazzjoni. Dan huwa allinjat mad-Direttiva (UE) 2023/977 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI. Jenħtieġ li l-uffiċjali ta' kollegament dwar l-immigrazzjoni tal-Istati Membri ppostjati f'pajjiżi terzi jikkondividu wkoll informazzjoni mal-Europol; għal dan l-għan, jenħtieġ li jkunu konnessi wkoll mas-SIENA sabiex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jwettqu l-kondiviżjoni ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 b'mod effiċjenti u effettiv.***

Or. en

**Emenda 111**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) L-involviment attiv tal-Istati Membri u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni mal-Europol huma kruċjali sabiex jiġi żgurat approċċ komprensiv u koordinat tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. ***Bil-ħsieb li jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru servizzi speċjalizzati għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, filwaqt li jiżguraw li jkollhom riżorsi adegwati sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u li jkunu jistgħu jaqsmu informazzjoni dwar*** | (13) L-involviment attiv tal-Istati Membri u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni mal-Europol huma kruċjali sabiex jiġi żgurat approċċ komprensiv u koordinat tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. |

***investigazzjonijiet kriminali mal-Europol b'mod effiċjenti u effettiv. Sabiex tiġi armonizzata l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Europol dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li s-servizzi dežinjati tagħhom għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti jkunu direttament konnessi mas-SIENA sabiex jiffaċilitaw il-kondiviżjoni ta' informazzjoni. Dan huwa allinjat mad-Direttiva (UE) 2023/977 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI. Jenħtieġ li l-uffiċjali ta' kollegament dwar l-immigrazzjoni tal-Istati Membri ppostjati f'pajjiżi terzi jikkondividu wkoll informazzjoni mal-Europol; għal dan l-għan, jenħtieġ li jkunu konnessi wkoll mas-SIENA sabiex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jwettqu l-kondiviżjoni ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 b'mod effiċjenti u effettiv.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-allinjament mat-tħassir tal-Artikolu 7.*

**Emenda 112**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) L-involviment attiv tal-Istati Membri u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni mal-Europol huma kruċjali sabiex jiġi żgurat approċċ komprensiv u koordinat tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. Bil-ħsieb li | (13) L-involviment attiv tal-Istati Membri u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni mal-Europol huma kruċjali sabiex jiġi żgurat approċċ komprensiv u koordinat tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. Bil-ħsieb li |

| | |
|---|---|
| jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru ***servizzi speċjalizzati għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, filwaqt li jiżguraw li jkollhom riżorsi adegwati sabiex jipprevjenu u jiġġieldu*** l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti ***u*** li jkunu jistgħu jaqsmu informazzjoni dwar investigazzjonijiet kriminali mal-Europol b'mod effiċjenti u effettiv. Sabiex tiġi armonizzata l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Europol dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li s-servizzi dedikati tagħhom għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti jkunu direttament konnessi mas-SIENA sabiex jiffaċilitaw il-kondiviżjoni ta' informazzjoni. Dan huwa allinjat mad-Direttiva (UE) 2023/977 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI. Jenħtieġ li l-uffiċjali ta' kollegament dwar l-immigrazzjoni tal-Istati Membri ppostjati f'pajjiżi terzi jikkondividu wkoll informazzjoni mal-Europol; għal dan l-għan, jenħtieġ li jkunu konnessi wkoll mas-SIENA sabiex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jwettqu l-kondiviżjoni ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 b'mod effiċjenti u effettiv. | jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Istati Membri jaħtru***, meta jkun xieraq minn fost l-istrutturi eżistenti, servizzi speċjalizzati għall-ġlieda kontra*** l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti li jkunu jistgħu jaqsmu informazzjoni dwar investigazzjonijiet kriminali mal-Europol b'mod effiċjenti u effettiv. Sabiex tiġi armonizzata l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Europol dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li s-servizzi dedikati tagħhom għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti jkunu direttament konnessi mas-SIENA sabiex jiffaċilitaw il-kondiviżjoni ta' informazzjoni. Dan huwa allinjat mad-Direttiva (UE) 2023/977 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI. Jenħtieġ li l-uffiċjali ta' kollegament dwar l-immigrazzjoni tal-Istati Membri ppostjati f'pajjiżi terzi jikkondividu wkoll informazzjoni mal-Europol; għal dan l-għan, jenħtieġ li jkunu konnessi wkoll mas-SIENA sabiex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jwettqu l-kondiviżjoni ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 b'mod effiċjenti u effettiv. |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa ċar li l-ħolqien ta' tali servizzi jirrikjedi l-allokazzjoni ta' riżorsi meħtieġa, iżda huwa preferibbli li l-Istati Membri jingħataw ċerta libertà, hekk kif il-maġġoranza tagħhom diġà jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet kbar biex jissodisfaw il-missjonijiet pre-eżistenti f'dan il-qasam.*

**Emenda 113**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) L-involviment attiv tal-Istati Membri ***u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni mal-Europol huma kruċjali sabiex jiġi żgurat approċċ komprensiv u koordinat tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti***. Bil-ħsieb li ***jissaħħu*** l-kapaċitajiet tal-Istati Membri, ***jenħtieġ li*** l-Istati Membri ***jaħtru*** servizzi speċjalizzati ***għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, filwaqt li jiżguraw li jkollhom riżorsi adegwati sabiex jipprevjenu u jiġġieldu l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u li jkunu jistgħu jaqsmu*** informazzjoni ***dwar investigazzjonijiet kriminali mal-Europol b'mod effiċjenti u effettiv. Sabiex tiġi armonizzata l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Europol dwar il-faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti, ***jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li s-servizzi dedikati tagħhom għall-ġlieda*** kontra ***l-faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti jkunu ***direttament konnessi mas-SIENA sabiex jiffaċilitaw il-kondiviżjoni ta' informazzjoni. Dan huwa allinjat mad-Direttiva (UE) 2023/977 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar l-iskambju*** ta' informazzjoni bejn ***l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI.*** Jenħtieġ li ***l-uffiċjali ta' kollegament dwar l-immigrazzjoni tal-Istati Membri ppostjati f'pajjiżi terzi jikkondividu wkoll informazzjoni mal-Europol; għal dan l-għan, jenħtieġ li*** jkunu konnessi ***wkoll mas-SIENA sabiex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jwettqu*** l-kondiviżjoni ta' informazzjoni ***msemmija fil-paragrafu 1 b'mod effiċjenti u effettiv***. | (13) L-involviment attiv tal-Istati Membri ***fil-kondiviżjoni ta' data u informazzjoni ta' kwalità għolja meħtieġa u proporzjonati mal-Europol huwa kruċjali biex tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva fl-infurzar tal-liġi***. Bil-ħsieb li ***tissaħħaħ il-kwalità tal-kooperazzjoni u*** l-kapaċitajiet tal-Istati Membri, l-Istati Membri ***jistgħu jiddeżinjaw*** servizzi speċjalizzati ***f'konformità mad-Direttiva (UE) 2023/977 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar l-iskambju ta'*** informazzjoni ***bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2006/960/JHA għall-ġlieda kontra l-organizzazzjonijiet u n-networks kriminali involuti fil-faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti, ***filwaqt li jiżguraw li jkollhom ir-riżorsi adegwati biex jipprevjenu u jiġġieldu*** kontra ***l-organizzazzjonijiet kriminali u n-networks involuti fil-faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti ***u*** jkunu ***jistgħu jikkondividu b'mod effiċjenti u effettiv id-data u l-informazzjoni ta' kwalità għolja meħtieġa u proporzjonati dwar investigazzjonijiet kriminali mal-Europol. Sabiex tiġi armonizzata tali kondiviżjoni*** ta' informazzjoni bejn ***l-Istati Membri u l-Europol dwar organizzazzjonijiet u networks kriminali involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti,*** jenħtieġ li ***l-Istati Membri jiżguraw li s-servizzi ddeżinjati tagħhom għall-ġlieda kontra l-organizzazzjonijiet u n-networks kriminali involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti*** jkunu konnessi ***direttament ma' SIENA biex tiġi ffaċilitata*** l-kondiviżjoni ta' ***data u*** informazzjoni ***ta' kwalità għolja meħtieġa u proporzjonati***. |

Or. en

**Emenda 114**
**Nikola Minchev, Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont id-dritt internazzjonali u tal-Unjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jikkriminalizzax atti ta' assistenza umanitarja mwettqa għal finijiet umanitarji; l-għoti ta' ikel, kenn, għajnuna legali, jew appoġġ mediku lil individwi fil-bżonn, fejn ma jkun involut l-ebda gwadann finanzjarju jew benefiċċji materjali oħra, jenħtieġ li ma jikkostitwix faċilitazzjoni ta' dħul, tranżitu jew soġġorn mhux awtorizzat fl-Unjoni.*** |

Or. en

**Emenda 115**
**Nikola Minchev, Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13b) Meta jitqiesu r-riskji miżjuda possibbli li jirriżultaw mill-ipproċessar estensiv ta' data bijometrika, jenħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' mitigazzjoni, inkluż l-adozzjoni ta' regoli vinkolanti ċari li jipprevedu salvagwardji xierqa, speċjalment fir-rigward tal-ħtieġa stretta u tal-proporzjonalità tal-ipproċessar ta' tali data bijometrika mill-Europol;*** |

Or. en

**Emenda 116**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(14) Sabiex tiġi żgurata l-kondiviżjoni effiċjenti ta' informazzjoni relatata mal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti fost l-Istati Membri u mal-Europol, speċjalment fil-każ ta' networks kriminali kbar li jinvolvu diversi persuni suspettati, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw l-aktar għodod ta' sostenn xierqa pprovduti mill-Europol bħal karigaturi apposta ta' data. Min-naħa l-oħra, u sabiex jaċċessaw u jagħmlu l-aħjar użu mill-informazzjoni u mill-intelligence kollha disponibbli fil-livell tal-Unjoni dwar il-każijiet korrispondenti, u b'rispett sħiħ tas-salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tad-data, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-aġenziji tal-Unjoni jikkonsultaw sistematikament l-informazzjoni tal-Europol matul l-investigazzjonijiet li għaddejjin relatati mal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, inkluż billi jużaw l-għodod hit/no hit ipprovduti mill-Europol bħall-interfaċċa tas-sistema teknika tal-Querying Europol Systems (QUEST+).*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 117**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(14) Sabiex tiġi żgurata l-kondiviżjoni effiċjenti ta' informazzjoni relatata mal-*** | ***imħassar*** |

***faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti fost l-Istati Membri u mal-Europol, speċjalment fil-każ ta' networks kriminali kbar li jinvolvu diversi persuni suspettati, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw l-aktar għodod ta' sostenn xierqa pprovduti mill-Europol bħal karigaturi apposta ta' data. Min-naħa l-oħra, u sabiex jaċċessaw u jagħmlu l-aħjar użu mill-informazzjoni u mill-intelligence kollha disponibbli fil-livell tal-Unjoni dwar il-każijiet korrispondenti, u b'rispett sħiħ tas-salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tad-data, jenħtieġ li l-Istati Membri u l-aġenziji tal-Unjoni jikkonsultaw sistematikament l-informazzjoni tal-Europol matul l-investigazzjonijiet li għaddejjin relatati mal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, inkluż billi jużaw l-għodod hit/no hit ipprovduti mill-Europol bħall-interfaċċa tas-sistema teknika tal-Querying Europol Systems (QUEST+).***

Or. en

**Emenda 118**
**Jeroen Lenaers**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) L-iskambju, it-tqabbil u l-analiżi effettivi u effiċjenti tad-data bijometrika se jtejbu d-detezzjoni tal-frodi tal-identità u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ipproċessar tad-data bijometrika jiġi inkluż b'mod aktar ċar bħala parti mill-kompiti tal-Europol fis-sostenn tagħha lill-Istati Membri. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-istabbiliment ta' standards ta' kwalità xierqa applikabbli għall-ipproċessar u għall-ħżin ta' data bijometrika. Dawn l-istandards ta' kwalità*** |

***jenħtieġ li jkunu konsistenti mal-istandards minimi ta' kwalità rilevanti stabbiliti fl-ambitu tad-dritt tal-UE dwar l-ipproċessar komparabbli ta' tali data biex jiġi żgurat livell ta' kwalità ekwivalenti, inkluż b'mod partikolari l-istandards minimi ta' kwalità stabbiliti mill-Kummissjoni skont l-Artikoli 8, 13 u 22 tar-Regolament (UE) 2024/982.[1a]***

***[1a] Ir-Regolament (UE) 2024/982 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Marzu 2024 dwar it-tiftix u l-iskambju awtomatizzat ta' data għall-kooperazzjoni tal-pulizija, u li jemenda d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2008/615/ĠAI u 2008/616/ĠAI u r-Regolamenti (UE) 2018/1726, (UE) 2019/817 u (UE) 2019/818 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ir-Regolament Prüm II).***

Or. en

**Emenda 119**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(15) Għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni u għall-investigazzjoni tal-kriminalità organizzata serja transfruntiera u tat-terroriżmu, huma neċessarji koordinazzjoni u azzjoni miftiehma. Minbarra l-possibbiltà li l-Istat Membru jistabbilixxi skwadra ta' investigazzjoni konġunta f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu task force operazzjonali sabiex isaħħu l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi bis-sostenn tal-Europol. Dan il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni fost l-awtoritajiet tal-pulizija tal-Istati Membri u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi*** | ***imħassar*** |

***jenħtieġ li, bis-sostenn tal-Europol, jippermettilhom iwettqu attivitajiet u investigazzjonijiet konġunti, koordinati u prijoritizzati ta' intelligence kriminali, b'mod partikolari dwar networks u gruppi kriminali kif ukoll atturi kriminali individwali, inklużi persuni li l-attivitajiet kriminali tagħhom jaqgħu taħt il-forom ta' reati li għalihom hija kompetenti l-Europol u li jikkostitwixxu riskju għoli għas-sigurtà. Sabiex jiġu żgurati l-funzjonament tajjeb u l-effettività ta' dak il-mekkaniżmu, jenħtieġ li l-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali, jipparteċipaw fiha, jew isostnuta jkunu jistgħu jiżguraw sett minimu ta' rekwiżiti dwar l-involviment attiv u f'waqtu tagħhom, bħall-għoti tal-informazzjoni rilevanti kollha lill-Europol, u jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tagħmel disponibbli s-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju avvanzat tagħha lil dawk l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-pajjiżi terzi jkunu jistgħu jipparteċipaw f'task force operazzjonali jew isostnuha.***

Or. en

**Emenda 120**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni u għall-investigazzjoni tal-kriminalità organizzata serja transfruntiera u tat-terroriżmu, huma neċessarji koordinazzjoni u azzjoni miftiehma. ***Minbarra l-possibbiltà li l-Istat Membru jistabbilixxi skwadra*** ta' investigazzjoni konġunta f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002, ***jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu*** | (15) Għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni u għall-investigazzjoni tal-kriminalità organizzata serja transfruntiera u tat-terroriżmu, huma neċessarji koordinazzjoni u azzjoni miftiehma. ***Huwa għaldaqstant xieraq li tiġi promossa l-possibbiltà għall-Istati Membri li jintroduċu skwadri*** ta' investigazzjoni konġunta f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002, b'mod partikolari ***billi*** |

***task force operazzjonali sabiex isaħħu l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi bis-sostenn tal-Europol. Dan il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni fost l-awtoritajiet tal-pulizija tal-Istati Membri u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi jenħtieġ li, bis-sostenn tal-Europol, jippermettilhom iwettqu attivitajiet u investigazzjonijiet konġunti, koordinati u prijoritizzati ta' intelligence kriminali,*** b'mod partikolari ***dwar networks u gruppi kriminali kif ukoll atturi kriminali individwali, inklużi persuni li l-attivitajiet kriminali tagħhom jaqgħu taħt il-forom ta' reati li għalihom hija kompetenti l-Europol u li jikkostitwixxu riskju għoli għas-sigurtà. Sabiex jiġu żgurati l-funzjonament tajjeb u l-effettività ta' dak il-mekkaniżmu, jenħtieġ li l-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali, jipparteċipaw fiha, jew isostnuta jkunu jistgħu jiżguraw sett minimu ta' rekwiżiti dwar l-involviment attiv u f'waqtu tagħhom, bħall-għoti tal-informazzjoni rilevanti kollha*** lill-Europol***, u jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tagħmel disponibbli s-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju avvanzat tagħha lil dawk l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-pajjiżi terzi jkunu jistgħu jipparteċipaw f'task force operazzjonali jew isostnuha***.

***jissaħħaħ is-sostenn li jingħata*** lill-Europol.

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Jidher li huwa preferibbli li jissaħħu l-għodod eżistenti aktar milli jinħolqu għodod ġodda.*

**Emenda 121**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni u għall-investigazzjoni tal-kriminalità | (15) Għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni u għall-investigazzjoni tal-kriminalità |

| | |
|---|---|
| organizzata serja transfruntiera u tat-terroriżmu, huma neċessarji koordinazzjoni u azzjoni miftiehma. Minbarra l-possibbiltà li l-Istat Membru jistabbilixxi skwadra ta' investigazzjoni konġunta f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu task force operazzjonali sabiex isaħħu l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi bis-sostenn tal-Europol. ***Dan il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni fost l-awtoritajiet tal-pulizija tal-Istati Membri u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi jenħtieġ li, bis-sostenn tal-Europol, jippermettilhom iwettqu attivitajiet u investigazzjonijiet konġunti, koordinati u prijoritizzati ta' intelligence kriminali, b'mod partikolari dwar networks u gruppi kriminali kif ukoll atturi kriminali individwali, inklużi persuni li*** l-attivitajiet ***kriminali tagħhom jaqgħu taħt il-forom ta' reati li għalihom hija kompetenti l-Europol u li jikkostitwixxu riskju għoli għas-sigurtà. Sabiex jiġu żgurati l-funzjonament tajjeb u l-effettività ta' dak il-mekkaniżmu, jenħtieġ li l-Istati Membri li jistabbilixxu task force*** operazzjonali***, jipparteċipaw fiha, jew isostnuta jkunu jistgħu jiżguraw sett minimu ta' rekwiżiti dwar l-involviment attiv u f'waqtu tagħhom, bħall-għoti tal-informazzjoni rilevanti kollha lill-Europol, u*** jenħtieġ li ***l-Europol tkun tista' tagħmel disponibbli s-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju avvanzat tagħha lil dawk l-Istati Membri.*** Jenħtieġ li ***l-pajjiżi terzi jkunu jistgħu jipparteċipaw f'task force operazzjonali jew isostnuha***. | organizzata serja transfruntiera u tat-terroriżmu, huma neċessarji koordinazzjoni u azzjoni miftiehma. Minbarra l-possibbiltà li l-Istat Membru jistabbilixxi skwadra ta' investigazzjoni konġunta f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu task force operazzjonali sabiex isaħħu l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi bis-sostenn tal-Europol. L-attivitajiet ***tat-task forces*** operazzjonali jenħtieġ li ***ma jiġux irregolati fid-dettall f'dan ir-Regolament; pjuttost,*** jenħtieġ li ***jitqiesu bħala strumenti flessibbli għad-dispożizzjoni tal-Europol***. |

Or. fi

**Emenda 122**
**Verena Mertens**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni u għall-investigazzjoni tal-kriminalità organizzata serja transfruntiera u tat-terroriżmu, huma neċessarji koordinazzjoni u azzjoni miftiehma. Minbarra l-possibbiltà li l-Istat Membru jistabbilixxi skwadra ta' investigazzjoni konġunta f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu task force operazzjonali sabiex isaħħu l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi bis-sostenn tal-Europol. Dan il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni fost l-awtoritajiet tal-pulizija tal-Istati Membri u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi jenħtieġ li, bis-sostenn tal-Europol, jippermettilhom iwettqu attivitajiet u investigazzjonijiet konġunti, koordinati u prijoritizzati ta' intelligence kriminali, b'mod partikolari dwar networks u gruppi kriminali kif ukoll atturi kriminali individwali, inklużi persuni li l-attivitajiet kriminali tagħhom jaqgħu taħt il-forom ta' reati li għalihom hija kompetenti l-Europol u li jikkostitwixxu riskju għoli għas-sigurtà. Sabiex jiġu żgurati l-funzjonament tajjeb u l-effettività ta' dak il-mekkaniżmu, jenħtieġ li l-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali, jipparteċipaw fiha, jew ***isostnuta*** jkunu jistgħu jiżguraw sett minimu ta' rekwiżiti ***dwar*** l-involviment attiv u f'waqtu tagħhom, bħall-għoti tal-informazzjoni rilevanti kollha lill-Europol, u jenħtieġ li l-Europol ***tkun tista'*** tagħmel disponibbli s-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju avvanzat tagħha lil dawk l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-pajjiżi terzi jkunu jistgħu jipparteċipaw f'task force operazzjonali jew isostnuha. | (15) Għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni u għall-investigazzjoni tal-kriminalità organizzata serja transfruntiera u tat-terroriżmu, huma neċessarji koordinazzjoni u azzjoni miftiehma. Minbarra l-possibbiltà li l-Istat Membru jistabbilixxi skwadra ta' investigazzjoni konġunta f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu task force operazzjonali sabiex isaħħu l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi bis-sostenn tal-Europol. Dan il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni fost l-awtoritajiet tal-pulizija tal-Istati Membri u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi jenħtieġ li, bis-sostenn tal-Europol, jippermettilhom iwettqu attivitajiet u investigazzjonijiet konġunti, koordinati u prijoritizzati ta' intelligence kriminali, b'mod partikolari dwar networks u gruppi kriminali kif ukoll atturi kriminali individwali, inklużi persuni li l-attivitajiet kriminali tagħhom jaqgħu taħt il-forom ta' reati li għalihom hija kompetenti l-Europol u li jikkostitwixxu riskju għoli għas-sigurtà. ***Huwa importanti li jiġi żgurat li t-task force operazzjonali tkun mekkaniżmu operazzjonali flessibbli u effettiv. Għalhekk, ir-regoli dettaljati rigward l-implimentazzjoni tagħhom jenħtieġ li jiġu adottati mill-Bord ta' Amministrazzjoni, abbażi ta' proposta mid-Direttur Eżekuttiv. Dawk it-task forces operazzjonali jenħtieġ li jniedu ċerti attivitajiet u investigazzjonijiet speċifiċi ta' intelligence fil-qasam kriminali, kif ukoll investigazzjonijiet finanzjarji paralleli, f'konformità mad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni, biex jidentifikaw u jissekwestraw assi kriminali.*** Sabiex jiġu żgurati l-funzjonament tajjeb u l-effettività ta' dak il-mekkaniżmu, jenħtieġ li l-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali, jipparteċipaw fiha, jew ***isostnuha*** jkunu jistgħu jiżguraw sett minimu ta' rekwiżiti ***rigward*** l-involviment attiv u f'waqtu tagħhom, bħall-għoti tal-informazzjoni rilevanti kollha lill-Europol, |

u ***lil Stati Membri parteċipanti oħra.*** Jenħtieġ li l-Europol tagħmel disponibbli s-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju avvanzat tagħha lil dawk l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-pajjiżi terzi jkunu jistgħu jipparteċipaw f'task force operazzjonali jew isostnuha.

Or. en

**Emenda 123**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni u għall-investigazzjoni tal-kriminalità organizzata serja transfruntiera u tat-terroriżmu, huma neċessarji koordinazzjoni u azzjoni miftiehma. Minbarra l-possibbiltà li l-Istat Membru jistabbilixxi skwadra ta' investigazzjoni konġunta ***f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002***, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu task force operazzjonali ***sabiex isaħħu l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi bis-sostenn*** tal-Europol. Dan il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni fost l-awtoritajiet tal-pulizija ***tal-Istati Membri u servizzi oħrajn tal-infurzar tal-liġi*** jenħtieġ li, bis-sostenn tal-Europol, jippermettilhom iwettqu ***attivitajiet u investigazzjonijiet*** konġunti, koordinati u prijoritizzati ***ta' intelligence kriminali***, b'mod partikolari dwar networks u gruppi kriminali kif ukoll atturi kriminali individwali, ***inklużi persuni*** li l-attivitajiet kriminali tagħhom jaqgħu taħt il-forom ta' reati li għalihom hija kompetenti l-Europol u li jikkostitwixxu riskju għoli għas-sigurtà. Sabiex jiġu żgurati l-funzjonament tajjeb u l-effettività ta' dak il-mekkaniżmu, jenħtieġ li l-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali, jipparteċipaw fiha, jew | (15) Għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni u għall-investigazzjoni tal-kriminalità organizzata serja transfruntiera u tat-terroriżmu, huma neċessarji koordinazzjoni u azzjoni miftiehma. Minbarra l-possibbiltà li l-Istat Membru jistabbilixxi skwadra ta' investigazzjoni konġunta, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu task force operazzjonali ***temporanja bl-appoġġ tal-Europol u tal-Eurojust għal investigazzjonijiet kriminali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-objettivi*** tal-Europol ***f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2016/794 li jirrikjedi azzjoni koordinata u miftiehma***. Dan il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni ***temporanja*** fost l-awtoritajiet tal-pulizija ***u ġudizzjarji*** jenħtieġ li, bis-sostenn tal-Europol ***u tal-Eurojust***, jippermettilhom iwettqu ***investigazzjonijiet kriminali*** konġunti, koordinati u prijoritizzati, b'mod partikolari dwar networks u gruppi kriminali kif ukoll atturi kriminali individwali, li l-attivitajiet kriminali tagħhom jaqgħu taħt il-forom ta' reati li għalihom hija kompetenti l-Europol u li jikkostitwixxu riskju għoli għas-sigurtà. Sabiex jiġu żgurati l-funzjonament tajjeb u l-effettività ta' dak il-mekkaniżmu, jenħtieġ li l-Istati Membri li jistabbilixxu |

| | |
|---|---|
| isostnuta jkunu jistgħu jiżguraw sett minimu ta' rekwiżiti ***dwar*** l-involviment attiv u f'waqtu tagħhom, bħall-għoti tal-informazzjoni rilevanti kollha lill-Europol, u jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tagħmel disponibbli s-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju avvanzat tagħha lil dawk l-Istati Membri. ***Jenħtieġ li l-pajjiżi*** terzi ***jkunu*** jistgħu jipparteċipaw f'task force operazzjonali jew ***isostnuha***. | task force operazzjonali, jipparteċipaw fiha, jew isostnuta jkunu jistgħu jiżguraw sett minimu ta' rekwiżiti ***rigward*** l-involviment attiv u f'waqtu tagħhom, bħall-għoti tal-informazzjoni ***meħtieġa, proporzjonata u ta' kwalità għolja*** rilevanti kollha lill-Europol, ***kif ukoll lill-Eurojust hekk kif l-awtoritajiet ġudizzjarji jiġu involuti,*** u jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tagħmel disponibbli s-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju avvanzat tagħha lil dawk l-Istati Membri. ***L-uffiċjali ta' kollegament tal-Europol mobilizzati f'pajjiżi*** terzi ***fejn attivitajiet kriminali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-objettivi tal-Europol f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2016/794 ikunu*** jistgħu jipparteċipaw f'task force operazzjonali jew ***jappoġġawha***. |
| | Or. en |

**Emenda 124**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) Għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni u għall-investigazzjoni ***tal-kriminalità organizzata serja transfruntiera u tat-terroriżmu***, huma neċessarji koordinazzjoni u azzjoni miftiehma. Minbarra l-possibbiltà li l-Istat Membru jistabbilixxi skwadra ta' investigazzjoni konġunta f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu task force operazzjonali ***sabiex*** isaħħu l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi bis-sostenn tal-Europol***.*** Dan il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni fost l-awtoritajiet tal-pulizija tal-Istati Membri u servizzi ***oħrajn*** tal-infurzar tal-liġi ***jenħtieġ li, bis-sostenn*** tal-Europol, jippermettilhom | (15) Għall-prevenzjoni, għad-detezzjoni u għall-investigazzjoni ***tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin***, huma neċessarji koordinazzjoni u azzjoni miftiehma. Minbarra l-possibbiltà li l-Istat Membru jistabbilixxi skwadra ta' investigazzjoni konġunta f'konformità mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu task force operazzjonali ***biex*** isaħħu l-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi bis-sostenn tal-Europol ***bl-għan tal-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin. Jenħtieġ li*** dan il-mekkaniżmu |

iwettqu attivitajiet u investigazzjonijiet konġunti, ***koordinati*** u prijoritizzati ta' intelligence kriminali***,*** b'mod partikolari dwar networks u gruppi kriminali ***kif ukoll atturi kriminali individwali, inklużi persuni li l-attivitajiet kriminali tagħhom jaqgħu taħt il-forom ta' reati li għalihom hija kompetenti l-Europol u li jikkostitwixxu riskju għoli għas-sigurtà***. Sabiex jiġu żgurati l-funzjonament tajjeb u l-effettività ta' dak il-mekkaniżmu, jenħtieġ li l-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali, jipparteċipaw fiha, jew isostnuta jkunu jistgħu jiżguraw sett minimu ta' rekwiżiti dwar l-involviment attiv u f'waqtu tagħhom, bħall-għoti tal-informazzjoni rilevanti kollha lill-Europol, u jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tagħmel disponibbli s-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju avvanzat tagħha lil dawk l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-pajjiżi terzi jkunu jistgħu jipparteċipaw f'task force operazzjonali jew isostnuha.

ta' koordinazzjoni fost l-awtoritajiet tal-pulizija tal-Istati Membri u servizzi ***oħra*** tal-infurzar tal-liġi***, bl-appoġġ*** tal-Europol, jippermettilhom iwettqu attivitajiet u investigazzjonijiet konġunti, ***ikkoordinati*** u prijoritizzati ta' intelligence kriminali b'mod partikolari dwar networks u gruppi kriminali***, involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u fit-traffikar ta' bnedmin***. Sabiex jiġu żgurati l-funzjonament tajjeb u l-effettività ta' dak il-mekkaniżmu, jenħtieġ li l-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali, jipparteċipaw fiha, jew isostnuta jkunu jistgħu jiżguraw sett minimu ta' rekwiżiti dwar l-involviment attiv u f'waqtu tagħhom, bħall-għoti tal-informazzjoni rilevanti kollha lill-Europol, u jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tagħmel disponibbli s-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju avvanzat tagħha lil dawk l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-pajjiżi terzi jkunu jistgħu jipparteċipaw f'task force operazzjonali jew isostnuha.

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-enfasi tal-proposta trid tkun fuq in-networks kriminali involuti fil-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni għal skop ta' profitt. L-użu tar-riżorsi tal-Istati Membri, tal-Europol u ta' aġenziji oħra tal-UE għall-prosekuzzjoni ta' migranti irregolari individwali bl-iskuża tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin huwa ħela ta' riżorsi u ma jagħmel xejn biex jindirizza n-networks kriminali.*

**Emenda 125**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(16) Meta l-attivitajiet ta' intelligence kriminali mwettqin f'task force operazzjonali jirriżultaw fil-ftuħ ta' investigazzjonijiet kriminali fi Stat*** | ***imħassar*** |

***Membru wieħed jew aktar li jistgħu jibbenefikaw mill-istabbiliment ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta, jew meta l-investigazzjonijiet kriminali sostnuti minn task force operazzjonali jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-istabbiliment ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta, jenħtieġ li l-Europol tipproponi l-istabbiliment ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta lill-Istati Membri kkonċernati u tieħu miżuri sabiex tgħinhom f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/794. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-Europol tikkoordina mill-qrib mal-Eurojust, meta jkun xieraq.***

Or. fr

**Emenda 126**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(16) Meta l-attivitajiet ta' intelligence kriminali mwettqin f'task force operazzjonali jirriżultaw fil-ftuħ ta' investigazzjonijiet kriminali fi Stat Membru wieħed jew aktar li jistgħu jibbenefikaw mill-istabbiliment ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta, jew meta l-investigazzjonijiet kriminali sostnuti minn task force operazzjonali jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-istabbiliment ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta, jenħtieġ li l-Europol tipproponi l-istabbiliment ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta lill-Istati Membri kkonċernati u tieħu miżuri sabiex tgħinhom f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/794. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-Europol tikkoordina mill-qrib mal-Eurojust, meta jkun xieraq.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 127**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Meta ***l-attivitajiet ta' intelligence kriminali mwettqin f'task force operazzjonali jirriżultaw fil-ftuħ ta' investigazzjonijiet kriminali fi Stat Membru wieħed jew aktar li jistgħu jibbenefikaw mill-istabbiliment ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta, jew meta*** l-investigazzjonijiet kriminali sostnuti minn task force operazzjonali jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-istabbiliment ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta, jenħtieġ li l-Europol tipproponi l-istabbiliment ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta lill-Istati Membri kkonċernati u tieħu miżuri sabiex tgħinhom f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/794. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-Europol tikkoordina mill-qrib mal-Eurojust, meta jkun xieraq. | (16) Meta l-investigazzjonijiet kriminali sostnuti minn task force operazzjonali jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-istabbiliment ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta, jenħtieġ li l-Europol tipproponi l-istabbiliment ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta lill-Istati Membri kkonċernati u tieħu miżuri sabiex tgħinhom f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/794. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-Europol tikkoordina mill-qrib mal-Eurojust, meta jkun xieraq. |

Or. en

**Emenda 128**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz, Ana Catarina Mendes**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (16) Meta l-attivitajiet ta' intelligence kriminali mwettqin f'task force operazzjonali jirriżultaw fil-ftuħ ta' investigazzjonijiet kriminali fi Stat Membru wieħed jew aktar li jistgħu | (16) Meta l-attivitajiet ta' intelligence kriminali mwettqin f'task force operazzjonali ***għall-prevenzjoni, id-detezzjoni jew l-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta'*** |

| | |
|---|---|
| jibbenefikaw mill-istabbiliment ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta, jew meta l-investigazzjonijiet kriminali sostnuti minn task force operazzjonali jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-istabbiliment ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta, jenħtieġ li l-Europol tipproponi l-istabbiliment ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta lill-Istati Membri kkonċernati u tieħu miżuri sabiex tgħinhom f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/794. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-Europol tikkoordina mill-qrib mal-Eurojust, meta jkun xieraq. | ***migranti u tat-traffikar ta' bnedmin*** jirriżultaw fil-ftuħ ta' investigazzjonijiet kriminali fi Stat Membru wieħed jew aktar li jistgħu jibbenefikaw mill-istabbiliment ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta, jew meta l-investigazzjonijiet kriminali sostnuti minn task force operazzjonali jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-istabbiliment ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta, jenħtieġ li l-Europol tipproponi l-istabbiliment ta' skwadra ta' investigazzjoni konġunta lill-Istati Membri kkonċernati u tieħu miżuri sabiex tgħinhom f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/794. F'każijiet bħal dawn, jenħtieġ li l-Europol tikkoordina mill-qrib mal-Eurojust, meta jkun xieraq. |

Or. en

**Emenda 129**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) B'kont meħud tan-natura, il-kamp ta' applikazzjoni, il-kuntest u l-finijiet tal-ipproċessar tad-data personali mill-Europol kif ukoll tar-riskji għad-drittijiet u għal-libertajiet tal-persuni fiżiċi, jenħtieġ li l-Europol timplimenta miżuri xierqa biex tiżgura u tkun tista' turi li l-ipproċessar jitwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament. Tali miżuri jenħtieġ li jiġu rieżaminati u aġġornati fejn meħtieġ.*** |

Or. en

**Emenda 130**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 16b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16b) Peress li d-data bijometrika tikkostitwixxi kategorija speċjali ta' data personali, l-ipproċessar ta' data bijometrika joħloq riskju serju għad-drittijiet għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data personali, kif ukoll għal drittijiet fundamentali oħra, peress li l-użu ta' teknoloġiji li jippermettu tali pproċessar ma jippermettix is-sensibilizzazzjoni jew il-kooperazzjoni tal-individwi li d-data bijometrika tagħhom tkun qed tiġi pproċessata. Ir-riskju ta' riżultati preġudikati u effetti diskriminatorji huwa partikolarment rilevanti fir-rigward ta' kategoriji speċifiċi, bħas-sess, l-età, il-kulur tax-xagħar, il-kulur tal-għajnejn, it-tatwaġġi, l-oriġini etnika, is-saħħa, il-kapaċità mentali, ix-xejriet tal-personalità jew l-orjentazzjoni sesswali jew politika, abbażi tad-data bijometrika tagħhom jew tad-data tagħhom ibbażata fuq il-bijometrija, kemm jekk jippermettu jew jikkonfermaw l-identifikazzjoni ta' persuna fiżika kif ukoll jekk le. Fl-ambitu tal-qafas tal-protezzjoni tad-data tal-UE, il-projbizzjoni tal-ipproċessar tad-data bijometrika hija regola u l-implimentazzjoni tagħha hija permessa biss bħala eċċezzjoni.*** |

Or. en

**Emenda 131**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16c) Minħabba n-natura tad-data bijometrika u r-riskji li jistgħu jinħolqu, din hija soġġetta għal protezzjoni speċjali. Dan japplika speċifikament għal data*** |

***bijometrika pproċessata għall-fini tal-identifikazzjoni ta' persuna. Fir-rigward tal-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data personali għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE kkonfermat li r-rekwiżit li l-ipproċessar ta' data bijometrika jenħtieġ li jkun permess "biss meta verament ikun meħtieġ" irid jiġi interpretat bħala li jistabbilixxi kundizzjonijiet imsaħħa għall-ipproċessar legali ta' data sensittiva. Barra minn hekk, il-fatt li l-ħtieġa għall-ipproċessar ta' tali data hija waħda " assoluta" jfisser li dik il-ħtieġa trid tiġi vvalutata b'reqqa partikolari. Ulterjorment, skont il-Qorti, ir-rekwiżit li l-ipproċessar ta' data sensittiva jkun "strettament meħtieġ" jinvolvi li b'mod strett jiġi vverifikat jekk il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data jkunx qed jiġi osservat[1a]. Għalhekk, kwalunkwe pproċessar ta' data bijometrika għall-fini tal-infurzar tal-liġi jenħtieġ li jikkonforma mad-drittijiet u mal-libertajiet fundamentali kif minquxa fil-Karta u mar-rekwiżiti kollha li jirriżultaw mill-qafas u mill-ġurisprudenza tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, inkluż l-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2016/680 li jippermetti tali pproċessar biss fejn strettament meħtieġ, soġġett għal salvagwardji xierqa għad-drittijiet u għal-libertajiet tas-suġġett tad-data, u fejn awtorizzat mid-dritt tal-Unjoni jew ta' Stat Membru. Tali użu, meta awtorizzat, jeħtieġ li jirrispetta wkoll il-prinċipji stipulati fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva (UE) 2016/680[2a] inklużi l-legalità, il-ġustizzja u t-trasparenza, il-limitazzjoni tal-iskop, il-preċiżjoni u l-limitazzjoni tal-ħżin. Għal finijiet għajr l-infurzar tal-liġi, l-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u l-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 jipprojbixxu l-ipproċessar ta' data bijometrika soġġett għal eċċezzjonijiet limitati kif previst f'dawk l-Artikoli. Minħabba l-mandat wiesa' tal-Europol flimkien mad-data sensittiva ħafna pproċessata, jenħtieġ li jiġu implimentati skrutinju mill-qrib u***

***salvagwardji xierqa.***

---

*[1a] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=celex:62023CJ0080*

*[2a] Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI*

Or. en

**Emenda 132**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16d) Minħabba l-limitazzjoni fuq id-drittijiet fundamentali għall-privatezza u għall-protezzjoni tad-data personali li l-ipproċessar ta' data bijometrika jikkostitwixxi, bħal kwalunkwe interferenza ma' dritt fundamentali, kwalunkwe pproċessar ta' data bijometrika jenħtieġ li jikkonforma wkoll mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 52(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Minbarra li tkun prevista mil-liġi, kwalunkwe limitazzjoni jenħtieġ li tirrispetta l-essenza tad-dritt, tkun soġġetta għall-prinċipju ta' ħtieġa stretta u proporzjonalità u tipproteġi d-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn. F'dan ir-rigward, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data u l-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali, bl-involviment tal-*** |

***Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, jenħtieġ li jiġu fdati bl-iżvilupp u bil-manutenzjoni ta' qafas etiku u mekkaniżmu biex jiġu stabbiliti l-proċedura u l-istandards għat-twettiq ta' testijiet sistematiċi tal-ħtieġa stretta, kontrolli tal-kwalità tad-data u valutazzjonijiet tal-impatt ex ante tad-drittijiet fundamentali, sabiex jiġu ggarantiti s-salvagwardji xierqa fl-ipproċessar tad-data bijometrika. Tali qafas etiku u mekkaniżmu jenħtieġ li jinkludu standards minimi u limiti minimi, fost l-oħrajn, għall-kwalità tad-data u għall-verifiki tal-kwalità. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tapprova tali qafas etiku u mekkaniżmu permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex tagħtihom effett legali vinkolanti.***

Or. en

**Emenda 133**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' ***tiskjera*** persunal li jinkludi esperti nazzjonali sekondati f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 fit-territorju ta' Stat Membru fuq talba ta' dak l-Istat Membru, sabiex jipprovdi sostenn ***analitiku,*** operazzjonali***, tekniku u forensiku*** flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li dawn ***l-iskjeramenti jsiru*** b'mod partikolari fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi, fuq skala kbira u ta' profil għoli, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta flimkien mal-Eurojust meta jkun xieraq, jew ma' task forces operazzjonali. ***Jenħtieġ li dawn l-iskjeramenti jsostnu*** | (17) Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' ***timmobilizza*** persunal li jinkludi esperti nazzjonali sekondati f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 fit-territorju ta' Stat Membru fuq talba ta' dak l-Istat Membru, sabiex jipprovdi sostenn operazzjonali ***u tekniku*** flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li dawn ***il-mobilizzazzjonijiet iseħħu*** b'mod partikolari fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi, fuq skala kbira u ta' profil għoli, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta flimkien mal-Eurojust meta jkun xieraq, jew ma' task forces operazzjonali. |

***wkoll aktar kontrolli tas-sigurtà ma' bażijiet tad-data tal-Europol jew nazzjonali sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju rapidu ta' informazzjoni sabiex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni (kontrolli tas-sigurtà sekondarji), jew skwadri ta' sostenn għall-ġestjoni tal-migrazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2]. Jenħtieġ li l-Europol tagħmel użu wkoll minn dawn l-allokazzjonijiet sabiex issostni lill-Istati Membri fir-rigward ta' avvenimenti internazzjonali ewlenin. Il-Europol għandha tkun tista' wkoll tiskjera persunal u esperti nazzjonali sekondati f'pajjiżi terzi li magħhom tikkoopera fuq il-bażi ta' deċiżjoni ta' adegwatezza, ta' ftehim internazzjonali konklużbejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 218 tat-TFUE, jew ta' ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Europol u dak il-pajjiż terz konklużqabel l-1 ta' Mejju 2017.***

---

***[2] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj ).***

Or. en

**Emenda 134**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' ***tiskjera*** persunal li jinkludi esperti | (17) Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' ***timmobilizza*** persunal li jinkludi esperti |

nazzjonali sekondati f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 fit-territorju ta' Stat Membru fuq talba ta' dak l-Istat Membru, sabiex jipprovdi sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku u forensiku flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li dawn ***l-iskjeramenti jsiru*** b'mod partikolari fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi, fuq skala kbira u ta' profil għoli***, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta flimkien mal-Eurojust meta jkun xieraq, jew ma' task forces operazzjonali. Jenħtieġ li dawn l-iskjeramenti jsostnu wkoll aktar kontrolli tas-sigurtà ma' bażijiet tad-data tal-Europol jew nazzjonali sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju rapidu ta' informazzjoni sabiex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni (kontrolli tas-sigurtà sekondarji), jew skwadri ta' sostenn għall-ġestjoni tal-migrazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2]. Jenħtieġ li l-Europol tagħmel użu wkoll minn dawn l-allokazzjonijiet sabiex issostni lill-Istati Membri fir-rigward ta' avvenimenti internazzjonali ewlenin. Il-Europol għandha tkun tista' wkoll tiskjera persunal u esperti nazzjonali sekondati f'pajjiżi terzi li magħhom tikkoopera fuq il-bażi ta' deċiżjoni ta' adegwatezza, ta' ftehim internazzjonali konklużbejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 218 tat-TFUE, jew ta' ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Europol u dak il-pajjiż terz konklużqabel l-1 ta' Mejju 2017***.

***[2] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj***

nazzjonali sekondati f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 fit-territorju ta' Stat Membru fuq talba ta' dak l-Istat Membru, sabiex jipprovdi sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku u forensiku flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li dawn ***il-mobilizzazzjonijiet iseħħu*** b'mod partikolari fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi, fuq skala kbira u ta' profil għoli ***għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta, flimkien mal-Eurojust meta jkun xieraq, jew ma' task forces operazzjonali***.

***).***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-tisħiħ tal-kontrolli fil-fruntieri esterni mhuwiex parti mill-mandat tal-Europol. Din l-emenda għar-Regolament dwar il-Europol hija maħsuba biex tindirizza l-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin. Mhijiex riforma fundamentali tar-Regolament dwar il-Europol. Ir-regolamentazzjoni tal-mobilizzazzjoni ta' persunal operazzjonali f'pajjiżi terzi tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

**Emenda 135**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) ***Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tiskjera*** persunal ***li jinkludi*** esperti nazzjonali sekondati f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 fit-territorju ta' Stat Membru fuq talba ta' dak l-Istat Membru, ***sabiex*** jipprovdi ***sostenn*** analitiku, operazzjonali, tekniku u forensiku ***flimkien u bi qbil*** mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li dawn ***l-iskjeramenti jsiru b'mod partikolari*** fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi, fuq skala kbira u ta' profil għoli, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta flimkien mal-Eurojust ***meta jkun xieraq, jew ma' task forces operazzjonali. Jenħtieġ li dawn l-iskjeramenti jsostnu wkoll aktar kontrolli tas-sigurtà ma' bażijiet tad-data tal-Europol jew nazzjonali sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju rapidu ta' informazzjoni sabiex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni (kontrolli tas-sigurtà sekondarji), jew skwadri ta' sostenn għall-ġestjoni tal-migrazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2].*** | (17) ***L-Europol tista' timmobilizza għal perjodu ta' żmien limitat*** persunal ***inklużi*** esperti nazzjonali sekondati f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 fit-territorju ta' Stat Membru fuq talba ta' dak l-Istat Membru, ***biex*** jipprovdi ***appoġġ*** analitiku, operazzjonali, tekniku u forensiku ***għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati kriminali li jaqgħu taħt l-objettivi tal-Europol f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2016/794 flimkien*** mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru ***u bi qbil magħhom***. Jenħtieġ li dawn ***il-mobilizzazzjonijiet jitwettqu biss*** fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi, fuq skala kbira u ta' profil għoli, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta***, u*** flimkien mal-Eurojust***. F'każijiet ta' mġiba ħażina tal-persunal tal-Europol matul il-mobilizzazzjonijiet,*** jenħtieġ li ***japplikaw ukoll mekkaniżmi*** nazzjonali ***ta' rapportar u monitoraġġ***. |

Jenħtieġ li ***l-Europol tagħmel użu wkoll minn dawn l-allokazzjonijiet sabiex issostni lill-Istati Membri fir-rigward ta' avvenimenti internazzjonali ewlenin. Il-Europol għandha tkun tista' wkoll tiskjera persunal u esperti*** nazzjonali ***sekondati f'pajjiżi terzi li magħhom tikkoopera fuq il-bażi ta' deċiżjoni ta' adegwatezza, ta' ftehim internazzjonali konklużbejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 218 tat-TFUE, jew ta' ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Europol u dak il-pajjiż terz konklużqabel l-1 ta' Mejju 2017***.

---

***[2] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj ).***

Or. en

**Emenda 136**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tiskjera persunal li jinkludi esperti nazzjonali sekondati f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 fit-territorju ta' Stat Membru fuq talba ta' dak l-Istat Membru, sabiex jipprovdi sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku u forensiku flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li dawn l-iskjeramenti jsiru b'mod partikolari fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi, fuq skala | (17) Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tiskjera persunal li jinkludi esperti nazzjonali sekondati f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 fit-territorju ta' Stat Membru fuq talba ta' dak l-Istat Membru, sabiex jipprovdi sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku u forensiku flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li dawn l-iskjeramenti jsiru b'mod partikolari fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi, fuq skala |

| | |
|---|---|
| kbira u ta' profil għoli, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta flimkien mal-Eurojust meta jkun xieraq***, jew ma' task forces operazzjonali***. Jenħtieġ li dawn l-iskjeramenti jsostnu wkoll aktar kontrolli tas-sigurtà ma' bażijiet tad-data tal-Europol jew nazzjonali sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju rapidu ta' informazzjoni sabiex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni (kontrolli tas-sigurtà sekondarji), jew skwadri ta' sostenn għall-ġestjoni tal-migrazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2]. Jenħtieġ li l-Europol ***tagħmel użu wkoll minn dawn l-allokazzjonijiet sabiex issostni lill-Istati Membri fir-rigward ta' avvenimenti internazzjonali ewlenin. Il-Europol għandha*** tkun tista' wkoll tiskjera persunal u esperti nazzjonali sekondati f'pajjiżi terzi li magħhom tikkoopera fuq il-bażi ta' deċiżjoni ta' adegwatezza, ta' ftehim internazzjonali konkluż bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 218 tat-TFUE, jew ta' ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Europol u dak il-pajjiż terz konkluż qabel l-1 ta' Mejju 2017. | kbira u ta' profil għoli, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta flimkien mal-Eurojust meta jkun xieraq. Jenħtieġ li dawn l-iskjeramenti jsostnu wkoll aktar kontrolli tas-sigurtà ma' bażijiet tad-data tal-Europol jew nazzjonali sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju rapidu ta' informazzjoni sabiex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni (kontrolli tas-sigurtà sekondarji), jew skwadri ta' sostenn għall-ġestjoni tal-migrazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2]. Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' wkoll tiskjera persunal u esperti nazzjonali sekondati f'pajjiżi terzi li magħhom tikkoopera fuq il-bażi ta' deċiżjoni ta' adegwatezza, ta' ftehim internazzjonali konkluż bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 218 tat-TFUE, jew ta' ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Europol u dak il-pajjiż terz konkluż qabel l-1 ta' Mejju 2017. |
| [2] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU ***L*** 295, 14.11.2019, p. ***1,*** ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj). | [2] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU 295, 14.11.2019, p. ***1).*** ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj). |
| | Or. fr |

**Emenda 137**
**Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' ***tiskjera*** persunal li jinkludi esperti nazzjonali sekondati f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 fit-territorju ta' Stat Membru fuq talba ta' dak l-Istat Membru, sabiex jipprovdi sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku u forensiku flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li ***dawn l-iskjeramenti jsiru*** b'mod partikolari fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi, fuq skala kbira u ta' profil għoli, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta flimkien mal-Eurojust meta jkun xieraq, jew ma' task forces operazzjonali. Jenħtieġ li ***dawn l-iskjeramenti jsostnu*** wkoll aktar kontrolli tas-sigurtà ma' bażijiet tad-data tal-Europol jew nazzjonali sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju rapidu ta' informazzjoni sabiex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni (kontrolli tas-sigurtà sekondarji), ***jew skwadri ta' sostenn għall-ġestjoni tal-migrazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2].*** Jenħtieġ li l-Europol tagħmel użu wkoll minn dawn l-allokazzjonijiet sabiex issostni lill-Istati Membri fir-rigward ta' avvenimenti internazzjonali ewlenin. Il-Europol għandha tkun tista' wkoll ***tiskjera*** persunal u esperti nazzjonali sekondati f'pajjiżi terzi li magħhom tikkoopera fuq il-bażi ta' deċiżjoni ta' adegwatezza, ta' ftehim internazzjonali konkluż bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 218 tat-TFUE, jew ta' ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Europol u dak il-pajjiż terz konkluż qabel l-1 ta' Mejju 2017. | (17) Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' ***timmobilizza*** persunal li jinkludi esperti nazzjonali sekondati f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 fit-territorju ta' Stat Membru fuq talba ta' dak l-Istat Membru, sabiex jipprovdi sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku u forensiku flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru. Jenħtieġ li ***din il-mobilizzazzjoni ssir*** b'mod partikolari fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi, fuq skala kbira u ta' profil għoli, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunta flimkien mal-Eurojust meta jkun xieraq, jew ma' task forces operazzjonali. Jenħtieġ li ***din il-mobilizzazzjoni ssostni*** wkoll aktar kontrolli tas-sigurtà ma' bażijiet tad-data tal-Europol jew nazzjonali sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju rapidu ta' informazzjoni sabiex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni (kontrolli tas-sigurtà sekondarji), Jenħtieġ li l-Europol tagħmel użu wkoll minn dawn l-allokazzjonijiet sabiex issostni lill-Istati Membri fir-rigward ta' avvenimenti internazzjonali ewlenin. Il-Europol għandha tkun tista' wkoll ***timmobilizza*** persunal u esperti nazzjonali sekondati f'pajjiżi terzi li magħhom tikkoopera fuq il-bażi ta' deċiżjoni ta' adegwatezza, ta' ftehim internazzjonali konkluż bejn l-Unjoni u dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 218 tat-TFUE, jew ta' ftehim ta' kooperazzjoni bejn il-Europol u dak il-pajjiż terz konkluż qabel l-1 ta' Mejju 2017. |
| ***[2] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295,*** | |

*14.11.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj ).*

Or. pl

**Emenda 138**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Sabiex jiġi żgurat li l-Europol tkun tista' tipprovdi sostenn effettiv permezz ***tal-iskjerament***, jenħtieġ li l-Istat Membru ospitanti jkun jista' ***jiżgura sett minimu ta' rekwiżiti bħall-għoti tal-informazzjoni rilevanti kollha lill-Europol. Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' tiskjera persunal u esperti nazzjonali sekondati rapidament, anke f'każijiet eċċezzjonali ta' urġenza. Jenħtieġ li l-persunal tal-Europol u l-esperti nazzjonali sekondati skjerati jkunu jistgħu jwettqu miżuri investigattivi mhux koerċittivi li jkunu relatati mal-proċessar ta' data flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, u f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 u mad-dritt nazzjonali ta' dak l-Istat Membru***. | (18) Sabiex jiġi żgurat li l-Europol tkun tista' tipprovdi sostenn effettiv permezz ***tal-mobilizzazzjoni***, jenħtieġ li l-Istat Membru ospitanti jkun jista' ***jipprovdi l-informazzjoni ta' kwalità għolja, meħtieġa u proporzjonata kollha rilevanti lill-Europol***. |

Or. en

**Emenda 139**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Sabiex jiġi żgurat li l-Europol tkun tista' tipprovdi sostenn effettiv permezz ***tal-iskjerament***, jenħtieġ li l-Istat Membru | (18) Sabiex jiġi żgurat li l-Europol tkun tista' tipprovdi sostenn effettiv permezz ***tal-mobilizzazzjoni***, jenħtieġ li l-Istat |

| | |
|---|---|
| ospitanti jkun jista' jiżgura sett minimu ta' rekwiżiti bħall-għoti tal-informazzjoni rilevanti kollha lill-Europol. Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' ***tiskjera*** personal u esperti nazzjonali sekondati rapidament, anke f'każijiet eċċezzjonali ta' urġenza. ***Jenħtieġ li l-persunal tal-Europol u l-esperti nazzjonali sekondati skjerati jkunu jistgħu jwettqu miżuri investigattivi mhux koerċittivi li jkunu relatati mal-proċessar ta' data flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, u f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 u mad-dritt nazzjonali ta' dak l-Istat Membru.*** | Membru ospitanti jkun jista' jiżgura sett minimu ta' rekwiżiti bħall-għoti tal-informazzjoni rilevanti kollha lill-Europol. Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' ***timmobilizza*** personal u esperti nazzjonali sekondati rapidament, anke f'każijiet eċċezzjonali ta' urġenza. |

Or. en

**Emenda 140**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Sabiex jiġi żgurat li l-Europol tkun tista' tipprovdi sostenn effettiv permezz ***tal-iskjerament***, jenħtieġ li l-Istat Membru ospitanti jkun jista' jiżgura sett minimu ta' rekwiżiti bħall-għoti tal-informazzjoni rilevanti kollha lill-Europol. Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' ***tiskjera*** personal u esperti nazzjonali sekondati rapidament, anke f'każijiet eċċezzjonali ta' urġenza. ***Jenħtieġ li l-persunal tal-Europol u l-esperti nazzjonali sekondati skjerati jkunu jistgħu jwettqu miżuri investigattivi mhux koerċittivi li jkunu relatati mal-proċessar ta' data flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, u f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794 u mad-dritt nazzjonali ta' dak l-Istat Membru.*** | (18) Sabiex jiġi żgurat li l-Europol tkun tista' tipprovdi sostenn effettiv permezz ***tal-mobilizzazzjoni***, jenħtieġ li l-Istat Membru ospitanti jkun jista' jiżgura sett minimu ta' rekwiżiti bħall-għoti tal-informazzjoni rilevanti kollha lill-Europol. Jenħtieġ li l-Europol tkun tista' ***timmobilizza*** personal u esperti nazzjonali sekondati rapidament, anke f'każijiet eċċezzjonali ta' urġenza. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-konsistenza mal-emendi mressqa għall-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament (l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-Europol).*

**Emenda 141**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Barra minn hekk, fil-kuntest ***tal-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, jenħtieġ li l-Europol tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti fl-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri bi kwalifiki għoljin u bi profili speċjalizzati li jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol ***għall-iskjerament*** operazzjonali sabiex jiġi pprovdut sostenn speċjalizzat***. Jenħtieġ li l-grupp ta' riżerva ta' esperti jinkludi speċjalisti fl-analiżi kriminali, fil-forensika, fl-investigazzjoni, fil-lingwi u fil-koordinazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, fl-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol. Jenħtieġ li dak l-obbligu ma japplikax għal pajjiżi terzi fejn il-Europol tiskjera persunal u esperti nazzjonali sekondati għal sostenn operazzjonali***. | (19) Barra minn hekk, fil-kuntest ***tal-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, jenħtieġ li l-Europol tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti fl-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri bi kwalifiki għoljin u bi profili speċjalizzati li jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol ***għall-mobilizzazzjoni*** operazzjonali sabiex jiġi pprovdut sostenn speċjalizzat ***fl-isforzi biex jiġu miġġielda l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għall-konsistenza mal-emendi li saru fl-Artikolu 5b(6).*

**Emenda 142**
**Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Barra minn hekk, fil-kuntest ***tal-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, jenħtieġ li l-Europol tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti fl-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri bi kwalifiki għoljin u bi profili speċjalizzati li jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol ***għall-iskjerament*** operazzjonali sabiex jiġi pprovdut sostenn speċjalizzat. Jenħtieġ li l-grupp ta' riżerva ta' esperti jinkludi speċjalisti fl-analiżi kriminali, fil-forensika, fl-investigazzjoni, fil-lingwi u fil-koordinazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, ***fl-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol. Jenħtieġ li dak l-obbligu ma japplikax għal pajjiżi terzi fejn il-Europol ***tiskjera*** persunal u esperti nazzjonali sekondati għal sostenn operazzjonali. | (19) Barra minn hekk, fil-kuntest ***tal-mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, jenħtieġ li l-Europol tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti fl-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri bi kwalifiki għoljin u bi profili speċjalizzati li jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol ***għall-mobilizzazzjoni*** operazzjonali sabiex jiġi pprovdut sostenn speċjalizzat. Jenħtieġ li l-grupp ta' riżerva ta' esperti jinkludi speċjalisti fl-analiżi kriminali, fil-forensika, fl-investigazzjoni, fil-lingwi u fil-koordinazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, ***fil-mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol. Jenħtieġ li ***l-Europol taqbel mal-Istati Membri dwar kif jiġi kkumpensat għal-kostijiet taż-żamma ta' riżerva ta' professjonisti b'livell għoli ta' ħiliet. Jenħtieġ li*** dak l-obbligu ma japplikax għal pajjiżi terzi fejn il-Europol ***timmobilizza*** persunal u esperti nazzjonali sekondati għal sostenn operazzjonali. |

Or. pl

**Emenda 143**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Barra minn hekk, fil-kuntest ***tal-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, jenħtieġ li l-Europol tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti fl-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri bi kwalifiki għoljin u bi profili speċjalizzati li jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni | (19) Barra minn hekk, fil-kuntest ***tal-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, jenħtieġ li l-Europol ***tkun tista'*** tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti fl-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri bi kwalifiki għoljin u bi profili speċjalizzati li jistgħu jitqiegħdu għad- |

***immedjata*** tal-Europol ***għall-iskjerament*** operazzjonali sabiex jiġi pprovdut sostenn speċjalizzat. Jenħtieġ li l-grupp ta' riżerva ta' esperti jinkludi speċjalisti fl-analiżi kriminali, fil-forensika, fl-investigazzjoni, fil-lingwi u fil-koordinazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, ***fl-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol. ***Jenħtieġ li dak l-obbligu ma japplikax għal pajjiżi terzi fejn il-Europol tiskjera persunal u esperti nazzjonali sekondati għal sostenn operazzjonali.***

dispożizzjoni tal-Europol ***għall-mobilizzazzjoni*** operazzjonali sabiex jiġi pprovdut sostenn speċjalizzat. Jenħtieġ li l-grupp ta' riżerva ta' esperti jinkludi speċjalisti fl-analiżi kriminali, fil-forensika, fl-investigazzjoni, fil-lingwi u fil-koordinazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri ***parteċipanti*** jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, ***fil-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol.

Or. en

**Emenda 144**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Barra minn hekk, fil-kuntest tal-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali, jenħtieġ li l-Europol tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti fl-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri bi kwalifiki għoljin u bi profili speċjalizzati li jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol għall-iskjerament operazzjonali sabiex jiġi pprovdut sostenn speċjalizzat. Jenħtieġ li l-grupp ta' riżerva ta' esperti jinkludi speċjalisti fl-analiżi kriminali, fil-forensika, fl-investigazzjoni, fil-lingwi u fil-koordinazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, fl-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol. Jenħtieġ li dak l-obbligu ma japplikax għal pajjiżi terzi fejn il-Europol tiskjera persunal u esperti nazzjonali sekondati għal | (19) Barra minn hekk, fil-kuntest tal-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali, jenħtieġ li l-Europol tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti fl-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri bi kwalifiki għoljin u bi profili speċjalizzati li jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol għall-iskjerament operazzjonali sabiex jiġi pprovdut sostenn speċjalizzat. Jenħtieġ li l-grupp ta' riżerva ta' esperti jinkludi speċjalisti fl-analiżi kriminali, fil-forensika, fl-investigazzjoni, fil-lingwi u fil-koordinazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw***, skont ir-riżorsi disponibbli għalihom u s-sitwazzjoni lokali f'dak il-mument,*** li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, fl-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol. Jenħtieġ li dak l-obbligu ma japplikax għal pajjiżi terzi fejn il-Europol tiskjera |

| | |
|---|---|
| sostenn operazzjonali. | persunal u esperti nazzjonali sekondati għal sostenn operazzjonali. |

Or. fr

**Emenda 145**
**Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Veronika Cifrová Ostrihoňová**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Barra minn hekk, fil-kuntest ***tal-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, jenħtieġ li l-Europol tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti fl-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri bi kwalifiki għoljin u bi profili speċjalizzati li jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol ***għall-iskjerament*** operazzjonali sabiex jiġi pprovdut sostenn speċjalizzat. Jenħtieġ li l-grupp ta' riżerva ta' esperti jinkludi speċjalisti fl-analiżi kriminali, fil-forensika, fl-investigazzjoni, fil-lingwi u fil-koordinazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, ***fl-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol. Jenħtieġ li dak l-obbligu ma japplikax għal pajjiżi terzi fejn il-Europol ***tiskjera*** persunal u esperti nazzjonali sekondati għal sostenn operazzjonali. | (19) Barra minn hekk, fil-kuntest ***tal-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, jenħtieġ li l-Europol tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti fl-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri bi kwalifiki għoljin u bi profili speċjalizzati li jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol ***għall-mobilizzazzjoni*** operazzjonali sabiex jiġi pprovdut sostenn speċjalizzat. Jenħtieġ li l-grupp ta' riżerva ta' esperti jinkludi speċjalisti fl-analiżi kriminali, fil-forensika, fl-investigazzjoni, fil-lingwi u fil-koordinazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw ***- fil-limiti tar-riżorsi, tal-kapaċitajiet u tal-ħtiġijiet operazzjonali tagħhom -*** li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, ***fil-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol. Jenħtieġ li dak l-obbligu ma japplikax għal pajjiżi terzi fejn il-Europol ***timmobilizza*** persunal u esperti nazzjonali sekondati għal sostenn operazzjonali. |

Or. en

**Emenda 146**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Barra minn hekk, fil-kuntest ***tal-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, jenħtieġ li l-Europol tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti fl-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri bi kwalifiki għoljin u bi profili speċjalizzati li jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol ***għall-iskjerament*** operazzjonali sabiex jiġi pprovdut sostenn speċjalizzat. Jenħtieġ li l-grupp ta' riżerva ta' esperti jinkludi speċjalisti fl-analiżi kriminali, fil-forensika, fl-investigazzjoni, fil-lingwi u fil-koordinazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, ***fl-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol. Jenħtieġ li dak l-obbligu ma japplikax għal pajjiżi terzi fejn il-Europol ***tiskjera*** persunal u esperti nazzjonali sekondati għal sostenn operazzjonali. | (19) Barra minn hekk, fil-kuntest ***tal-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, jenħtieġ li l-Europol tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti fl-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri bi kwalifiki għoljin u bi profili speċjalizzati li jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol ***għall-mobilizzazzjoni*** operazzjonali sabiex jiġi pprovdut sostenn speċjalizzat. Jenħtieġ li l-grupp ta' riżerva ta' esperti jinkludi speċjalisti fl-analiżi kriminali, fil-forensika, fl-investigazzjoni, fil-lingwi u fil-koordinazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, ***fil-mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol***, filwaqt li jqisu ħtiġijiet nazzjonali speċifiċi***. Jenħtieġ li dak l-obbligu ma japplikax għal pajjiżi terzi fejn il-Europol ***timmobilizza*** persunal u esperti nazzjonali sekondati għal sostenn operazzjonali. |

Or. fi

**Emenda 147**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Barra minn hekk, fil-kuntest ***tal-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, ***jenħtieġ li l-Europol*** tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti fl-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri bi kwalifiki għoljin u bi profili speċjalizzati li jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol ***għall-iskjerament*** operazzjonali ***sabiex*** jiġi pprovdut sostenn speċjalizzat. Jenħtieġ li l-grupp ta' riżerva | (19) Barra minn hekk, fil-kuntest ***tal-mobilizzazzjonijiet temporanji*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, ***il-Europol tista'*** tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti fl-infurzar tal-liġi mill-Istati Membri bi kwalifiki għoljin u bi profili speċjalizzati li jistgħu jitqiegħdu għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol ***għall-mobilizzazzjoni*** operazzjonali ***biex*** jiġi pprovdut sostenn speċjalizzat. Jenħtieġ li l- |

| | |
|---|---|
| ta’ esperti jinkludi speċjalisti fl-analiżi kriminali, fil-forensika, fl-investigazzjoni, fil-lingwi u fil-koordinazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, ***fl-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol. Jenħtieġ li dak l-obbligu ma japplikax għal pajjiżi terzi ***fejn il-Europol tiskjera persunal u esperti nazzjonali sekondati għal sostenn operazzjonali***. | grupp ta’ riżerva ta’ esperti jinkludi speċjalisti fl-analiżi kriminali, fil-forensika, fl-investigazzjoni, fil-lingwi u fil-koordinazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, ***fil-mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol. Jenħtieġ li dak l-obbligu ma japplikax għal pajjiżi terzi. |

Or. en

**Emenda 148**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(20) It-tisħiħ tal-qafas legali tal-Europol jipprovdi opportunità sabiex jiġi ċċarat li jenħtieġ li l-objettivi tal-Europol ikopru wkoll b’mod espliċitu l-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Il-miżuri restrittivi tal-Unjoni huma għodda essenzjali għas-salvagwardja tal-valuri, tas-sigurtà, tal-indipendenza u tal-integrità tal-Unjoni, għall-konsolidazzjoni u għas-sostenn tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali u għaż-żamma tal-paċi internazzjonali, għall-prevenzjoni tal-kunflitti u għat-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali f’konformità mal-għanijiet u mal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. Għalhekk, ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni jikkostitwixxi forma ta’ reat li jaffettwa interess komuni kopert mill-politika tal-Unjoni, u li fir-rigward tiegħu jenħtieġ li l-Europol ikollha l-kompetenza li taġixxi sabiex issostni u ssaħħaħ l-azzjoni mill-Istati*** | ***imħassar*** |

***Membri.***

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*M'hemm l-ebda rabta bejn il-premessa u s-suġġett.*

**Emenda 149**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) ***It-tisħiħ tal-qafas legali tal-Europol jipprovdi opportunità sabiex jiġi ċċarat li*** jenħtieġ li l-objettivi tal-Europol ikopru wkoll b'mod espliċitu l-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni. Il-miżuri restrittivi tal-Unjoni huma għodda essenzjali għas-salvagwardja tal-valuri, tas-sigurtà, tal-indipendenza u tal-integrità tal-Unjoni, għall-konsolidazzjoni u għas-sostenn tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali u għaż-żamma tal-paċi internazzjonali, għall-prevenzjoni tal-kunflitti u għat-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali f'konformità mal-għanijiet u mal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. ***Għalhekk,*** ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni ***jikkostitwixxi forma ta' reat li jaffettwa interess komuni kopert mill-politika tal-Unjoni, u li fir-rigward tiegħu jenħtieġ li l-Europol ikollha l-kompetenza li taġixxi sabiex issostni u ssaħħaħ l-azzjoni mill-Istati Membri***. | (20) Jenħtieġ li l-objettivi tal-Europol ikopru wkoll b'mod espliċitu l-ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni ***f'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1226***. Il-miżuri restrittivi tal-Unjoni huma għodda essenzjali għas-salvagwardja tal-valuri, tas-sigurtà, tal-indipendenza u tal-integrità tal-Unjoni, għall-konsolidazzjoni u għas-sostenn tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt, tad-drittijiet tal-bniedem u tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali u għaż-żamma tal-paċi internazzjonali, għall-prevenzjoni tal-kunflitti u għat-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali f'konformità mal-għanijiet u mal-prinċipji tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti. ***Biex jiġu żgurati l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi ta'*** ksur tal-miżuri restrittivi tal-Unjoni***, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw ma' xulxin permezz tal-Europol, tal-Eurojust u tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew kif ukoll magħhom, fil-qafas tal-kompetenzi rispettivi tagħhom u f'konformità mal-qafas legali applikabbli***. |

Or. en

**Emenda 150**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament għat-tisħiħ tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u ***tat-traffikar*** ta' bnedmin ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom minħabba n-natura transfruntiera ta' dawn ir-reati, iżda minflok, minħabba l-effetti tal-kooperazzjoni u tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi. | (25) Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament għat-tisħiħ tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' ***forom esplojtattivi ta'*** dħul klandestin ta' migranti u ***ta' traffikar*** ta' bnedmin ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu waħedhom minħabba n-natura transfruntiera ta' dawn ir-reati, iżda minflok, minħabba l-effetti tal-kooperazzjoni u tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi. |

Or. en

**Emenda 151**
**Georgiana Teodorescu, Alessandro Ciriani, Charlie Weimers, Assita Kanko, Jadwiga Wiśniewska**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 26a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(26a) Billi riżorsi addizzjonali huma ta' importanza ewlenija għall-Europol, b'mod partikolari fid-dawl tar-responsabbiltajiet u tal-kompiti ġodda potenzjali, billi huwa meħtieġ persunal addizzjonali biex jappoġġa ż-żieda fl-għadd ta' OTFs u investigazzjonijiet oħra dwar il-faċilitazzjoni organizzata ta' immigrazzjoni illegali u reati relatati, iqis*** |

***li huwa essenzjali li jiġi pprovdut ir-reklutaġġ ta' 15-il Aġent Temporanju, 15-il Aġent Kuntrattwali u 20 Espert Nazzjonali Sekondat ġodda;***

Or. en

**Emenda 152**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu I**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***I Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli sabiex jissaħħu l-kooperazzjoni tal-pulizija u s-sostenn tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin, billi:*** | ***imħassar*** |
| ***Suġġett u kamp ta' applikazzjoni*** | |
| ***Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli sabiex jissaħħu l-kooperazzjoni tal-pulizija u s-sostenn tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin, billi:*** | |
| ***(a) jiġu stabbiliti Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti fi ħdan il-Europol u qafas ta' governanza sabiex jiġu rregolati u sostnuti l-attivitajiet tiegħu;*** | |
| ***(b) jittejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Europol u aġenziji oħrajn tal-Unjoni;*** | |
| ***(c) jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-Europol;*** | |
| ***(d) il-Europol tiġi pprovduta bl-għodod neċessarji sabiex issostni u ssaħħaħ l-*** | |

***azzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra reati kriminali li jaqgħu taħt l-objettivi tal-Europol;***

***(e) tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Europol u pajjiżi terzi.***

***Definizzjonijiet***

***Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:***

***(1) "faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti" tfisser kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmijin fl-Artikoli 3, 4 u 5 tad-Direttiva [XXX] [ li tistabbilixxi regoli minimi għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul, ta' tranżitu u ta' soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, u għall-ġlieda kontra din, u li tissostitwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946 ĠAI][5];***

***(2) "traffikar ta' bnedmin" tfisser kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmijin fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6];***

***(3) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ddefiniti fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/794;***

***(4) "uffiċjal ta' kollegament tal-immigrazzjoni" tfisser uffiċjal ta' kollegament ippostjat f'pajjiż terz mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu, sabiex jittratta kwistjonijiet relatati mal-immigrazzjoni, inkluż meta dawk il-kwistjonijiet ikunu biss parti mid-dmirijiet tal-uffiċjal ta' kollegament.***

---

***[5] [jekk jogħġbok żid it-titolu u r-referenza tal-pubblikazzjoni]***

***[6] Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-***

***vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI (ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/36/oj).***

Or. fr

**Emenda 153**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu I**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***I Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli sabiex jissaħħu l-kooperazzjoni tal-pulizija u s-sostenn tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin, billi:*** | ***imħassar*** |
| ***Suġġett u kamp ta' applikazzjoni*** | |
| ***Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli sabiex jissaħħu l-kooperazzjoni tal-pulizija u s-sostenn tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin, billi:*** | |
| ***(a) jiġu stabbiliti Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti fi ħdan il-Europol u qafas ta' governanza sabiex jiġu rregolati u sostnuti l-attivitajiet tiegħu;*** | |
| ***(b) jittejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Europol u aġenziji oħrajn tal-Unjoni;*** | |
| ***(c) jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-Europol;*** | |
| ***(d) il-Europol tiġi pprovduta bl-għodod neċessarji sabiex issostni u ssaħħaħ l-azzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti tal-*** | |

***Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra reati kriminali li jaqgħu taħt l-objettivi tal-Europol;***

***(e) tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Europol u pajjiżi terzi.***

***Definizzjonijiet***

***Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:***

***(1) "faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti" tfisser kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmijin fl-Artikoli 3, 4 u 5 tad-Direttiva [XXX] [ li tistabbilixxi regoli minimi għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul, ta' tranżitu u ta' soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, u għall-ġlieda kontra din, u li tissostitwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946 ĠAI][5];***

***(2) "traffikar ta' bnedmin" tfisser kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmijin fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6];***

***(3) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ddefiniti fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/794;***

***(4) "uffiċjal ta' kollegament tal-immigrazzjoni" tfisser uffiċjal ta' kollegament ippostjat f'pajjiż terz mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu, sabiex jittratta kwistjonijiet relatati mal-immigrazzjoni, inkluż meta dawk il-kwistjonijiet ikunu biss parti mid-dmirijiet tal-uffiċjal ta' kollegament.***

---

***[5] [jekk jogħġbok żid it-titolu u r-referenza tal-pubblikazzjoni]***

***[6] Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-***

***Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI (ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/36/oj).***

Or. en

**Emenda 154**
**Georgiana Teodorescu, Alessandro Ciriani, Charlie Weimers, Assita Kanko**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu I**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***I Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli sabiex jissaħħu l-kooperazzjoni tal-pulizija u s-sostenn tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin, billi:*** | ***imħassar*** |
| ***Suġġett u kamp ta' applikazzjoni*** | |
| ***Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli sabiex jissaħħu l-kooperazzjoni tal-pulizija u s-sostenn tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin, billi:*** | |
| ***(a) jiġu stabbiliti Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti fi ħdan il-Europol u qafas ta' governanza sabiex jiġu rregolati u sostnuti l-attivitajiet tiegħu;*** | |
| ***(b) jittejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Europol u aġenziji oħrajn tal-Unjoni;*** | |
| ***(c) jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-Europol;*** | |
| ***(d) il-Europol tiġi pprovduta bl-għodod neċessarji sabiex issostni u ssaħħaħ l-azzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka*** | |

***tagħhom fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra reati kriminali li jaqgħu taħt l-objettivi tal-Europol;***

***(e) tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Europol u pajjiżi terzi.***

***Definizzjonijiet***

***Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:***

***(1) "faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti" tfisser kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmijin fl-Artikoli 3, 4 u 5 tad-Direttiva [XXX] [ li tistabbilixxi regoli minimi għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul, ta' tranżitu u ta' soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, u għall-ġlieda kontra din, u li tissostitwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946 ĠAI][5];***

***(2) "traffikar ta' bnedmin" tfisser kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmijin fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6];***

***(3) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ddefiniti fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/794;***

***(4) "uffiċjal ta' kollegament tal-immigrazzjoni" tfisser uffiċjal ta' kollegament ippostjat f'pajjiż terz mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu, sabiex jittratta kwistjonijiet relatati mal-immigrazzjoni, inkluż meta dawk il-kwistjonijiet ikunu biss parti mid-dmirijiet tal-uffiċjal ta' kollegament.***

---

***[5] [jekk jogħġbok żid it-titolu u r-referenza tal-pubblikazzjoni]***

***[6] Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI***

***(ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/36/oj).***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tħassir tar-Regolament awtonomu.*

**Emenda 155**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 1*** | ***imħassar*** |
| ***Suġġett u kamp ta' applikazzjoni*** | |
| ***Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli sabiex jissaħħu l-kooperazzjoni tal-pulizija u s-sostenn tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u kontra t-traffikar ta' bnedmin, billi:*** | |
| ***(a) jiġu stabbiliti Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti fi ħdan il-Europol u qafas ta' governanza sabiex jiġu rregolati u sostnuti l-attivitajiet tiegħu;*** | |
| ***(b) jittejbu l-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Europol u aġenziji oħrajn tal-Unjoni;*** | |
| ***(c) jissaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-Europol;*** | |
| ***(d) il-Europol tiġi pprovduta bl-għodod neċessarji sabiex issostni u ssaħħaħ l-azzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra reati kriminali li jaqgħu taħt l-objettivi tal-Europol;*** | |
| ***(e) tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-*** | |

***Europol u pajjiżi terzi.***

Or. en

**Emenda 156**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ***sabiex*** jissaħħu l-kooperazzjoni tal-pulizija u s-sostenn tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra ***l-faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti u ***kontra t-traffikar*** ta' bnedmin, billi: | Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli ***biex*** jissaħħu l-kooperazzjoni tal-pulizija u s-sostenn tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra ***forom esplojtattivi ta' faċilitazzjoni*** ta' dħul klandestin ta' migranti u ***traffikar*** ta' bnedmin, billi: |

Or. en

**Emenda 157**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ***jiġu stabbiliti*** Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti fi ħdan il-Europol ***u qafas ta' governanza sabiex jiġu rregolati u sostnuti l-attivitajiet tiegħu***; | (a) ***l-istabbiliment ta'*** Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti fi ħdan il-Europol; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-Regolament dwar il-Europol jipprevedi qafas ta' governanza taċ-ċentru li diġà huwa suffiċjenti.*

**Emenda 158**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) il-Europol tiġi pprovduta bl-għodod neċessarji sabiex issostni u ssaħħaħ l-azzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni reċiproka tagħhom fil-prevenzjoni u fil-ġlieda kontra reati kriminali li jaqgħu taħt l-objettivi tal-Europol;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 159**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(e) tittejjeb il-kooperazzjoni bejn il-Europol u pajjiżi terzi.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 160**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 2*** | ***imħassar*** |
| ***Definizzjonijiet*** | |
| ***Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:*** | |
| ***(1) "faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta'*** | |

***migranti" tfisser kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmijin fl-Artikoli 3, 4 u 5 tad-Direttiva [XXX] [ li tistabbilixxi regoli minimi għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul, ta' tranżitu u ta' soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, u għall-ġlieda kontra din, u li tissostitwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946 ĠAI][5];***

***(2) "traffikar ta' bnedmin" tfisser kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmijin fl-Artikoli 2 u 3 tad-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6];***

***(3) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ddefiniti fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/794;***

***(4) "uffiċjal ta' kollegament tal-immigrazzjoni" tfisser uffiċjal ta' kollegament ippostjat f'pajjiż terz mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu, sabiex jittratta kwistjonijiet relatati mal-immigrazzjoni, inkluż meta dawk il-kwistjonijiet ikunu biss parti mid-dmirijiet tal-uffiċjal ta' kollegament.***

---

***[5] [jekk jogħġbok żid it-titolu u r-referenza tal-pubblikazzjoni]***

***[6] Id-Direttiva 2011/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI (ĠU L 101, 15.4.2011, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2011/36/oj).***

Or. en

**Emenda 161**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti" tfisser kwalunkwe ***waħda mill-attivitajiet*** imsemmijin fl-Artikoli 3***, 4 u 5*** tad-Direttiva [XXX] [ li tistabbilixxi regoli minimi għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul, ta' tranżitu u ta' soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, u għall-ġlieda ***kontra din***, u li tissostitwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946 ĠAI][5]; | (1) "***forom esplojtattivi ta'*** faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti" tfisser kwalunkwe ***attività minn dawk*** imsemmijin fl-Artikoli 3 ***u 4*** tad-Direttiva [XXX] [ li tistabbilixxi regoli minimi għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul, ta' tranżitu u ta' soġġorn mhux awtorizzati fl-Unjoni, u għall-ġlieda ***kontrihom***, u li tissostitwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE u d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/946 ĠAI][5]; |
| [5] [jekk jogħġbok żid it-titolu u r-referenza tal-pubblikazzjoni] | [5] [jekk jogħġbok żid it-titolu u r-referenza tal-pubblikazzjoni] |

Or. en

**Emenda 162**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(3) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ddefiniti fl-Artikolu 2, il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2016/794;*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tħassir konsegwenzjali minħabba t-tħassir tar-regolament awtonomu.*

**Emenda 163**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(4) "uffiċjal ta' kollegament tal-immigrazzjoni" tfisser uffiċjal ta' kollegament ippostjat f'pajjiż terz mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu, sabiex jittratta kwistjonijiet relatati mal-immigrazzjoni, inkluż meta dawk il-kwistjonijiet ikunu biss parti mid-dmirijiet tal-uffiċjal ta' kollegament.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tħassir konsegwenzjali relatat mal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.*

**Emenda 164**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu II**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***II Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti huwa stabbilit fi ħdan il-Europol bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat kif imsemmi fl-Artikolu 4(1), il-punt (l), tar-Regolament (UE) 2016/794. Għandu jsostni lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn u għandu jwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-istruttura ta' governanza għaċ-ċentri fi ħdan il-Europol diġà hija regolata biżżejjed fir-Regolament attwali dwar il-Europol.*

**Emenda 165**

**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu II**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***QAFAS TA' GOVERNANZA TAĊ-ĊENTRU EWROPEW KONTRA L-FAĊILITAZZJONI TA' DĦUL KLANDESTIN TA' MIGRANTI*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 166**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu II**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***II Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti huwa stabbilit fi ħdan il-Europol bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat kif imsemmi fl-Artikolu 4(1), il-punt (l), tar-Regolament (UE) 2016/794. Għandu jsostni lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn u għandu jwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 167**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| ***Artikolu 3*** | ***imħassar*** |
| ***3 Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti huwa stabbilit fi ħdan il-Europol bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat kif imsemmi fl-Artikolu 4(1), il-punt (l), tar-Regolament (UE) 2016/794.Għandu jsostni lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn u għandu jwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.*** | |
| ***Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti huwa stabbilit fi ħdan il-Europol bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat kif imsemmi fl-Artikolu 4(1), il-punt (l), tar-Regolament (UE) 2016/794. Għandu jsostni lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn u għandu jwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.*** | |

Or. en

**Emenda 168**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 3*** | ***imħassar*** |
| ***3 Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti huwa stabbilit fi ħdan il-Europol bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat kif imsemmi fl-Artikolu 4(1), il-punt (l), tar-Regolament (UE) 2016/794.Għandu jsostni lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra*** | |

***dawn u għandu jwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.***

***Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti huwa stabbilit fi ħdan il-Europol bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat kif imsemmi fl-Artikolu 4(1), il-punt (l), tar-Regolament (UE) 2016/794. Għandu jsostni lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn u għandu jwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.***

Or. en

**Emenda 169**
**Georgiana Teodorescu, Alessandro Ciriani, Charlie Weimers, Assita Kanko**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 3*** | ***imħassar*** |
| ***3 Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti huwa stabbilit fi ħdan il-Europol bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat kif imsemmi fl-Artikolu 4(1), il-punt (l), tar-Regolament (UE) 2016/794.Għandu jsostni lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn u għandu jwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.*** | |
| ***Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti huwa stabbilit fi ħdan il-Europol bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat kif imsemmi fl-Artikolu 4(1), il-punt (l), tar-Regolament (UE) 2016/794. Għandu jsostni lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-*** | |

***traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn u għandu jwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.***

Or. en

**Emenda 170**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 3*** | ***imħassar*** |
| ***3 Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti huwa stabbilit fi ħdan il-Europol bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat kif imsemmi fl-Artikolu 4(1), il-punt (l), tar-Regolament (UE) 2016/794.Għandu jsostni lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn u għandu jwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.*** | |
| ***Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti huwa stabbilit fi ħdan il-Europol bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat kif imsemmi fl-Artikolu 4(1), il-punt (l), tar-Regolament (UE) 2016/794. Għandu jsostni lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn u għandu jwettaq il-kompiti stabbiliti fl-Artikoli 5 u 6.*** | |

Or. en

**Emenda 171**
**Georgiana Teodorescu, Alessandro Ciriani, Charlie Weimers, Assita Kanko**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Kompożizzjoni taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti*** | imħassar |

Or. en

**Emenda 172**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Kompożizzjoni taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti*** | imħassar |

Or. en

**Emenda 173**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***[...]*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 174**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| ***[...]*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 175**
**Cecilia Strada, Alessandro Zan, Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) rappreżentant mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali*** |

Or. en

**Emenda 176**
**Jan-Christoph Oetjen, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Hilde Vautmans**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ca) rappreżentant tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil*** |

Or. en

**Emenda 177**
**Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti għandu jorganizza laqgħa tal-entitajiet imsemmijin fil-punti (a) sa (d) tal-anqas darbtejn fis-sena u l-Kummissjoni għandha tipparteċipa | Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti għandu jorganizza laqgħa tal-entitajiet imsemmijin fil-punti (a) sa (d) tal-anqas darbtejn fis-sena**,**u l-Kummissjoni għandha tipparteċipa |

| | |
|---|---|
| f'tali laqgħa. | f'tali laqgħa.<br>***Mill-inqas kull sentejn, il-Europol għandha tipprovdi taħriġ lir-rappreżentanti tas-servizzi tal-Istati Membri li jikkooperaw maċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti.*** |
| | Or. pl |

**Emenda 178**
**Cecilia Strada, Alessandro Zan, Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) rappreżentant mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali*** |
| | Or. en |

**Emenda 179**
**Nikola Minchev, Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Għall-fini tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, u f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (g), tar-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], il-Eurojust għandha ***tibgħat*** uffiċjal ta' kollegament, li jaġixxi f'konformità ma' dak ir-Regolament, ***liċ-Ċentru*** Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti. | 3. Għall-fini tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, u f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (g), tar-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7], il-Eurojust għandha ***timmobilizza*** uffiċjal ta' kollegament, li jaġixxi f'konformità ma' dak ir-Regolament, ***lejn iċ-Ċentru*** Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti. ***Sabiex jiġi evitat li din il-mobilizzazzjoni tillimita r-riżorsi ddedikati mill-Eurojust għall-ġlieda kontra n-networks tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti f'konformità mal-mandat tagħha, il-kost*** |

| | |
|---|---|
| | ***għandu jiġġarrab mill-Bażit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea.*** |
| [7] Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, ***21.11.2018,*** p. 138, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1727/oj). | [7] Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, p. 138, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1727/oj). |

Or. en

**Emenda 180**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Kompiti strateġiċi taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti*** | imħassar |

Or. en

**Emenda 181**
**Georgiana Teodorescu, Alessandro Ciriani, Charlie Weimers, Assita Kanko**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Kompiti strateġiċi taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti*** | imħassar |

Or. en

**Emenda 182**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***[...]*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 183**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***[...]*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 184**
**Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jipprovdi analiżijiet strateġiċi u valutazzjonijiet tat-theddid sabiex jassisti lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fl-istabbiliment ta' prijoritajiet strateġiċi u operazzjonali tal-Unjoni għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda kontra dawn, f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2016/794; | (a) jipprovdi analiżijiet strateġiċi u valutazzjonijiet tat-theddid sabiex jassisti ***lill-Parlament Ewropew,*** lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fl-istabbiliment ta' prijoritajiet strateġiċi u operazzjonali tal-Unjoni għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda kontra dawn, f'konformità mal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2016/794; |

Or. pl

**Emenda 185**
**Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) isostni ***l-koordinazzjoni***, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-aġenziji tal-Unjoni dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, b'mod partikolari mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, mal-Eurojust u, meta xieraq, ma' korpi jew ma' aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni, inkluż permezz ta' arranġamenti ta' ħidma bejniethom, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2016/794; | (c) isostni ***- filwaqt li jiżgura li din il-kooperazzjoni ma twassal għall-ebda duplikazzjoni jew nuqqas ta' ċarezza u tipprovdi valur miżjud ġenwin - il-koordinazzjoni***, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-aġenziji tal-Unjoni dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, b'mod partikolari mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, mal-Eurojust u, meta xieraq, ma' korpi jew ma' aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni***, skont l-oqfsa legali rispettivi tagħhom***, inkluż permezz ta' arranġamenti ta' ħidma bejniethom, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2016/794; |

Or. en

**Emenda 186**
**Jan-Christoph Oetjen, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Lucia Yar, Hilde Vautmans**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) isostni l-koordinazzjoni, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-aġenziji tal-Unjoni dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, b'mod partikolari mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, mal-Eurojust u, meta xieraq, ma' korpi jew ma' aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni, inkluż permezz ta' arranġamenti ta' ħidma bejniethom, f'konformità mal-Artikolu | (c) isostni l-koordinazzjoni, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-aġenziji tal-Unjoni dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, b'mod partikolari mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, ***mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil,*** mal-Eurojust u, meta xieraq, ma' korpi jew ma' aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni, inkluż permezz ta' arranġamenti ta' ħidma |

| | |
|---|---|
| 4(1), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2016/794; | bejniethom, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (j), tar-Regolament (UE) 2016/794; |

Or. en

**Emenda 187**
**Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt h**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) jipprovdi analiżijiet strateġiċi u valutazzjonijiet tat-theddid lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni kif ukoll lil aġenziji ***u lil*** korpi ***relevanti*** tal-Unjoni, fejn xieraq, dwar il-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u l-ġlieda ***kontra dawn***, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2016/794; | (h) jipprovdi analiżijiet strateġiċi u valutazzjonijiet tat-theddid ***u tar-riskji*** lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni kif ukoll lil aġenziji ***jew*** korpi ***rilevanti*** tal-Unjoni, fejn xieraq, dwar il-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u l-ġlieda ***kontrihom***, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (f), tar-Regolament (UE) 2016/794; |

Or. en

**Emenda 188**
**Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) iwettaq azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni fil-livell Ewropew u fl-Istati Membri biex iħeġġeġ l-iżvilupp ta' approċċ ta' katina fost l-atturi kollha involuti fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin.*** |

Or. en

**Emenda 189**
**Georgiana Teodorescu, Alessandro Ciriani, Charlie Weimers, Assita Kanko**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Kompiti operazzjonali taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti*** | imħassar |

Or. en

**Emenda 190**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Kompiti operazzjonali taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti*** | imħassar |

Or. en

**Emenda 191**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***[...]*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 192**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***[...]*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 193**
**Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jikkoordina, jorganizza u jimplimenta azzjonijiet investigattivi u operazzjonali sabiex isostni u jsaħħaħ l-azzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn, ***inkluż*** meta dawn ***ir-reati*** jiġu ffaċilitati, promossi jew ***jitwettqu*** bl-użu tal-internet, ***inkluża l-media*** soċjali, u inkluż fil-kuntest ***tal-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punti (c) u (m), tar-Regolament (UE) 2016/794; | (a) jikkoordina, jorganizza u jimplimenta azzjonijiet investigattivi u operazzjonali sabiex isostni u jsaħħaħ l-azzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn, ***b'attenzjoni partikolari mogħtija*** meta dawn ***il-forom ta' reati*** jiġu ffaċilitati, ***permessi,*** promossi jew ***imwettqa*** bl-użu tal-internet, ***speċjalment fuq pjattaformi online kbar ħafna, inklużi, pereżempju, dawk tal-media*** soċjali, ***tas-servizzi tad-dating, tar-ride-sharing jew tal-akkomodazzjoni;*** u inkluż fil-kuntest ***tal-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punti (c) u (m), tar-Regolament (UE) 2016/794; |

Or. en

**Emenda 194**
**Cecilia Strada, Alessandro Zan, Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jikkoordina***, jorganizza u jimplimenta*** azzjonijiet ***investigattivi u*** operazzjonali ***sabiex*** isostni u jsaħħaħ l-azzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn, inkluż meta dawn ir-reati jiġu ffaċilitati, promossi jew jitwettqu bl-użu tal-internet, inkluża l-media soċjali, u inkluż fil-kuntest ***tal-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punti (c) u (m), tar-Regolament (UE) 2016/794; | (a) jikkoordina ***u jorganizza*** azzjonijiet operazzjonali ***biex*** isostni u jsaħħaħ l-azzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn, inkluż meta dawn ir-reati jiġu ffaċilitati, promossi jew jitwettqu bl-użu tal-internet, inkluża l-media soċjali, u inkluż fil-kuntest ***tal-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punti (c) u (m), tar-Regolament (UE) 2016/794; |

Or. en

**Emenda 195**
**Tomáš Zdechovský**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – punt ha (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ha) joħloq Reġistru Ewropew ta' persuni misjuba ħatja li jiffaċilitaw id-dħul klandestin ta' persuni, ġestit mill-Europol, li se jinkludi mhux biss l-individwi misjuba ħatja iżda wkoll il-persuni suspettati li jkunu ġew arrestati, biex tittejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali fl-infurzar tal-liġi;*** |

Or. en

**Emenda 196**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu III**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***KOOPERAZZJONI BEJN L-ISTATI MEMBRI U L-EUROPOL DWAR IL-PREVENZJONI TAL-FAĊILITAZZJONI TA' DĦUL KLANDESTIN TA' MIGRANTI U TAT-TRAFFIKAR TA' BNEDMIN U L-ĠLIEDA KONTRA DAWN*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 197**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu III**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***III Kull Stat Membru għandu jaħtar, sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, servizz speċjalizzat wieħed jew aktar fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti tiegħu, f'konformità mad-dritt nazzjonali, sabiex jipprevjeni u jiġġieled il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, inkluż permezz ta' investigazzjonijiet kriminali. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'din il-ħatra minnufih.*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 198**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu III**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***[...]*** | ***imħassar*** |

**Emenda 199**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 7*** | ***imħassar*** |
| ***Servizzi nazzjonali speċjalizzati għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda kontra dawn*** | |
| ***1. Kull Stat Membru għandu jaħtar, sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, servizz speċjalizzat wieħed jew aktar fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti tiegħu, f'konformità mad-dritt nazzjonali, sabiex jipprevjeni u jiġġieled il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, inkluż permezz ta' investigazzjonijiet kriminali. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'din il-ħatra minnufih.*** | |
| ***2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li s-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jiġbru l-informazzjoni rilevanti kollha dwar u li tirriżulta minn investigazzjonijiet kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin u jaqsmu informazzjoni bħal din mill-aktar fis possibbli mal-Europol u ma' Stati Membri oħrajn f'konformità mal-Artikolu 8.*** | |
| ***3. Kull Stat Membru għandu jikkollega, sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, is-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu direttament mal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta'*** | |

***Informazzjoni (SIENA) tal-Europol imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (w), tar-Regolament (UE) 2016/794. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan il-kollegament minnufih.***

***4. Kull Stat Membru għandu jipprovdi s-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 b'riżorsi adegwati sabiex jiġi żgurat li dawk is-servizzi speċjalizzati jkunu mgħammrin sabiex jipprevjenu u jiġġieldu b'mod effettiv il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, u sabiex jiġbru u jikkondividu l-informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 2 b'mod effettiv u effiċjenti.***

***5. Kull Stat Membru għandu jagħmel disponibbli numru xieraq ta' membri tal-persunal tas-servizzi speċjalizzati maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-grupp ta' riżerva msemmi fl-Artikolu 5b(6) tar-Regolament (UE) 2016/794, sabiex dawk il-membri tal-persunal ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali bħala esperti nazzjonali sekondati.***

Or. en

**Emenda 200**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 7*** | ***imħassar*** |
| ***Servizzi nazzjonali speċjalizzati għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda kontra dawn*** | |
| ***1. Kull Stat Membru għandu jaħtar, sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul*** | |

***fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, servizz speċjalizzat wieħed jew aktar fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti tiegħu, f'konformità mad-dritt nazzjonali, sabiex jipprevjeni u jiġġieled il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, inkluż permezz ta' investigazzjonijiet kriminali. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'din il-ħatra minnufih.***

***2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li s-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jiġbru l-informazzjoni rilevanti kollha dwar u li tirriżulta minn investigazzjonijiet kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin u jaqsmu informazzjoni bħal din mill-aktar fis possibbli mal-Europol u ma' Stati Membri oħrajn f'konformità mal-Artikolu 8.***

***3. Kull Stat Membru għandu jikkollega, sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, is-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu direttament mal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA) tal-Europol imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (w), tar-Regolament (UE) 2016/794. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan il-kollegament minnufih.***

***4. Kull Stat Membru għandu jipprovdi s-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 b'riżorsi adegwati sabiex jiġi żgurat li dawk is-servizzi speċjalizzati jkunu mgħammrin sabiex jipprevjenu u jiġġieldu b'mod effettiv il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, u sabiex jiġbru u jikkondividu l-informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 2 b'mod effettiv u effiċjenti.***

***5. Kull Stat Membru għandu jagħmel disponibbli numru xieraq ta' membri tal-***

***persunal tas-servizzi speċjalizzati maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-grupp ta' riżerva msemmi fl-Artikolu 5b(6) tar-Regolament (UE) 2016/794, sabiex dawk il-membri tal-persunal ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali bħala esperti nazzjonali sekondati.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan l-Artikolu qed jimmina l-Artikolu 19 tad-Direttiva dwar it-Traffikar ta' Bnedmin, fejn diġà huma stabbiliti servizzi speċjalizzati kif ukoll koordinaturi nazzjonali kontra t-traffikar.*

**Emenda 201**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 7*** | ***imħassar*** |
| ***Servizzi nazzjonali speċjalizzati għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda kontra dawn*** | |
| ***1. Kull Stat Membru għandu jaħtar, sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, servizz speċjalizzat wieħed jew aktar fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti tiegħu, f'konformità mad-dritt nazzjonali, sabiex jipprevjeni u jiġġieled il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, inkluż permezz ta' investigazzjonijiet kriminali. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'din il-ħatra minnufih.*** | |
| ***2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li s-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jiġbru l-informazzjoni rilevanti kollha dwar u li tirriżulta minn*** | |

***investigazzjonijiet kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin u jaqsmu informazzjoni bħal din mill-aktar fis possibbli mal-Europol u ma' Stati Membri oħrajn f'konformità mal-Artikolu 8.***

***3. Kull Stat Membru għandu jikkollega, sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, is-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu direttament mal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA) tal-Europol imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (w), tar-Regolament (UE) 2016/794. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan il-kollegament minnufih.***

***4. Kull Stat Membru għandu jipprovdi s-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 b'riżorsi adegwati sabiex jiġi żgurat li dawk is-servizzi speċjalizzati jkunu mgħammrin sabiex jipprevjenu u jiġġieldu b'mod effettiv il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, u sabiex jiġbru u jikkondividu l-informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 2 b'mod effettiv u effiċjenti.***

***5. Kull Stat Membru għandu jagħmel disponibbli numru xieraq ta' membri tal-persunal tas-servizzi speċjalizzati maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-grupp ta' riżerva msemmi fl-Artikolu 5b(6) tar-Regolament (UE) 2016/794, sabiex dawk il-membri tal-persunal ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali bħala esperti nazzjonali sekondati.***

Or. en

**Emenda 202**

**Georgiana Teodorescu, Alessandro Ciriani, Charlie Weimers, Assita Kanko**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 7*** | ***imħassar*** |
| ***Servizzi nazzjonali speċjalizzati għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda kontra dawn*** | |
| ***1. Kull Stat Membru għandu jaħtar, sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, servizz speċjalizzat wieħed jew aktar fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti tiegħu, f'konformità mad-dritt nazzjonali, sabiex jipprevjeni u jiġġieled il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, inkluż permezz ta' investigazzjonijiet kriminali. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'din il-ħatra minnufih.*** | |
| ***2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li s-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jiġbru l-informazzjoni rilevanti kollha dwar u li tirriżulta minn investigazzjonijiet kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin u jaqsmu informazzjoni bħal din mill-aktar fis possibbli mal-Europol u ma' Stati Membri oħrajn f'konformità mal-Artikolu 8.*** | |
| ***3. Kull Stat Membru għandu jikkollega, sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, is-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu direttament mal-Applikazzjoni ta' Network għall-Iskambju Sikur ta' Informazzjoni (SIENA) tal-Europol imsemmija fl-Artikolu 2, il-punt (w), tar-Regolament (UE) 2016/794. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'dan il-kollegament*** | |

***minnufih.***

***4. Kull Stat Membru għandu jipprovdi s-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 b'riżorsi adegwati sabiex jiġi żgurat li dawk is-servizzi speċjalizzati jkunu mgħammrin sabiex jipprevjenu u jiġġieldu b'mod effettiv il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, u sabiex jiġbru u jikkondividu l-informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 2 b'mod effettiv u effiċjenti.***

***5. Kull Stat Membru għandu jagħmel disponibbli numru xieraq ta' membri tal-persunal tas-servizzi speċjalizzati maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-grupp ta' riżerva msemmi fl-Artikolu 5b(6) tar-Regolament (UE) 2016/794, sabiex dawk il-membri tal-persunal ikunu jistgħu jipparteċipaw fl-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali bħala esperti nazzjonali sekondati.***

Or. en

**Emenda 203**
**Cecilia Strada, Alessandro Zan, Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jaħtar, sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, servizz speċjalizzat wieħed jew aktar fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti tiegħu, f'konformità mad-dritt nazzjonali, sabiex jipprevjeni u jiġġieled il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin***, inkluż permezz ta' investigazzjonijiet kriminali***. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'din il-ħatra minnufih. | 1. Kull Stat Membru għandu jaħtar, sa mhux aktar tard minn sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, servizz speċjalizzat wieħed jew aktar fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti tiegħu, f'konformità mad-dritt nazzjonali, sabiex jipprevjeni u jiġġieled il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin. Kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni b'din il-ħatra minnufih. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-investigazzjonijiet kriminali huma prerogattiva tal-ġudikatura, li hija indipendenti u ċertament mhux soġġetta għal xi dożinjazzjoni ulterjuri mill-Istati Membri.*

**Emenda 204**
**Cecilia Strada, Alessandro Zan, Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li s-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jiġbru l-informazzjoni rilevanti kollha ***dwar*** u li tirriżulta minn investigazzjonijiet kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin u jaqsmu informazzjoni bħal din mill-aktar fis possibbli mal-Europol u ma' Stati Membri oħrajn f'konformità mal-Artikolu 8. | 2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li s-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jiġbru l-informazzjoni rilevanti kollha ***li tikkonċerna*** u li tirriżulta minn investigazzjonijiet kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin u jaqsmu informazzjoni bħal din mill-aktar fis possibbli mal-Europol u ma' Stati Membri oħrajn f'konformità mal-Artikolu 8***, biss meta r-reat kriminali jkun twettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali skont it-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI[1a]***. |

***[1a] Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI tal-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata (ĠU L 300, 11.11.2008, p. 42). 42, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2008/841/oj).***

Or. en

**Emenda 205**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li s-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jiġbru l-informazzjoni rilevanti kollha dwar u li tirriżulta minn investigazzjonijiet kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin u jaqsmu informazzjoni bħal din ***mill-aktar fis possibbli*** mal-Europol u ma' Stati Membri oħrajn f'konformità mal-Artikolu 8. | 2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li s-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jiġbru l-informazzjoni rilevanti kollha dwar u li tirriżulta minn investigazzjonijiet kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin u jaqsmu informazzjoni bħal din ***mingħajr dewmien bla bżonn*** mal-Europol u ma' Stati Membri oħrajn f'konformità mal-Artikolu 8. |

Or. fi

**Emenda 206**
**Cecilia Strada, Alessandro Zan, Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Kull Stat Membru għandu jipprovdi s-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 b'riżorsi adegwati sabiex jiġi żgurat li dawk is-servizzi speċjalizzati jkunu mgħammrin sabiex jipprevjenu u jiġġieldu b'mod effettiv il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, u sabiex jiġbru u jikkondividu l-informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 2 b'mod effettiv u effiċjenti. | 4. Kull Stat Membru għandu jipprovdi s-servizzi speċjalizzati tiegħu maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 b'riżorsi adegwati sabiex jiġi żgurat li dawk is-servizzi speċjalizzati jkunu mgħammrin sabiex jipprevjenu u jiġġieldu b'mod effettiv il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, u sabiex jiġbru u jikkondividu l-informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 2 b'mod effettiv u effiċjenti***, biss meta r-reat kriminali jkun twettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali skont it-tifsira tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI***. |

Or. en

**Emenda 207**
**Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Lucia Yar, Veronika Cifrová Ostrihoňová**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Kull Stat Membru għandu jipprovdi ***s-servizzi*** speċjalizzati tiegħu ***maħturin*** f'konformità mal-paragrafu 1 ***b'riżorsi*** adegwati sabiex jiġi żgurat li dawk is-servizzi speċjalizzati jkunu mgħammrin sabiex jipprevjenu u jiġġieldu b'mod effettiv il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, u sabiex jiġbru u jikkondividu l-informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 2 b'mod effettiv u effiċjenti. | 4. Kull Stat Membru għandu jipprovdi ***– kemm jista' jkun – lis-servizzi*** speċjalizzati tiegħu ***ddeżinjati*** f'konformità mal-paragrafu 1 ***riżorsi*** adegwati***, inkluż f'dawk li huma persunal u taħriġ,*** sabiex jiġi żgurat li dawk is-servizzi speċjalizzati jkunu mgħammrin sabiex jipprevjenu u jiġġieldu b'mod effettiv il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, u sabiex jiġbru u jikkondividu l-informazzjoni f'konformità mal-paragrafu 2 b'mod effettiv u effiċjenti. |

Or. en

**Emenda 208**
**Sophie Wilmès, Hilde Vautmans, Veronika Cifrová Ostrihoňová**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Kull Stat Membru għandu jagħmel disponibbli numru xieraq ta' membri tal-persunal tas-servizzi speċjalizzati maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-grupp ta' riżerva msemmi fl-Artikolu 5b(6) tar-Regolament (UE) 2016/794, sabiex dawk il-membri tal-persunal ikunu jistgħu jipparteċipaw ***fl-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali bħala esperti nazzjonali sekondati. | 5. Kull Stat Membru għandu jagħmel disponibbli ***– fil-limiti tar-riżorsi, il-kapaċitajiet u l-ħtiġijiet operazzjonali tiegħu –*** numru xieraq ta' membri tal-persunal tas-servizzi speċjalizzati maħturin f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-grupp ta' riżerva msemmi fl-Artikolu 5b(6) tar-Regolament (UE) 2016/794, sabiex dawk il-membri tal-persunal ikunu jistgħu jipparteċipaw ***fil-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali bħala esperti nazzjonali sekondati. |

Or. en

**Emenda 209**
**Georgiana Teodorescu, Alessandro Ciriani, Charlie Weimers, Assita Kanko**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 8*** | ***imħassar*** |
| ***Il-provvista ta' informazzjoni rigward reati kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin lill-Europol u lill-Istati Membri*** | |
| ***1. Kull Stat Membru għandu, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794, jipprovdi lill-Europol b'informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu u relatata ma' reati kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin.*** | |
| ***2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lill-Europol fil-ħin.*** | |
| ***3. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Istati Membri l-oħrajn u, fl-istess ħin, lill-Europol b'informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu u relatata ma' reati kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin meta jkun hemm raġunijiet oġġettivi għaliex wieħed jemmen li tali informazzjoni tista' tkun rilevanti għal dawk l-Istati Membri l-oħrajn għall-fini tal-prevenzjoni, tal-identifikazzjoni jew tal-investigazzjoni ta' tali reati kriminali f'dawk l-Istati Membri.*** | |
| ***4. Kull Stat Membru għandu juża s-SIENA sabiex jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu lil Stati Membri oħrajn u lill-Europol, f'konformità mal-Artikolu 8(4) u mal-Artikolu 18(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2016/794.*** | |
| ***5. Kull Stat Membru għandu jikkollega lill-uffiċjali ta' kollegament tal-immigrazzjoni tiegħu mas-SIENA. Meta ma jkunx possibbli li uffiċjal ta'*** | |

***kollegament tal-immigrazzjoni jiġi kkollegat mas-SIENA minħabba raġunijiet tekniċi imperattivi relatati mas-sitwazzjoni fil-pajjiż terz tal-iskjerament, dak l-uffiċjal ta' kollegament tal-immigrazzjoni għandu jissottometti l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lil awtorità kompetenti nazzjonali permezz ta' mezzi siguri oħrajn. Dik l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi l-informazzjoni lill-Europol, direttament jew permezz tal-unità nazzjonali tal-Europol, bl-użu tas-SIENA.***

Or. en

**Emenda 210**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 8*** | ***imħassar*** |
| ***Il-provvista ta' informazzjoni rigward reati kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin lill-Europol u lill-Istati Membri*** | |
| ***1. Kull Stat Membru għandu, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794, jipprovdi lill-Europol b'informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu u relatata ma' reati kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin.*** | |
| ***2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lill-Europol fil-ħin.*** | |
| ***3. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Istati Membri l-oħrajn u, fl-istess ħin, lill-Europol b'informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu u relatata ma' reati kriminali dwar il-faċilitazzjoni*** | |

***ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin meta jkun hemm raġunijiet oġġettivi għaliex wieħed jemmen li tali informazzjoni tista' tkun rilevanti għal dawk l-Istati Membri l-oħrajn għall-fini tal-prevenzjoni, tal-identifikazzjoni jew tal-investigazzjoni ta' tali reati kriminali f'dawk l-Istati Membri.***

***4. Kull Stat Membru għandu juża s-SIENA sabiex jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu lil Stati Membri oħrajn u lill-Europol, f'konformità mal-Artikolu 8(4) u mal-Artikolu 18(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2016/794.***

***5. Kull Stat Membru għandu jikkollega lill-uffiċjali ta' kollegament tal-immigrazzjoni tiegħu mas-SIENA. Meta ma jkunx possibbli li uffiċjal ta' kollegament tal-immigrazzjoni jiġi kkollegat mas-SIENA minħabba raġunijiet tekniċi imperattivi relatati mas-sitwazzjoni fil-pajjiż terz tal-iskjerament, dak l-uffiċjal ta' kollegament tal-immigrazzjoni għandu jissottometti l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lil awtorità kompetenti nazzjonali permezz ta' mezzi siguri oħrajn. Dik l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi l-informazzjoni lill-Europol, direttament jew permezz tal-unità nazzjonali tal-Europol, bl-użu tas-SIENA.***

Or. en

**Emenda 211**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 8*** | ***imħassar*** |
| ***Il-provvista ta' informazzjoni rigward reati kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar*** | |

***ta' bnedmin lill-Europol u lill-Istati Membri***

***1. Kull Stat Membru għandu, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794, jipprovdi lill-Europol b'informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu u relatata ma' reati kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin.***

***2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lill-Europol fil-ħin.***

***3. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Istati Membri l-oħrajn u, fl-istess ħin, lill-Europol b'informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu u relatata ma' reati kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin meta jkun hemm raġunijiet oġġettivi għaliex wieħed jemmen li tali informazzjoni tista' tkun rilevanti għal dawk l-Istati Membri l-oħrajn għall-fini tal-prevenzjoni, tal-identifikazzjoni jew tal-investigazzjoni ta' tali reati kriminali f'dawk l-Istati Membri.***

***4. Kull Stat Membru għandu juża s-SIENA sabiex jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu lil Stati Membri oħrajn u lill-Europol, f'konformità mal-Artikolu 8(4) u mal-Artikolu 18(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2016/794.***

***5. Kull Stat Membru għandu jikkollega lill-uffiċjali ta' kollegament tal-immigrazzjoni tiegħu mas-SIENA. Meta ma jkunx possibbli li uffiċjal ta' kollegament tal-immigrazzjoni jiġi kkollegat mas-SIENA minħabba raġunijiet tekniċi imperattivi relatati mas-sitwazzjoni fil-pajjiż terz tal-iskjerament, dak l-uffiċjal ta' kollegament tal-immigrazzjoni għandu jissottometti l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lil awtorità kompetenti nazzjonali permezz ta' mezzi siguri oħrajn. Dik l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi l-informazzjoni lill-Europol, direttament***

***jew permezz tal-unità nazzjonali tal-Europol, bl-użu tas-SIENA.***

Or. en

**Emenda 212**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 8*** | ***imħassar*** |
| ***Il-provvista ta' informazzjoni rigward reati kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin lill-Europol u lill-Istati Membri*** | |
| ***1. Kull Stat Membru għandu, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794, jipprovdi lill-Europol b'informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu u relatata ma' reati kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin.*** | |
| ***2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lill-Europol fil-ħin.*** | |
| ***3. Kull Stat Membru għandu jipprovdi lill-Istati Membri l-oħrajn u, fl-istess ħin, lill-Europol b'informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu u relatata ma' reati kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin meta jkun hemm raġunijiet oġġettivi għaliex wieħed jemmen li tali informazzjoni tista' tkun rilevanti għal dawk l-Istati Membri l-oħrajn għall-fini tal-prevenzjoni, tal-identifikazzjoni jew tal-investigazzjoni ta' tali reati kriminali f'dawk l-Istati Membri.*** | |
| ***4. Kull Stat Membru għandu juża s-SIENA sabiex jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-*** | |

***Artikolu lil Stati Membri oħrajn u lill-Europol, f'konformità mal-Artikolu 8(4) u mal-Artikolu 18(2), il-punt (d), tar-Regolament (UE) 2016/794.***

***5. Kull Stat Membru għandu jikkollega lill-uffiċjali ta' kollegament tal-immigrazzjoni tiegħu mas-SIENA. Meta ma jkunx possibbli li uffiċjal ta' kollegament tal-immigrazzjoni jiġi kkollegat mas-SIENA minħabba raġunijiet tekniċi imperattivi relatati mas-sitwazzjoni fil-pajjiż terz tal-iskjerament, dak l-uffiċjal ta' kollegament tal-immigrazzjoni għandu jissottometti l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lil awtorità kompetenti nazzjonali permezz ta' mezzi siguri oħrajn. Dik l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi l-informazzjoni lill-Europol, direttament jew permezz tal-unità nazzjonali tal-Europol, bl-użu tas-SIENA.***

Or. en

**Emenda 213**
**Nikola Minchev, Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794, jipprovdi lill-Europol ***b'informazzjoni*** miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu u relatata ma' reati kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin. | 1. Kull Stat Membru għandu, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/794, jipprovdi lill-Europol ***informazzjoni*** miżmuma mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu u relatata ma' reati kriminali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin. ***Qabel l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe miżura li tinvolvi l-ġbir, l-ipproċessar jew l-iskambju ta' data bijometrika skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali ex ante sħiħa, f'konsultazzjoni mal-Kontrollur Ewropew*** |

| | |
|---|---|
| | ***għall-Protezzjoni tad-Data, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*** |

Or. en

**Emenda 214**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lill-Europol ***fil-ħin***. | 2. Kull Stat Membru għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu lill-Europol ***mingħajr dewmien bla bżonn***. |

Or. fi

**Emenda 215**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Kapitolu IV – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| IV IT-TISĦIĦ TAS-SOSTENN TAL-EUROPOL GĦALL-ĠLIEDA KONTRA ***L-FAĊILITAZZJONI*** TA' DĦUL KLANDESTIN TA' MIGRANTI U KONTRA T-TRAFFIKAR TA' BNEDMIN | IV IT-TISĦIĦ TAS-SOSTENN TAL-EUROPOL GĦALL-ĠLIEDA KONTRA ***FOROM ESPLOJTATTIVI TA' FAĊILITAZZJONI*** TA' DĦUL KLANDESTIN TA' MIGRANTI U KONTRA T-TRAFFIKAR TA' BNEDMIN |

Or. en

**Emenda 216**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 1**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt w

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (w) "SIENA" tfisser l-applikazzjoni ta' network għall-iskambju sikur ta' informazzjoni, ***ġestita mill-Europol,*** immirata sabiex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni; | (w) "SIENA" tfisser l-applikazzjoni ta' network għall-iskambju sikur ta' informazzjoni, immirata sabiex tiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni ***bejn l-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament u mad-Direttiva (UE) 2023/977***; |

Or. en

**Emenda 217**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 1**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt x

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(x) "Task Force operazzjonali" tfisser mekkaniżmu ta' koordinazzjoni stabbilit mill-Istati Membri fost l-awtoritajiet kompetenti tagħhom bis-sostenn tal-Europol sabiex iwettaq attivitajiet u investigazzjonijiet konġunti, koordinati u prijoritizzati ta' intelligence kriminali dwar reat li jaqa' taħt l-ambitu tal-objettivi tal-Europol li jirrikjedi azzjoni koordinata u miftiehma;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 218**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 1**
Regolament (UE) 2016/794

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt x

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(x) "Task Force operazzjonali" tfisser mekkaniżmu ta' koordinazzjoni stabbilit mill-Istati Membri fost l-awtoritajiet kompetenti tagħhom bis-sostenn tal-Europol sabiex iwettaq attivitajiet u investigazzjonijiet konġunti, koordinati u prijoritizzati ta' intelligence kriminali dwar reat li jaqa' taħt l-ambitu tal-objettivi tal-Europol li jirrikjedi azzjoni koordinata u miftiehma;*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan huwa kopert taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament dwar is-SIK. Għalhekk m'hemmx bżonn li jiġi emendat ir-regolament tal-Europol dwar din il-kwistjoni.*

**Emenda 219**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 1**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt x

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (x) "Task Force operazzjonali" tfisser mekkaniżmu ta' koordinazzjoni stabbilit mill-Istati Membri fost l-awtoritajiet kompetenti tagħhom bis-sostenn tal-Europol ***sabiex iwettaq attivitajiet u*** investigazzjonijiet konġunti**,** koordinati u prijoritizzati ***ta' intelligence kriminali*** dwar reat li jaqa' taħt l-ambitu tal-objettivi tal-Europol li jirrikjedi azzjoni koordinata u miftiehma; | (x) "task force operazzjonali" tfisser mekkaniżmu ***temporanju*** ta' koordinazzjoni stabbilit mill-Istati Membri fost l-awtoritajiet kompetenti tagħhom bis-sostenn tal-Europol ***u l-Eurojust, biex iwettqu*** investigazzjonijiet ***kriminali*** konġunti koordinati u prijoritizzati dwar reat li jaqa' taħt l-ambitu tal-objettivi tal-Europol ***f'konformità mal-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament*** li jirrikjedi azzjoni koordinata u miftiehma; |

Or. en

**Emenda 220**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 1**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt y

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (y) "***skjerament*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali" tfisser ***l-iskjerament*** ta' persunal tal-Europol jew ta' esperti nazzjonali sekondati fit-territorju ta' Stat Membru, fuq talba ta' dak l-Istat Membru, sabiex jipprovdi sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku u forensiku flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru.; | (y) "***mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali" tfisser ***il-mobilizzazzjoni*** ta' persunal tal-Europol jew ta' esperti nazzjonali sekondati fit-territorju ta' Stat Membru ***għal perjodu ta' żmien limitat***, fuq talba ta' dak l-Istat Membru ***u għal ċirkostanzi speċifiċi***, sabiex jipprovdi sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku u forensiku flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru ***u bl-involviment tal-Eurojust.”***; |

Or. en

**Emenda 221**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 1**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt y

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (y) "***skjerament*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali" tfisser ***l-iskjerament*** ta' persunal tal-Europol jew ta' esperti nazzjonali sekondati fit-territorju ta' Stat Membru, fuq talba ta' dak l-Istat Membru, sabiex jipprovdi sostenn ***analitiku,*** operazzjonali***, tekniku u forensiku*** flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru.; | (y) "***mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali" tfisser ***il-mobilizzazzjoni*** ta' persunal tal-Europol jew ta' esperti nazzjonali sekondati fit-territorju ta' Stat Membru, fuq talba ta' dak l-Istat Membru, sabiex jipprovdi sostenn operazzjonali ***u tekniku*** flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru.; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sostenn operazzjonali pprovdut mill-Europol jikkonsisti f'sostenn operazzjonali u tekniku f'konformità mar-regolament tal-Europol.*

**Emenda 222**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt i**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) tikkoordina, torganizza u timplimenta azzjonijiet investigattivi u operazzjonali sabiex issostni u ssaħħaħ azzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-Istati Membri, li jitwettqu: | (c) tikkoordina, torganizza u timplimenta azzjonijiet investigattivi u operazzjonali sabiex issostni u ssaħħaħ azzjonijiet tal-awtorità kompetenti tal-Istati Membri, ***meta dan ikun xieraq, flimkien mal-Eurojust,*** li jitwettqu: |

Or. en

**Emenda 223**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt i**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c – punt ii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) fil-kuntest ***ta' skwadri*** ta' investigazzjoni ***konġunti,*** f'konformità mal-Artikolu 5 ***u, meta xieraq, f'kollegament mal-Eurojust***; | (ii) fil-kuntest ***tal-iskwadri*** ta' investigazzjoni ***konġunta*** f'konformità mal-Artikolu 5; |

Or. en

**Emenda 224**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt i**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c – punt iii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(iii) fil-kuntest tat-task forces operazzjonali f'konformità mal-Artikolu 5a;*** | ***imħassar*** |

Or. fr

**Emenda 225**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt i**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c – punt iii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(iii) fil-kuntest tat-task forces operazzjonali f'konformità mal-Artikolu 5a;*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tħassir konsekwenzjali relatat mat-task forces operazzjonali.*

**Emenda 226**
**Georgiana Teodorescu, Alessandro Ciriani, Charlie Weimers, Assita Kanko, Jadwiga Wiśniewska**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt i**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c – punt iii

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) fil-kuntest tat-task forces operazzjonali f'konformità mal-Artikolu | (iii) fil-kuntest tat-task forces operazzjonali f'konformità mal-Artikolu 5a ***u, meta jkunu involuti l-awtoritajiet*** |

| | |
|---|---|
| 5a; | ***ġudizzjarji, flimkien mal-Eurojust***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Kif rifless fil-valutazzjoni tal-impatt ex post imwettqa mill-Parlament Ewropew, is-segwitu ġudizzjarju għall-ħidma tat-task forces operazzjonali (OTFs) huwa element nieqes importanti fil-proposta attwali. Meta jkun meħtieġ u mingħajr ma titnaqqas il-flessibbiltà ta' dawn l-għodod, il-Europol għandha tinvolvi lill-Eurojust biex tiġi żgurata l-koordinazzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji. Dan għandu jseħħ mhux biss fil-kuntest tal-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta, iżda wkoll f'dak tal-OTFs meta jkunu involuti l-awtoritajiet ġudizzjarji.*

**Emenda 227**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt ii**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(ii) il-punt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***"(h) issostni l-attivitajiet ta' skambju ta' informazzjoni, l-operazzjonijiet u l-investigazzjonijiet transfruntiera tal-Istati Membri, kif ukoll l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunti u t-task forces operazzjonali, inkluż billi tipprovdi sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju;;"*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-sostenn operazzjonali pprovdut mill-Europol jikkonsisti f'sostenn operazzjonali u tekniku f'konformità mar-regolament tal-Europol.*

**Emenda 228**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt ii**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt h

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) issostni l-attivitajiet ta' skambju ta' informazzjoni, l-operazzjonijiet u l-investigazzjonijiet transfruntiera tal-Istati Membri, kif ukoll l-iskwadri ta' investigazzjoni ***konġunti u t-task forces operazzjonali, inkluż*** billi tipprovdi sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju;***;*** | (h) issostni l-attivitajiet ta' skambju ta' informazzjoni, l-operazzjonijiet u l-investigazzjonijiet transfruntiera tal-Istati Membri, kif ukoll l-iskwadri ta' investigazzjoni ***konġunta, b'mod partikolari*** billi tipprovdi sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju; |

Or. fr

**Emenda 229**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt iii**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt l

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| tiżviluppa ċentri tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra ċerti tipi ta' ***kriminalità*** li jaqgħu fl-ambitu tal-objettivi tal-Europol***, inklużi ċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità u, f'konformità mar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti], iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti***; | tiżviluppa ċentri tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra ċerti tipi ta' ***reati*** li jaqgħu fl-ambitu tal-objettivi tal-Europol; |

Or. en

**Emenda 230**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt iii**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt l

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| tiżviluppa ċentri tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra ċerti tipi ta' kriminalità li jaqgħu fl-ambitu tal-objettivi tal-Europol, ***inklużi ċ-Ċentru*** Ewropew taċ-Ċiberkriminalità ***u, f'konformità mar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti], iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti***; | tiżviluppa ċentri tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra ċerti tipi ta' kriminalità li jaqgħu fl-ambitu tal-objettivi tal-Europol, ***inkluż iċ-Ċentru*** Ewropew taċ-Ċiberkriminalità; |

Or. fr

**Emenda 231**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt iii**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt l

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| tiżviluppa ċentri tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra ċerti tipi ta' kriminalità li jaqgħu fl-ambitu tal-objettivi tal-Europol, inklużi ċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità u***, f'konformità mar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti], iċ-Ċentru*** Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti; | tiżviluppa ċentri tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra ċerti tipi ta' kriminalità li jaqgħu fl-ambitu tal-objettivi tal-Europol, inklużi ċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità u ***ċ-Ċentru*** Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Iċ-Ċentru li diġà jeżisti, għandu jiġi kkodifikat fir-Regolament tal-Europol, minflok regolament awtonomu.*

**Emenda 232**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt iii**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt l

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| tiżviluppa ċentri tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra ċerti tipi ta' kriminalità li jaqgħu fl-ambitu tal-objettivi tal-Europol, inklużi ċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità u, f'konformità ***mar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* [ir-Regolament dwar il-Ġlieda Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti]***, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti; | tiżviluppa ċentri tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat għall-ġlieda kontra ċerti tipi ta' kriminalità li jaqgħu fl-ambitu tal-objettivi tal-Europol, inklużi ċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità u, f'konformità ***mal-Artikolu 16a ta' dan ir-Regolament***, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti; |

Or. en

**Emenda 233**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt iii**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt l

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| **** Ir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar it-tishih tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta'*** | ***imħassar*** |

***migranti u tat-traffikar ta' bnedmin, u dwar it-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati bħal dawn u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 (ĠU L …, ELI: …);***

Or. fr

**Emenda 234**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt iii**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt l

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| **** Ir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' … dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin, u dwar it-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati bħal dawn u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 (ĠU L …, ELI: …);*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 235**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt iii**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt l

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| **** Ir-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' …*** | ***imħassar*** |

***dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni tal-pulizija fir-rigward tal-prevenzjoni, tad-detezzjoni u tal-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin, u dwar it-tisħiħ tas-sostenn tal-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati bħal dawn u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/794 (ĠU L …, ELI: …);***

Or. en

**Emenda 236**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt iv**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt s

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (s) tiffaċilita ***attivitajiet u*** investigazzjonijiet konġunti, koordinati u prijoritizzati ***ta' intelligence kriminali***, inkluż fir-rigward tal-persuni msemmijin fil-punt (r), u ***inkluż permezz ta' task forces operazzjonali u l-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali;***;*** | (s) tiffaċilita investigazzjonijiet konġunti, koordinati u prijoritizzati, inkluż fir-rigward tal-persuni msemmijin fil-punt (r), u ***l-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali; |

Or. en

**Emenda 237**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt iv**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt s

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (s) tiffaċilita attivitajiet u investigazzjonijiet konġunti, koordinati u | (s) tiffaċilita attivitajiet u investigazzjonijiet konġunti, koordinati u |

| | |
|---|---|
| prijoritizzati ta' intelligence kriminali, inkluż fir-rigward tal-persuni msemmijin fil-punt (r), u inkluż permezz ta' ***task forces operazzjonali u l-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali;***;*** | prijoritizzati ta' intelligence kriminali, inkluż fir-rigward tal-persuni msemmijin fil-punt (r), u inkluż permezz ta' ***mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali; |

Or. fr

**Emenda 238**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt iv**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt s

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (s) tiffaċilita ***attivitajiet u*** investigazzjonijiet konġunti, koordinati u prijoritizzati ***ta' intelligence kriminali***, inkluż fir-rigward tal-persuni msemmijin fil-punt (r), u inkluż permezz ta' task forces operazzjonali u ***l-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali;***;*** | (s) tiffaċilita investigazzjonijiet ***kriminali*** konġunti, koordinati u prijoritizzati, inkluż fir-rigward tal-persuni msemmijin fil-punt (r), u inkluż permezz ta' task forces operazzjonali u ***l-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali; |

Or. en

**Emenda 239**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt v**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt za

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(v) jiżdied il-punt (za) li ġej:*** | ***imħassar*** |
| ***"(za) issostni lill-Istati Membri bil-proċessar effettiv u effiċjenti ta' data bijometrika.;"*** | |

Or. en

**Emenda 240**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt v**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt za

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (za) issostni lill-Istati Membri ***bil-proċessar effettiv u effiċjenti*** ta' data bijometrika.; | (za) issostni lill-Istati Membri ***bl-ipproċessar ta' data bijometrika skont l-Artikolu 5c ta' dan ir-Regolament u f'konformità stretta mas-salvagwardji eżistenti fir-rigward tad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data dwar l-ipproċessar*** ta' data bijometrika.***"***; |

Or. en

**Emenda 241**
**Jeroen Lenaers**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt v**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt za

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (za) issostni lill-Istati Membri bil-proċessar effettiv u effiċjenti ta' data bijometrika.***;*** | (za) issostni lill-Istati Membri***, inkluż permezz tal-iżvilupp ta' għodod avvanzati,*** bil-proċessar effettiv u effiċjenti ta' data bijometrika***, inklużi data dattiloskopika, immaġnijiet tal-wiċċ u profili tad-DNA, li jissodisfaw l-istandards minimi ta' kwalità kif xieraq***. |

Or. en

**Emenda 242**
**Cecilia Strada, Alessandro Zan, Marco Tarquinio, Sandro Ruotolo**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt v**
Regolament (UE) 2016/794

Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt za

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (za) issostni lill-Istati ***Membri*** bil-proċessar effettiv u effiċjenti ta' data bijometrika**.**; | (za) issostni lill-Istati bil-proċessar effettiv u effiċjenti ta' data bijometrika ***f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali u mal-prinċipju ta' ħtieġa stretta u proporzjonalità***; |

Or. en

**Emenda 243**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt v**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt za

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (za) issostni lill-Istati Membri bil-proċessar effettiv u effiċjenti ta' data bijometrika**.**; | (za) issostni lill-Istati Membri bil-proċessar effettiv u effiċjenti ta' data bijometrika***, bħall-marki tas-swaba' u tal-pali tal-idejn, il-profili tad-DNA jew it-testijiet tal-għadam***; |

Or. fr

**Emenda 244**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a – punt v**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt za

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (za) issostni lill-Istati Membri bil-proċessar effettiv u effiċjenti ta' data bijometrika**.**; | (za) issostni lill-Istati Membri bil-proċessar effettiv u effiċjenti ta' data bijometrika***, f'konformità mal-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament***; |

Or. en

**Emenda 245**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-persunal tal-Europol jista' jipprovdi sostenn operazzjonali lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri matul l-eżekuzzjoni ta' miżuri investigattivi minn dawk l-awtoritajiet, fuq talba tagħhom u f'konformità mad-dritt nazzjonali tagħhom, ***inkluż fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' task forces operazzjonali u tal-iskjerament tal-Europol għal sostenn operazzjonali,*** b'mod partikolari billi jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni transfruntiera, billi jipprovdi sostenn ***analitiku,*** operazzjonali***, tekniku u forensiku***, u billi jkun preżenti matul l-eżekuzzjoni ta' dawk il-miżuri. | Il-persunal tal-Europol jista' jipprovdi sostenn operazzjonali lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri matul l-eżekuzzjoni ta' miżuri investigattivi minn dawk l-awtoritajiet, fuq talba tagħhom u f'konformità mad-dritt nazzjonali tagħhom, b'mod partikolari billi jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni transfruntiera, billi jipprovdi sostenn operazzjonali ***u tekniku***, u billi jkun preżenti matul l-eżekuzzjoni ta' dawk il-miżuri. |

Or. en

**Emenda 246**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-persunal tal-Europol jista' jipprovdi sostenn operazzjonali lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri matul l-eżekuzzjoni ta' miżuri investigattivi minn dawk l-awtoritajiet, fuq talba tagħhom ***u*** f'konformità mad-dritt nazzjonali tagħhom, inkluż fil-kuntest tal-implimentazzjoni ta' task forces operazzjonali u ***tal-iskjerament*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, | Il-persunal tal-Europol jista' jipprovdi sostenn operazzjonali lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri matul l-eżekuzzjoni ta' miżuri investigattivi minn dawk l-awtoritajiet, fuq talba tagħhom f'konformità mad-dritt nazzjonali tagħhom ***u bl-involviment tal-Eurojust biex tiġi żgurata wkoll kooperazzjoni ġudizzjarja effettiva u effiċjenti***, inkluż fil-kuntest tal- |

| | |
|---|---|
| b'mod partikolari billi jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni transfruntiera, billi jipprovdi sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku u forensiku, u billi jkun preżenti matul l-eżekuzzjoni ta' dawk il-miżuri. | implimentazzjoni ta' task forces operazzjonali u ***tal-mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, b'mod partikolari billi jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni transfruntiera, billi jipprovdi sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku u forensiku, u billi jkun preżenti matul l-eżekuzzjoni ta' dawk il-miżuri. |

Or. en

**Emenda 247**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-persunal tal-Europol għandu jkollu s-setgħa li jeżegwixxi miżuri investigattivi mhux koerċittivi huwa stess dment li l-Europol tkun intalbet tagħmel dan minn Stat Membru f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu u d-Direttur Eżekuttiv ikun awtorizza lill-persunal tal-Europol sabiex iwettaq il-miżuri investigattivi mhux koerċittivi mitlubin.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ma ġiet proposta l-ebda definizzjoni ta' miżuri mhux koerċittivi. Fil-premessi ma ġiet ipprovduta l-ebda ċarezza dwar xi jkun ifisser dan fil-prattika. It-Trattati jeskludu speċifikament lill-Europol milli jwettaq miżuri koerċittivi. Din id-dispożizzjoni hija nieqsa miċ-ċarezza legali u huwa diffiċli li wieħed jifhem l-iskop tagħha.*

**Emenda 248**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Regolament (UE) 2016/794

Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-persunal tal-Europol għandu jkollu s-setgħa li jeżegwixxi miżuri investigattivi mhux koerċittivi huwa stess dment li l-Europol tkun intalbet tagħmel dan minn Stat Membru f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu u d-Direttur Eżekuttiv ikun awtorizza lill-persunal tal-Europol sabiex iwettaq il-miżuri investigattivi mhux koerċittivi mitlubin.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 249**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-persunal tal-Europol għandu jkollu s-setgħa li jeżegwixxi miżuri investigattivi mhux koerċittivi huwa stess dment li l-Europol tkun intalbet tagħmel dan minn Stat Membru f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu u d-Direttur Eżekuttiv ikun awtorizza lill-persunal tal-Europol sabiex iwettaq il-miżuri investigattivi mhux koerċittivi mitlubin.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bidliet introdotti f'dan ir-Regolament ma jeħtiġux bidla rispettiva fil-paragrafu 5.*

**Emenda 250**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-persunal tal-Europol għandu jwettaq miżuri investigattivi mhux koerċittivi bħal dawn flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, u f'konformità ma' dan ir-Regolament u mad-dritt nazzjonali ta' dak l-Istat Membru.;*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-bidliet f'dan ir-Regolament ma jeħtiġux bidla rispettiva fil-paragrafu 5.*

**Emenda 251**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-persunal tal-Europol għandu jwettaq miżuri investigattivi mhux koerċittivi bħal dawn flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, u f'konformità ma' dan ir-Regolament u mad-dritt nazzjonali ta' dak l-Istat Membru.;*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ma ġiet proposta l-ebda definizzjoni ta' miżuri mhux koerċittivi. Fil-premessi ma ġiet ipprovduta l-ebda ċarezza dwar xi jkun ifisser dan fil-prattika. It-Trattati jeskludu speċifikament lill-Europol milli jwettaq miżuri koerċittivi. Din id-dispożizzjoni hija nieqsa miċ-ċarezza legali u huwa diffiċli li wieħed jifhem l-iskop tagħha.*

**Emenda 252**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 2 – punt b**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 4 – paragrafu 5 – subparagrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-persunal tal-Europol għandu jwettaq miżuri investigattivi mhux koerċittivi bħal dawn flimkien u bi qbil mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, u f'konformità ma' dan ir-Regolament u mad-dritt nazzjonali ta' dak l-Istat Membru.;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 253**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 3 – parti introduttorja**
Regolament (UE) 2016/794

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) jiddaħħlu l-Artikoli 5a ***u 5b*** li ġejjin: | (3) Jiddaħħlu l-Artikoli 5a***, 5b, 5c, 5d, 5e, 5f, 5g u 5h*** li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 254**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 5a*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan huwa kopert taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament dwar is-SIK. Għalhekk m'hemmx bżonn li jiġi emendat ir-regolament tal-Europol dwar din il-kwistjoni.*

**Emenda 255**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 5a*** | ***imħassar*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 5a l-ġdid jitħassar fl-intier tiegħu.*

*Ara l-emenda tal-premessa 15.*

**Emenda 256**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Task forces operazzjonali | Task forces operazzjonali ***għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li din il-proposta tiffoka b'mod ċar fuq il-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, l-Artikolu l-ġdid dwar it-task forces operazzjonali għandu jkun limitat għat-task forces stabbiliti biex jindirizzaw il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin.*

**Emenda 257**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu task force operazzjonali għad-durata ta' ċerti ***attivitajiet jew investigazzjonijiet dedikati ta' intelligence kriminali***. Il-Europol għandha tiffaċilita l-istabbiliment u s-sostenn tal-implimentazzjoni ta' task force operazzjonali. | 1. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu task force operazzjonali ***temporanja*** għad-durata ta' ċerti ***investigazzjonijiet kriminali dedikati li jaqgħu taħt l-ambitu tal-objettivi tal-Europol bi qbil mal-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament li jirrikjedi azzjoni koordinata u miftiehma***. Il-Europol għandha tiffaċilita l-istabbiliment u s-sostenn tal-implimentazzjoni ta' task force operazzjonali. |

Or. en

**Emenda 258**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz, Ana Catarina Mendes**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu task force operazzjonali għad-durata ta' ***ċerti attivitajiet jew investigazzjonijiet dedikati*** ta' intelligence kriminali. Il-Europol għandha tiffaċilita l- | 1. ***Għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin,*** l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu task force operazzjonali għad- |

| | |
|---|---|
| istabbiliment u s-sostenn tal-implimentazzjoni ta' task force operazzjonali. | durata ta' ***dawk l-attivitajiet jew l-investigazzjonijiet*** ta' intelligence kriminali. Il-Europol għandha tiffaċilita l-istabbiliment u s-sostenn tal-implimentazzjoni ta' task force operazzjonali. |

Or. en

**Emenda 259**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz, Ana Catarina Mendes**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a - paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-fini tal-istabbiliment ta' tali task force operazzjonali għandu jkun l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni, u fl-aħħar mill-aħħar il-prosekuzzjoni, tal-gruppi kriminali organizzati li jibbenefikaw mill-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti fl-Unjoni b'mod irregolari.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Importanti li wieħed ikun ċar li l-għan li tiġi stabbilita OTF f'dan il-qasam huwa li jiġu indirizzati l-gruppi kriminali organizzati li jibbenefikaw mill-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. Għall-kuntrarju, il-fini mhuwiex li tiġi indirizzata l-immigrazzjoni irregolari jew li jiġu kriminalizzati l-migranti irregolari.*

**Emenda 260**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali għandhom jaqblu mal-Europol dwar l-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' intelligence kriminali u l-investigazzjonijiet tat-task force operazzjonali. | 2. L-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali ***skont il-paragrafu 1*** għandhom jaqblu mal-Europol dwar l-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' intelligence kriminali u l-investigazzjonijiet tat-task force operazzjonali. |

Or. en

**Emenda 261**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali għandhom jaqblu mal-Europol dwar l-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni ***tal-attivitajiet ta' intelligence kriminali u l-investigazzjonijiet*** tat-task force operazzjonali. | 2. L-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali ***f'konformità mal-paragrafu 1*** għandhom jaqblu mal-Europol dwar l-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tat-task force operazzjonali. |

Or. en

**Emenda 262**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali għandhom jiżguraw koerenza u sinerġiji mal-qafas tal- | 3. L-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali ***f'konformità mal-paragrafu 1*** għandhom jiżguraw koerenza |

| | |
|---|---|
| Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT). | u sinerġiji mal-qafas tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT). |

Or. en

**Emenda 263**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali għandhom jiżguraw koerenza u sinerġiji mal-qafas tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT). | 3. L-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali ***skont il-paragrafu 1*** għandhom jiżguraw koerenza u sinerġiji mal-qafas tal-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT). |

Or. en

**Emenda 264**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali jistgħu jiddeċiedu li jistiednu Stati Membri oħrajn, lil pajjiżi terzi u lil sħab oħrajn ***imsemmija fl-Artikolu 23*** sabiex jipparteċipaw fit-task force operazzjonali jew isostnuha. ***Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi u ta' sħab oħrajn fit-task force operazzjonali għandha sseħħ f'konformità ma' dan ir-Regolament.*** | 4. L-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali ***f'konformità mal-paragrafu 1*** jistgħu jiddeċiedu li jistiednu Stati Membri oħrajn, lil pajjiżi terzi u lil sħab oħrajn ***bi qbil ma' dan ir-Regolament*** sabiex jipparteċipaw fit-task force operazzjonali jew isostnuha. |

Or. en

**Emenda 265**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali jistgħu jiddeċiedu li jistiednu Stati Membri oħrajn, lil pajjiżi terzi u lil sħab oħrajn imsemmija fl-Artikolu 23 sabiex jipparteċipaw fit-task force operazzjonali jew isostnuha. Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi u ta' sħab oħrajn fit-task force operazzjonali għandha sseħħ f'konformità ma' dan ir-Regolament. | 4. L-Istati Membri li jistabbilixxu task force operazzjonali ***skont il-paragrafu 1*** jistgħu jiddeċiedu li jistiednu Stati Membri oħrajn, lil pajjiżi terzi u lil sħab oħrajn imsemmija fl-Artikolu 23 ***ta' dan ir-Regolament*** sabiex jipparteċipaw fit-task force operazzjonali jew isostnuha. Il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi u ta' sħab oħrajn fit-task force operazzjonali għandha sseħħ f'konformità ma' dan ir-Regolament. |

Or. en

**Emenda 266**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a - paragrafu 4 (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri li li jistabbilixxu task force operazzjonali, jew li jipparteċipaw fiha, jew li jsostnuha f'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom jinfurmaw lill-Europol u lill-Eurojust hekk kif l-awtoritajiet ġudizzjarji jkunu involuti fl-investigazzjoni tar-reat li miegħu tkun relatata t-task force operazzjonali. Tali informazzjoni għandha tinkludi, tal-anqas, id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet ġudizzjarji*** |

***kkonċernati u l-forma ta' reat taħt investigazzjoni.***

Or. en

**Emenda 267**
**Nikola Minchev, Jan-Christoph Oetjen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Sabiex issostni l-implimentazzjoni ta' task force operazzjonali, il-Europol għandha tagħmel disponibbli s-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju previst minn dan ir-Regolament, f'konformità mal-paragrafu ***2***. | 5. Sabiex issostni l-implimentazzjoni ta' task force operazzjonali, il-Europol għandha tagħmel disponibbli s-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju previst minn dan ir-Regolament, f'konformità mal-paragrafu ***1. L-Europol għandha tinforma lill-Eurojust bl-eżistenza ta' task force operazzjonali hekk kif l-awtoritajiet ġudizzjarji jkunu involuti fl-investigazzjoni tar-reat li miegħu tkun relatata t-task force operazzjonali. Tali informazzjoni għandha tinkludi, tal-anqas, id-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet ġudizzjarji kkonċernati u l-forma ta' reat taħt investigazzjoni***. |

Or. en

**Emenda 268**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Sabiex issostni l-implimentazzjoni ta' task force operazzjonali, il-Europol | 5. Sabiex issostni l-implimentazzjoni ta' task force operazzjonali ***f'konformità*** |

għandha tagħmel disponibbli s-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju ***previst minn*** dan ir-Regolament***, f'konformità mal-paragrafu 2***.

***mal-paragrafu 1 u l-paragrafu 2***, il-Europol għandha tagħmel disponibbli s-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju ***skont*** dan ir-Regolament.

Or. en

**Emenda 269**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Kull Stat Membru li jistabbilixxi task force operazzjonali, jew li jipparteċipa fiha, jew li jsostniha***,*** għandu, f'konformità mal-ippjanar, mal-koordinazzjoni u mal-implimentazzjoni msemmijin fil-paragrafu 2: | 6. Kull Stat Membru li jistabbilixxi task force operazzjonali, jew li jipparteċipa fiha, jew li jsostniha ***skont il-paragrafu 1*** għandu, f'konformità mal-ippjanar, mal-koordinazzjoni u mal-implimentazzjoni msemmijin fil-paragrafu 2: |

Or. en

**Emenda 270**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 6 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha mingħajr dewmien lill-Europol u lill-Istati Membri l-oħra li jistabbilixxu t-task force operazzjonali, jipparteċipaw fiha, jew isostnuha, bl-użu tas-SIENA ***u, meta xieraq, jagħmel l-informazzjoni direttament aċċessibbli f'konformità mal-Artikolu 20(2a)***; | (a) jipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha mingħajr dewmien lill-Europol u lill-Istati Membri l-oħra li jistabbilixxu t-task force operazzjonali, jipparteċipaw fiha, jew isostnuha, bl-użu tas-SIENA; |

Or. en

**Emenda 271**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 6 – punt aa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) iżomm kontroll fuq id-data personali kondiviża fil-qafas tat-task force. L-Europol tista' tipproċessa data personali biss għall-finijiet stipulati fl-Artikolu 18;*** |

Or. en

**Emenda 272**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 6 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jagħmel użu mis-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju pprovdut mill-Europol; | (b) jagħmel użu mis-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju pprovdut mill-Europol ***f'konformità mal-paragrafu 5***; |

Or. en

**Emenda 273**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 6 – punt c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) iniedi ċerti ***attivitajiet u*** investigazzjonijiet dedikati ***ta' intelligence kriminali*** f'konformità mad-dritt nazzjonali ***meta jkunu*** meħtieġa ***sabiex*** jiġi indirizzat ir-reat li miegħu tkun relatata t-task force operazzjonali; | (c) iniedi ċerti investigazzjonijiet ***kriminali*** dedikati f'kon formità mad-dritt nazzjonali ***u dak tal-Unjoni meta tkun*** meħtieġa ***azzjoni koordinata u miftiehma biex*** jiġi indirizzat ir-reat ***li jaqa' taħt l-ambitu tal-objettivi tal-Europol bi qbil mal-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament*** li miegħu tkun relatata t-task force operazzjonali; |

Or. en

**Emenda 274**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 6 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) iniedi investigazzjonijiet finanzjarji paralleli ***f'konformità mad-dritt nazzjonali u tal-Unjoni*** sabiex jidentifika u jissekwestra assi kriminali; | (d) iniedi ***i*** investigazzjonijiet finanzjarji paralleli sabiex jidentifika u jissekwestra assi kriminali ***f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1805***; |

Or. en

**Emenda 275**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 6 – punt e

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) jinvolvi lill-uffiċjali ta' kollegament ***tiegħu skjerati*** f'pajjiżi terzi fejn l-attivitajiet kriminali ***jiġu investigati fil-kuntest tat-task force operazzjonali sabiex isaħħaħ il-kooperazzjoni u l-kondiviżjoni*** | (e) ***fejn meħtieġ u f'konformità ma' dan ir-Regolament u l-qafas applikabbli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data,*** jinvolvi lill-uffiċjali ta' kollegament ***tal-Europol mobilizzati*** f'pajjiżi terzi fejn l- |

***ta' informazzjoni, u jipprovdi lill-Europol bl-informazzjoni miksuba, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni u ma' dak nazzjonali***.

attivitajiet kriminali ***li jaqgħu taħt l-ambitu tal-objettivi tal-Europol bi qbil mal-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament jiġu investigati fil-kuntest tat-task force operazzjonali***.

Or. en

**Emenda 276**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 6 – punt ea (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) jinforma lill-Eurojust u jikkoopera magħha hekk kif l-awtoritajiet ġudizzjarji jkunu involuti fl-investigazzjoni tar-reat li miegħu tkun relatata t-task force operazzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 277**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jipproponi t-twaqqif ta' task force operazzjonali lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati permezz tal-unitajiet nazzjonali tagħhom meta d-Direttur Eżekuttiv iqis li ***din tkun iżżid il-valur għall-ġlieda kontra reat li jaqa' fl-ambitu*** tal-objettivi tal-Europol. | 7. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jipproponi t-twaqqif ta' task force operazzjonali ***temporanja*** lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati permezz tal-unitajiet nazzjonali tagħhom meta d-Direttur Eżekuttiv iqis li ***jkun meħtieġ li tiġi stabbilita task force operazzjonali biex jiġi miġġieled reat taħt l-ambitu*** tal-objettivi tal-Europol ***u li jkun jeħtieġ azzjoni koordinata u miftiehma. L-*** |

***Europol għandu jinforma minnufih lill-Eurojust u lill-JPSG bi kwalunkwe proposta skont dan il-paragrafu***.

Or. en

**Emenda 278**
**Sebastian Tynkkynen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jipproponi t-twaqqif ta' task force operazzjonali lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati permezz tal-unitajiet nazzjonali tagħhom meta d-Direttur Eżekuttiv iqis li din tkun iżżid il-valur għall-ġlieda kontra reat li jaqa' fl-ambitu tal-objettivi tal-Europol. | 7. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jipproponi t-twaqqif ta' task force operazzjonali lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kkonċernati permezz tal-unitajiet nazzjonali tagħhom meta d-Direttur Eżekuttiv iqis li din tkun iżżid il-valur għall-ġlieda kontra reat li jaqa' fl-ambitu tal-objettivi tal-Europol. ***Madankollu, id-deċiżjoni li tiġi stabbilita OTF tibqa' fid-diskrezzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali.*** |

Or. fi

**Emenda 279**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. ***Il-Bord ta***' Amministrazzjoni għandu jadotta regoli ta' implimentazzjoni għat-twaqqif u għall-implimentazzjoni ta' task forces operazzjonali. | 8. ***Il-Bordta***' Amministrazzjoni għandu jadotta regoli ta' implimentazzjoni għat-twaqqif u għall-implimentazzjoni ta' task forces operazzjonali ***skont dan l-Artikolu, inkluż miżuri biex jiġi evitat ir-riskju ta' finanzjament doppju mal-*** |

***iskwadri ta' investigazzjoni konġunta. Ir-regoli ta' implimentazzjoni għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku u l-JPSG għandu jiġi infurmat***.

Or. en

**Emenda 280**
**Jeroen Lenaers**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5a - paragrafu 8a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Sabiex tiġi żgurata l-koordinazzjoni bejn it-task forces operazzjonali u l-investigazzjonijiet konġunti, l-Eurojust għandha tiġi kkonsultata qabel l-adozzjoni tar-regoli ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 8. L-Europol u l-Eurojust għandhom jinżammu infurmati mill-Istati Membri dwar kwalunkwe task force operazzjonali li tinvolvi l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-Eurojust għandha tinżamm infurmata mill-Europol dwar kwalunkwe proposta magħmula mid-Direttur Eżekuttiv skont il-paragrafu 7.*** |

Or. en

**Emenda 281**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz, Ana Catarina Mendes**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – titolu

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-iskjerament*** tal-Europol għal sostenn | ***Il-mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn |

| | |
|---|---|
| operazzjonali | operazzjonali ***għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li din il-proposta tiffoka b'mod ċar fuq il-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, l-Artikolu l-ġdid dwar it-task forces operazzjonali għandu jkun limitat għat-task forces stabbiliti biex jindirizzaw il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin.*

**Emenda 282**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Stat Membru jista' jitlob, f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu***, l-iskjerament*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali fit-territorju tiegħu sabiex jagħmel użu mis-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju pprovdut mill-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati li jaqgħu taħt l-objettivi tal-Europol. | 1. Stat Membru jista' jitlob, f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu ***u għal ċirkostanzi speċifiċi, il-mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali fit-territorju tiegħu ***għal perjodu ta' żmien limitat,*** sabiex jagħmel użu mis-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju pprovdut mill-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati li jaqgħu taħt l-objettivi tal-Europol ***f'konformità mal-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament. L-Eurojust għandha tkun involuta fi kwalunkwe mobilizzazzjoni tal-persunal tal-Europol biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-infurzar tal-liġi u l-kooperazzjoni ġudizzjarja***. |

Or. en

**Emenda 283**
**Verena Mertens**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Stat Membru jista' jitlob, f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu, ***l-iskjerament*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali fit-territorju tiegħu sabiex jagħmel użu mis-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju pprovdut mill-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati li jaqgħu taħt l-objettivi tal-Europol. | 1. Stat Membru jista' jitlob, f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu, ***il-mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali fit-territorju tiegħu sabiex jagħmel użu mis-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju pprovdut mill-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati li jaqgħu taħt l-objettivi tal-Europol. ***Id-Direttur Eżekuttiv għandu jevalwa t-talbiet kollha u jista' jaċċetta jew jirrifjuta l-mobilizzazzjoni, filwaqt li jqis il-ħtiġijiet operazzjonali u professjonali, il-valutazzjoni tar-riskju, u r-riżorsi disponibbli.*** |

Or. en

**Emenda 284**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Stat Membru jista' jitlob, f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu, ***l-iskjerament*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali fit-territorju tiegħu sabiex jagħmel użu mis-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju pprovdut mill-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati li jaqgħu taħt l-objettivi tal-Europol. | 1. Stat Membru jista' jitlob, f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu, ***il-mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali fit-territorju tiegħu ***għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin*** sabiex jagħmel użu mis-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju pprovdut mill-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati li jaqgħu taħt l-objettivi tal-Europol. |

Or. en

**Emenda 285**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5 – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Stat Membru jista' jitlob, f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu, ***l-iskjerament*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali fit-territorju tiegħu sabiex jagħmel użu mis-sostenn ***analitiku,*** operazzjonali***, tekniku, forensiku u finanzjarju*** pprovdut mill-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati li jaqgħu taħt l-objettivi tal-Europol. | 1. Stat Membru jista' jitlob, f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu, ***il-mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali fit-territorju tiegħu sabiex jagħmel użu mis-sostenn operazzjonali ***u tekniku*** pprovdut mill-Europol għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra reati li jaqgħu taħt l-objettivi tal-Europol. |

Or. en

**Emenda 286**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz, Ana Catarina Mendes**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b - paragrafu 1a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Il-fini ta' tali mobilizzazzjoni operazzjonali għandu jkun l-għoti ta' sostenn lill-Istati Membri fl-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u fl-aħħar mill-aħħar il-prosekuzzjoni tal-gruppi kriminali organizzati li jibbenefikaw mill-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti fl-Unjoni b'mod irregolari.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Importanti li wieħed ikun ċar li l-għan li tiġi stabbilita OTF f'dan il-qasam huwa li jiġu indirizzati l-gruppi kriminali organizzati li jibbenefikaw mill-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti. Għall-kuntrarju, il-fini mhuwiex li tiġi indirizzata l-immigrazzjoni irregolari jew li jiġu kriminalizzati l-migranti irregolari.*

**Emenda 287**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. L-iskjerament tal-Europol għal sostenn operazzjonali għandu jsir fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi u fuq skala kbira li jeħtieġu s-sostenn tal-Europol, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunti jew ta' task forces operazzjonali, jew sabiex jiġu sostnuti kontrolli kontra bażijiet tad-data rilevanti sabiex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, jew skwadri ta' sostenn għall-ġestjoni tal-migrazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew sabiex jingħata sostenn lill-Istati Membri f'avvenimenti internazzjonali ewlenin.*** | ***imħassar*** |

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*Id-deċiżjonijiet dwar l-opportunità u l-modalitajiet tal-mobilizzazzjoni jridu jitħallew f'idejn l-Istat Membru li qed jagħmel talba kif ukoll tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Europol u tad-Direttur Eżekuttiv tagħha.*

**Emenda 288**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***L-iskjerament*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali ***għandu jsir*** fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi u fuq skala kbira li jeħtieġu s-sostenn tal-Europol, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni ***konġunti jew ta' task forces operazzjonali, jew sabiex jiġu sostnuti kontrolli kontra bażijiet tad-data rilevanti sabiex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, jew skwadri ta' sostenn għall-ġestjoni tal-migrazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew sabiex jingħata sostenn lill-Istati Membri f'avvenimenti internazzjonali ewlenin***. | 2. ***Il-mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali ***għandha ssir*** fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi u fuq skala kbira li jeħtieġu s-sostenn tal-Europol, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni ***konġunta***. |

Or. en

**Emenda 289**
**Maciej Wąsik, Mariusz Kamiński**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***L-iskjerament*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali għandu jsir fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi u fuq skala kbira li jeħtieġu s-sostenn tal-Europol, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunti jew ta' task forces operazzjonali, jew sabiex jiġu sostnuti kontrolli ***kontra*** bażijiet tad-data rilevanti ***sabiex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, jew skwadri ta' sostenn għall-ġestjoni tal-migrazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-*** | 2. ***Il-mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali għandu jsir fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi u fuq skala kbira li jeħtieġu s-sostenn tal-Europol, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunti jew ta' task forces operazzjonali, jew sabiex jiġu sostnuti kontrolli ***fil-konfront ta'*** bażijiet tad-data rilevanti. |

***Kunsill jew sabiex jingħata sostenn lill-Istati Membri f'avvenimenti internazzjonali ewlenin***.

Or. pl

**Emenda 290**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz, Ana Catarina Mendes**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***L-iskjerament*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali ***għandu jsir*** fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi u fuq skala kbira ***li jeħtieġu s-sostenn tal-Europol, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni konġunti jew ta' task forces operazzjonali, jew sabiex jiġu sostnuti kontrolli kontra bażijiet tad-data rilevanti sabiex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, jew*** skwadri ta' ***sostenn għall-ġestjoni tal-migrazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew sabiex jingħata sostenn lill-Istati Membri f'avvenimenti internazzjonali ewlenin***. | 2. ***Il-mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali ***skont il-paragrafu 1 għandha ssir*** fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi u fuq skala kbira ***dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin li jeħtieġu s-sostenn tal-Europol, inkluż fil-kuntest ta'*** skwadri ta' ***investigazzjoni konġunta jew task forces operazzjonali***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-tisħiħ tal-kontrolli fil-fruntieri esterni mhuwiex parti mill-mandat tal-Europoli Din l-emenda għar-Regolament dwar il-Europol hija maħsuba biex tindirizza l-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin. Mhijiex riforma fundamentali tar-Regolament dwar il-Europol. Ir-regolamentazzjoni tal-mobilizzazzjoni ta' persunal operazzjonali f'pajjiżi terzi tmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

**Emenda 291**

**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. ***L-iskjerament*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali ***għandu jsir*** fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi u fuq skala kbira li jeħtieġu s-sostenn tal-Europol, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni ***konġunti jew ta' task forces operazzjonali, jew sabiex jiġu sostnuti kontrolli kontra bażijiet tad-data rilevanti sabiex jissaħħu l-kontrolli fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, jew skwadri ta' sostenn għall-ġestjoni tal-migrazzjoni f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jew sabiex jingħata sostenn lill-Istati Membri f'avvenimenti internazzjonali ewlenin***. | 2. ***Il-mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali ***għandha ssir biss*** fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kumplessi u fuq skala kbira li jeħtieġu s-sostenn tal-Europol ***u fuq talba minn Stat Membru f'konformità mal-paragrafu 1***, inkluż fil-kuntest ta' skwadri ta' investigazzjoni ***konġunta. Bl-involviment tal-KEPD, il-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-Europol għandhom jiġu definiti b'mod ċar qabel ma ssir kwalunkwe mobilizzazzjoni tal-persunal tal-Europol għal sostenn operazzjonali. Il-mobilizzazzjoni tal-Europol għal sostenn operazzjonali għandha tiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament u tevita t-trikkib ma' aġenziji oħra tal-UE. F'każijiet ta' mġiba ħażina tal-persunal tal-Europol matul il-mobilizzazzjonijiet, għandhom japplikaw ukoll mekkaniżmi nazzjonali ta' rapportar u monitoraġġ***. |

Or. en

**Emenda 292**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jevalwa t-talba magħmula minn Stat Membru f'konformità mal-paragrafu 1 u jista' japprova l-iskjerament tal-Europol*** | ***imħassar*** |

***għal sostenn operazzjonali għal perjodu ta' żmien limitat li jista' jiġġedded, filwaqt li jqis il-ħtiġijiet operazzjonali u r-riżorsi disponibbli tiegħu. Id-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju.***

Or. fr

*Ġustifikazzjoni*

*L-istess bħal fil-każ tal-emenda preċedenti.*

**Emenda 293**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jevalwa t-talba magħmula minn Stat Membru f'konformità mal-paragrafu 1 u jista' japprova l-iskjerament tal-Europol għal sostenn operazzjonali għal perjodu ta' żmien limitat li jista' jiġġedded, filwaqt li jqis il-ħtiġijiet operazzjonali u r-riżorsi disponibbli tiegħu. Id-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 294**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz, Ana Catarina Mendes**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jevalwa t-talba magħmula minn Stat Membru f'konformità mal-paragrafu 1 ***u*** jista' japprova ***l-iskjerament*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali għal perjodu ta' żmien limitat li jista' jiġġedded, filwaqt li jqis il-ħtiġijiet operazzjonali u r-riżorsi disponibbli tiegħu. Id-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju. | 3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jevalwa t-talba magħmula minn Stat Membru f'konformità mal-paragrafu 1**.** ***Qabel ma jieħu deċiżjoni dwar it-talba, id-Direttur Eżekuttiv għandu jieħu parir mill-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali f'konformità mal-Artikolu 41c(2)(a) dwar l-implikazzjonijiet tal-mobilizzazzjoni fuq id-drittijiet fundamentali. Id-Direttur Eżekuttiv*** jista' japprova ***l-mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali għal perjodu ta' żmien limitat li jista' jiġġedded, filwaqt li jqis il-ħtiġijiet operazzjonali u r-riżorsi disponibbli tiegħu. Id-deċiżjoni tad-Direttur Eżekuttiv għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskju. |

Or. en

**Emenda 295**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Ladarba d-Direttur Eżekuttiv ikun approva t-talba magħmula minn Stat Membru f'konformità mal-paragrafu 1, dak l-Istat Membru u l-Europol għandhom jaqblu b'mod konġunt dwar il-modalitajiet tal-iskjerament tal-Europol għal sostenn operazzjonali. Il-persunal tal-Europol u l-esperti nazzjonali sekondati skjerati fl-Istat Membru għandhom joperaw f'konformità ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari l-Artikolu 4(5), u f'konformità mad-dritt nazzjonali tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jseħħ l-iskjerament.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 296**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. F'każijiet eċċezzjonali ta' urġenza li jeħtieġu skjerament immedjat tal-Europol għal sostenn operazzjonali fit-territorju ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru u d-Direttur Eżekuttiv għandhom jiżguraw li l-passi stabbiliti fil-paragrafi 1, 3 u 4 iseħħu f'perjodu ta' 72 siegħa.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 297**
**Verena Mertens**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-Europol għandha tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti tal-Istati Membri għall-fini ***tal-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali. ***Il-ġabra*** ta' riżerva ***għandha tikkostitwixxi*** riżerva ta' esperti li jaħdmu fl-Istati Membri tagħhom li tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol għal dak l-għan. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, ***fl-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol. | 6. Il-Europol għandha tistabbilixxi grupp ta' riżerva ***obbligatorju*** ta' esperti tal-Istati Membri għall-fini ***tal-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali. ***Il-grupp*** ta' riżerva ***għandu jikkostitwixxi*** riżerva ta' esperti li jaħdmu fl-Istati Membri tagħhom li tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol għal dak l-għan. ***Il-modalitajiet rigward id-disponibbiltà, l-istruttura ta' kmand, id-durata, u l-post tal-mobilizzazzjoni tal-esperti għandhom jiġu speċifikati f'att ta' implimentazzjoni adottat mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 61(2) tar-Regolament (UE)*** |

***2016/794, u bi qbil mal-linji gwida operazzjonali u l-proċeduri operattivi standard (SOPs) tal-Europol.*** L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, ***fil-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol***, f'konformità mal-prinċipju tat-tqassim ġust tar-responsabbiltà, filwaqt li jiġi żgurat li kull Stat Membru jikkontribwixxi b'mod ġust filwaqt li jżomm ir-riżorsi meħtieġa biex jissodisfa r-responsabbiltajiet nazzjonali tiegħu. Kemm jista' jkun, il-kompożizzjoni tal-grupp ta' riżerva għandu jkun kemm ġeografikament ibbilanċjat kif ukoll proporzjonat għall-kapaċitajiet ta' kull Stat Membru***.

Or. en

**Emenda 298**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-Europol ***għandha*** tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti tal-Istati Membri għall-fini ***tal-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali***. Il-ġabra ta' riżerva għandha tikkostitwixxi riżerva ta' esperti li jaħdmu fl-Istati Membri tagħhom li tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol għal dak l-għan. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, fl-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol***. | 6. Il-Europol ***tista'*** tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti tal-Istati Membri għall-fini ***tal-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali ***f'konformità ma' dan l-Artikolu***. |

Or. en

**Emenda 299**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, András László, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-Europol għandha tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti tal-Istati Membri għall-fini ***tal-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali. Il-ġabra ta' riżerva għandha tikkostitwixxi riżerva ta' esperti li jaħdmu fl-Istati Membri tagħhom li tista' titqiegħed ***għad-dispożizzjoni immedjata*** tal-Europol għal dak l-għan. L-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, fl-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol. | 6. Il-Europol għandha tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti tal-Istati Membri ***voluntiera*** għall-fini ***tal-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali. Il-ġabra ta' riżerva għandha tikkostitwixxi riżerva ta' esperti li jaħdmu fl-Istati Membri tagħhom li tista' titqiegħed ***b'mod rapidu għad-dispożizzjoni*** tal-Europol għal dak l-għan. L-Istati Membri jiżguraw***, fid-dawl tar-riżorsi disponibbli għalihom u taċ-ċirkostanzi lokali f'dak il-mument,*** li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, fl-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol. |

Or. fr

**Emenda 300**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz, Ana Catarina Mendes**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-Europol għandha tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti tal-Istati Membri għall-fini ***tal-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali***. Il-*** | 6. Il-Europol għandha tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti tal-Istati Membri għall-fini ***tal-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal |

| | |
|---|---|
| ***ġabra*** ta' riżerva ***għandha tikkostitwixxi*** riżerva ta' esperti li jaħdmu fl-Istati Membri tagħhom li tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol għal dak l-għan. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, fl-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol.*** | sostenn operazzjonali ***għall-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin. Il-grupp*** ta' riżerva ***għandu jikkostitwixxi*** riżerva ta' esperti li jaħdmu fl-Istati Membri tagħhom li tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni immedjata tal-Europol għal dak l-għan. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Grupp ta' riżerva stabbilit skont din l-emenda għandu jkun limitat għall-għan iddikjarat tal-proposta — jiġifieri l-indirizzar tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin. Barra minn hekk, mhuwiex ċar jekk l-Istati Membri kollha għandhomx biżżejjed esperti nazzjonali biex jissodisfaw dan l-obbligu mingħajr ma jimminaw il-ħidma nazzjonali tagħhom.*

**Emenda 301**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-Europol ***għandha*** tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti tal-Istati Membri għall-fini ***tal-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali. ***Il-ġabra*** ta' riżerva ***għandha tikkostitwixxi*** riżerva ta' esperti li jaħdmu fl-Istati Membri tagħhom li tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni ***immedjata*** tal-Europol għal dak l-għan. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, ***fl-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol. | 6. Il-Europol ***tista'*** tistabbilixxi grupp ta' riżerva ta' esperti tal-Istati Membri għall-fini ***tal-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali. ***Il-grupp*** ta' riżerva ***għandu jikkostitwixxi*** riżerva ta' esperti li jaħdmu fl-Istati Membri tagħhom li tista' titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Europol għal dak l-għan. L-Istati Membri ***li jkunu qed jipparteċipaw fil-grupp ta' riżerva*** għandhom jiżguraw li l-esperti tagħhom ikunu disponibbli sabiex jieħdu sehem, bħala esperti nazzjonali sekondati, ***fil-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, fuq talba tal-Europol. |

Or. en

**Emenda 302**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jseħħ l-iskjerament tal-Europol għal sostenn operazzjonali għandu, f'konformità mal-modalitajiet miftehmin imsemmijin fil-paragrafu 4:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) jipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha mingħajr dewmien lill-Europol, meta jkun possibbli billi jagħmel l-informazzjoni fil-bażijiet tad-data nazzjonali direttament aċċessibbli għall-persunal tal-Europol u għall-esperti nazzjonali sekondati skjerati fit-territorju tiegħu f'konformità mad-dritt nazzjonali tiegħu;*** | |
| ***(b) jagħmel użu mis-sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku u forensiku pprovdut mill-persunal tal-Europol ippostjat fit-territorju tiegħu;*** | |
| ***(c) jippermetti li l-persunal tal-Europol u l-esperti nazzjonali sekondati skjerati fit-territorju tiegħu jkunu preżenti matul l-eżekuzzjoni ta' miżuri investigattivi.*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan għandu jiġi miftiehem fil-modalitajiet li għandhom jiġu miftiehma fil-paragrafu 4.*

**Emenda 303**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794

Artikolu 5b – paragrafu 7 – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ***jseħħ l-iskjerament*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali għandu, f'konformità ***mal-modalitajiet miftehmin imsemmijin*** fil-paragrafu ***4***: | 7. L-Istat Membru li fit-territorju tiegħu ***sseħħ il-mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali għandu, f'konformità ***mar-regoli ta' implimentazzjoni msemmijin*** fil-paragrafu ***9***: |

Or. en

**Emenda 304**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 7 – punt a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jipprovdi l-informazzjoni rilevanti kollha mingħajr dewmien lill-Europol, meta jkun possibbli billi jagħmel l-informazzjoni fil-bażijiet tad-data nazzjonali ***direttament*** aċċessibbli għall-persunal tal-Europol u għall-esperti nazzjonali sekondati ***skjerati*** fit-territorju tiegħu f'konformità ***mad-dritt nazzjonali tiegħu***; | (a) jipprovdi l-informazzjoni rilevanti***, meħtieġa, proporzjonata u ta' kwalità għolja*** kollha mingħajr dewmien lill-Europol, meta jkun possibbli billi jagħmel l-informazzjoni fil-bażijiet tad-data nazzjonali aċċessibbli għall-persunal tal-Europol u għall-esperti nazzjonali sekondati ***mobilizzati*** fit-territorju tiegħu f'konformità ***mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu***; |

Or. en

**Emenda 305**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| ***8. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jipproponi l-iskjerament tal-Europol għal sostenn operazzjonali fit-territorju ta' Stat Membru lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru permezz tal-unità nazzjonali tiegħu meta d-Direttur Eżekuttiv iqis li dan iżid il-valur għall-prevenzjoni jew għall-ġlieda kontra reat li jaqa' fl-ambitu tal-objettivi tal-Europol.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 306**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***8. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jipproponi l-iskjerament tal-Europol għal sostenn operazzjonali fit-territorju ta' Stat Membru lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru permezz tal-unità nazzjonali tiegħu meta d-Direttur Eżekuttiv iqis li dan iżid il-valur għall-prevenzjoni jew għall-ġlieda kontra reat li jaqa' fl-ambitu tal-objettivi tal-Europol.*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Europol attwali huwa suffiċjenti.*

**Emenda 307**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 8. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jipproponi ***l-iskjerament*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali fit-territorju ta' Stat Membru lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru permezz tal-unità nazzjonali tiegħu meta d-Direttur Eżekuttiv iqis li dan iżid il-valur għall-prevenzjoni jew għall-ġlieda kontra reat li jaqa' fl-ambitu tal-objettivi tal-Europol. | 8. Id-Direttur Eżekuttiv jista' jipproponi ***– f'konformità mar-regoli ta' implimentazzjoni adottati mill-Bord ta' Amministrazzjoni skont il-paragrafu 10 – il-mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali fit-territorju ta' Stat Membru lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru permezz tal-unità nazzjonali tiegħu meta d-Direttur Eżekuttiv iqis li dan iżid il-valur għall-prevenzjoni jew għall-ġlieda kontra reat li jaqa' fl-ambitu tal-objettivi tal-Europol. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li l-paragrafu 10 jipprevedi r-regoli għat-tħejjija ta' mobilizzazzjoni, id-Direttur Eżekuttiv għandu jsegwi dawk ir-regoli meta jipproponi lil Stat Membru li l-Aġenzija twettaq mobilizzazzjoni f'dak l-Istat Membru.*

**Emenda 308**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jadotta regoli ta' implimentazzjoni għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni ***tal-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, inkluż dwar in-numru u l-profili ta' esperti li għandhom jiġu inklużi fil-grupp ta' riżerva u kwalunkwe bidla sussegwenti fih. | 9. Il-Bord ta' Amministrazzjoni***, bl-involviment tal-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data, tal-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali u tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data,*** għandu jadotta regoli ta' implimentazzjoni għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni ***tal-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, inkluż dwar in-numru u l-profili ta' esperti li għandhom jiġu inklużi fil-grupp ta' riżerva u kwalunkwe bidla sussegwenti fih. ***Il-JPSG għandu jiġi infurmat dwar ir-regoli ta' implimentazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-Europol għal sostenn*** |

***operazzjonali u kwalunkwe bidla sussegwenti fihom.***

Or. en

**Emenda 309**
**Jeroen Lenaers**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jadotta regoli ta' implimentazzjoni għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni ***tal-iskjeramenti*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, inkluż dwar in-numru u l-profili ta' esperti li għandhom jiġu inklużi fil-grupp ta' riżerva u kwalunkwe bidla sussegwenti ***fih***. | 9. ***Fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv,*** il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jadotta regoli ta' implimentazzjoni għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni ***tal-mobilizzazzjonijiet*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali, inkluż dwar in-numru u l-profili ta' esperti li għandhom jiġu inklużi fil-grupp ta' riżerva u kwalunkwe bidla sussegwenti ***fihom, u dwar l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-uffiċjali mobilizzati fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti***. |

Or. en

**Emenda 310**
**Matthieu Valet, Fabrice Leggeri, António Tânger Corrêa, Alexandre Varaut**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 9

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 9. Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jadotta regoli ta' implimentazzjoni għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni tal-iskjeramenti tal-Europol għal sostenn operazzjonali, inkluż dwar in-numru u l- | 9. Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu***, fuq proposta tad-Direttur Eżekuttiv,*** jadotta regoli ta' implimentazzjoni għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni tal-iskjeramenti tal- |

| | |
|---|---|
| profili ta' esperti li għandhom jiġu inklużi fil-grupp ta' riżerva u kwalunkwe bidla sussegwenti fih. | Europol għal sostenn operazzjonali, inkluż dwar in-numru u l-profili ta' esperti li għandhom jiġu inklużi fil-grupp ta' riżerva u kwalunkwe bidla sussegwenti fih. |

Or. fr

**Emenda 311**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 10

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***10. Dan l-Artikolu għandu japplika mutatis mutandis meta l-iskjerament tal-Europol għal sostenn operazzjonali jseħħ f'pajjiż terz kif imsemmi fl-Artikolu 25(1), il-punt (a), (b) jew (c).*** | ***imħassar*** |
| **** Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624 (ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1896/oj ).;*** | |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 25(1)(a), (b), (c) ma jipprevedix il-mobilizzazzjoni ta' uffiċjali tal-Europol f'pajjiżi terzi. Jekk il-mobilizzazzjoni f'pajjiżi terzi għandha tiġi kkodifikata, dan għandu jsir permezz tar-rieżami sostantiv tal-mandat tal-Aġenzija u mhux permezz taż-żieda ta' dispożizzjonijiet dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin.*

**Emenda 312**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 10

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Dan l-Artikolu għandu japplika mutatis mutandis meta l-iskjerament tal-Europol għal sostenn operazzjonali jseħħ f'pajjiż terz kif imsemmi fl-Artikolu 25(1), il-punt (a), (b) jew (c).*** | ***imħassar*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Tħassir konsegwenzjali relatat mal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.*

**Emenda 313**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b – paragrafu 10

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Dan l-Artikolu għandu japplika mutatis mutandis meta l-iskjerament*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali ***jseħħ f'pajjiż terz kif imsemmi fl-Artikolu 25(1), il-punt (a), (b) jew (c)***. | ***F'konformità mat-Trattati, il-mobilizzazzjoni*** tal-Europol għal sostenn operazzjonali ***ma għandhiex isseħħ f'pajjiżi terzi***. |

Or. en

**Emenda 314**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 3**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

***10a. Artikolu 5ba – Salvagwardji għall-ipproċessar ta' data bijometrika***

***1.Il-Europol għandha tiżgura li kwalunkwe pproċessar ta' data bijometrika għall-fini tal-infurzar tal-liġi jqis bis-sħiħ id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali minquxa fil-Karta u jkun konformi mal-qafas tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari, il-prinċipji u l-obbligi ġenerali stipulati fil-Kapitolu IX tar-Regolament 2018/1725, inklużi l-prinċipji ta' ħtieġa stretta, proporzjonalità, speċifikazzjoni tal-iskop, akkuratezza, minimizzazzjoni tad-data u kwalità tad-data.***

***2.Għall-fini tal-paragrafu 1 u sabiex jiġu ggarantiti s-salvagwardji xierqa fl-ipproċessar tad-data bijometrika, għandhom jiġu implimentati regoli vinkolanti ċari li jipprevedu salvagwardji xierqa.***

***3.Sa Jannar 2026, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data u l-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali, bl-involviment tal-EDPS u tal-JPSG, għandhom jiżviluppaw u jżommu qafas etiku u mekkaniżmu biex jiġu stabbiliti l-proċeduri għat-twettiq ta' valutazzjonijiet tal-impatt ex ante fuq id-drittijiet fundamentali, kontrolli tal-kwalità tad-data u testijiet tal-ħtieġa stretta sistematiċi fl-ipproċessar tad-data bijometrika.Tali mekkaniżmu għandu jinkludi standards minimi u limiti minimi għall-kwalità tad-data u l-verifiki tal-kwalità, filwaqt li tiġi garantita l-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku msemmija fl-Artikolu 85 tar-Regolament (UE) 2018/1725, u għandu jkun iggwidat mill-prinċipji etiċi tat-trasparenza, l-ispjegabbiltà, il-ġustizzja, akkontabilità u r-responsabbiltà.Dan għandu japplika mhux biss għall-ġbir u l-ipproċessar intern ulterjuri tad-data bijometrika mill-Europol iżda wkoll għat-tixrid tad-data bijometrika lill-Istati Membri kif ukoll għall-kooperazzjoni mal-kuntratturi esterni.***

***4.Sabiex jiġu ggarantiti l-assistenza umanitarja u l-aċċess għall-ġustizzja, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, irrispettivament mill-istatus ta' residenza tagħhom, ikunu jistgħu jirrapportaw atti li jistgħu jikkostitwixxu reat kriminali.Fid-dawl tal-fatt li r-rapportar ta' att li jista' jikkostitwixxi reat kriminali u l-parteċipazzjoni fi proċediment kriminali skont dan ir-Regolament ma joħlqu l-ebda dritt fir-rigward tal-istatus ta' residenza tal-vittmi u lanqas ma għandhom xi effett ta' sospensjoni fid-determinazzjoni tal-istatus ta' residenza tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti li jiġu f'kuntatt ma' ċittadini ta' pajjiż terz li jirrapportaw atti li jistgħu jikkostitwixxu reat kriminali jkunu pprojbiti milli jittrasferixxu u jużaw id-data personali relatata mal-istatus ta' residenza tagħhom lill-awtoritajiet ta' migrazzjoni kompetenti.***

***5.Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tapprova l-qafas etiku u l-mekkaniżmu msemmijin fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu permezz ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 TFUE sabiex tagħtihom effett legali vinkolanti.***

***6.Sabiex jiżguraw li l-eżiti tal-ipproċessar tad-data bijometrika ma jimminawx id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali minquxa fil-Karta, u ma jkunux diskriminatorji fi kwalunkwe forma jew jikkontribwixxu għas-sorveljanza tal-massa, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data u l-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali, bl-involviment tal-EDPS u tal-JPSG, jistgħu jimplimentaw salvagwardji addizzjonali għall-ipproċessar tad-data bijometrika bħala mezz biex jiżguraw kontroll aktar demokratiku bis-sistema ta' kontrokontrolli xierqa.Is-salvagwardji għandhom jiġu adattati għar-riskji involuti u għad-drittijiet u l-libertajiet li għandhom jiġu protetti.Meta jkun meħtieġ, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data u l-Uffiċjal għad-Drittijiet***

***Fundamentali, bl-involviment tal-EDPS u tal-JPSG, jistgħu jwettqu awditi indipendenti jew valutazzjonijiet indipendenti tal-impatt fuq id-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni tad-data.Il-ħatra tal-esperti indipendenti għandha ssegwi proċedura miftuħa u trasparenti.Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jista' jiġi stabbilit kumitat ta' sorveljanza.***

***7.Il-kooperazzjoni bejn il-Europol u l-Frontex għandha tkun limitata għall-iskambju ta' informazzjoni bi qbil mal-oqfsa legali rispettivi tagħhom u ma għandhiex tinkludi data bijometrika.It-trasferimenti ta' data personali bejn il-Europol u l-Frontex għandhom ikunu f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725.Taħt l-ebda ċirkostanza, il-kooperazzjoni bejn il-Europol u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ma għandha tmur lil hinn mir-Regolament (UE) 2019/1896.Kwalunkwe arranġament ta' ħidma bejn il-Europol u l-Frontex għandu jkun bi qbil mal-oqfsa legali rispettivi tal-aġenziji u jikkonforma mal-qafas tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.***

***8. L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data u l-Uffiċjal għad-Drittijiet Fundamentali, bl-involviment tal-EDPS, għandhom jimmonitorjaw il-konformità mal-prinċipji f'konformità ma' dan l-Artikolu u għandhom jipprovdu rapport regolari lill-Parlament Ewropew, lill-JPSG, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni li jkopri l-kwistjonijiet li jkunu ltaqgħu magħhom.***

Or. en

**Emenda 315**
**Jeroen Lenaers**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)**
Regolament (UE) 2016/794
Taqsima 2a (ġdida) – Artikolu 16a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(3a) tiddaħħal it-Taqsima li ġejja:*** |
| | ***“Taqsima 2a*** |
| | ***Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta’ Dħul Klandestin ta’ Migranti*** |
| | ***Artikolu 16a*** |
| | ***Kompiti u kompożizzjoni taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta’ Dħul Klandestin ta’ Migranti*** |
| | ***1.Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta’ Dħul Klandestin ta’ Migranti għandu jiġi stabbilit fi ħdan il-Europol bħala ċentru tal-Unjoni ta’ għarfien espert speċjalizzat.Għandu jsostni lill-Istati Membri fil-prevenzjoni l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u tat-traffikar ta’ bnedmin billi jwettaq kompiti operazzjonali u strateġiċi.Dawk il-kompiti għandhom jinkludu l-koordinazzjoni, l-organizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta’ azzjonijiet investigattivi u operazzjonali, u s-sostenn għall-investigazzjonijiet, l-operazzjonjiet u l-attivitajiet transfruntieri tal-Istati Membri li jikkonċernaw l-iskambju ta’ informazzjoni, kif ukoll skwadri ta’ investigazzjoni konġunta, u task forces operazzjonali.Għandhom jinkludu wkoll il-monitoraġġ tal-faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u tat-traffikar ta’ bnedmin li jseħħu fl-Unjoni u f’pajjiżi terzi, u l-identifikazzjoni ta’ każijiet ta’ faċilitazzjoni ta’ dħul klandestin ta’ migranti u ta’ traffikar ta’ bnedmin li jistgħu jeħtieġu kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-iskambju ta’ data personali.Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta’ Dħul Klandestin ta’ Migranti għandu jsostni l-identifikazzjoni tal-vittmi tat-traffikar jew persuni vulnerabbli oħra, bħalma huma l-minorenni mhux akkumpanjati.Għandu jipprovdi wkoll analiżijiet strateġiċi u valutazzjonijiet tat-theddid dwar il-** |

***faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u dwar it-traffikar tal-bnedmin, u rapport annwali li jidentifika l-prijoritajiet operazzjonali ewlenin u l-azzjonijiet relatati possibbli fil-livell tal-Unjoni.***

***2.Il-Europol għandha tipprovdi liċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti riżorsi adegwati biex iwettaq il-kompiti tiegħu.***

***3.Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti għandu jkun magħmul minn persunal tal-Europol u rappreżentanti tal-entitajiet li ġejjin:***

***(a) rappreżentant ta' kull Stat Membru maħtur minn servizz speċjalizzat nazzjonali, fi ħdan l-awtoritajiet kompetenti, responsabbli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, kif imsemmi fl-Artikolu 8a;***

***(b) rappreżentant permanenti tal-Eurojust;***

***(c) rappreżentant permanenti tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta;***

***Il-Europol tista' tistieden parteċipanti oħra jinvolvu ruħhom fit-twettiq ta' attivitajiet taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti.***

***4. Fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv, wara li jkun ikkonsulta mal-entitajiet elenkati fil-paragrafu 3, il-punti (a), (b), u (c), il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jadotta regoli ta' implimentazzjoni għaċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti, inkluż dwar it-tipi ta' kompiti operazzjonali u strateġiċi li għandhom jitwettqu, u dwar il-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti u tal-parteċipanti mistiedna elenkati fil-paragrafu 3. Il-korpi jew l-aġenziji tal-Unjoni, inklużi dawk imsemmija fil-paragrafu 3 li jkunu qed jipparteċipaw fl-***

***attivitajiet taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti għandhom jagħmlu dan f'konformità mal-oqfsa legali rispettivi tagħhom."***

Or. en

**Emenda 316**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)**
Regolament (UE) 2016/794
Taqsima 2a (ġdida) – Artikolu 16a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) Taqsima 2a*** |
| | ***Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti*** |
| | ***Artikolu 16a*** |
| | ***1.Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti huwa stabbilit fi ħdan il-Europol bħala ċentru tal-Unjoni ta' għarfien espert speċjalizzat.Għandu jsostni lill-Istati Membri fil-prevenzjoni l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin.*** |
| | ***2.Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti għandu jkun magħmul mill-persunal tal-Europol u jinvolvi rappreżentanti tal-entitajiet li ġejjin fit-twettiq tal-kompiti strateġiċi:*** |
| | ***(a) rappreżentant ta' kull Stat Membru, minn servizz speċjalizzat nazzjonali msemmi fl-Artikolu 7;*** |
| | ***(b) rappreżentant tal-Eurojust;*** |
| | ***(c) rappreżentant tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta;*** |
| | ***(d) fid-diskrezzjoni tal-Europol u, wara*** |

***konsultazzjoni mal-Istati Membri, rappreżentant wieħed jew aktar involut fl-implimentazzjoni operazzjonali tal-prijoritajiet strateġiċi u operazzjonali tal-Unjoni għall-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, b'mod partikolari fil-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT).***

***3.Iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti għandu jkun magħmul minn persunal tal-Europol u jinvolvi rappreżentanti tal-entitajiet li ġejjin fit-twettiq tal-kompiti operazzjonali:***

***(a) għal kull Stat Membru, uffiċjal ta' kollegament imsemmi fl-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament maħtur speċifikament biex jittratta l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti, dment li jkun hemm disponibbli rappreżentant fl-Istat Membru;***

***(b) uffiċjal ta' kollegament tal-Eurojust bħala rappreżentant permanenti fil-Europol;***

***(c) uffiċjal ta' kollegament tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala rappreżentant permanenti fil-Europol.***

***Il-Europol tista' tistieden lil entitajiet oħrajn sabiex ikunu involuti fit-twettiq tal-attivitajiet imsemmijin fl-Artikolu 6, inklużi korpi jew aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni.***

***4.Għall-finijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Eurojust għandha tibgħat uffiċjal ta' kollegament, li jaġixxi f'konformità ma' dak ir-Regolament, liċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti.***

***5.Għall-finijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu kif ukoll tal-Artikolu 68(1), il-punt (b), tal-Artikolu 87(1), il-punt (d) u tal-Artikolu 90 tar-Regolament (UE) 2019/1896, u f'konformità mal-Artikolu 68(2) u (5) ta' dak ir-Regolament, l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-***

***Fruntiera u tal-Kosta għandha timmobilizza uffiċjal ta' kollegament, li jaġixxi f'konformità ma' dak ir-Regolament, liċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti.***

***6. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, iċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti għandu jiġi pprovdut is-sostenn meħtieġ mill-partijiet rilevanti l-oħra kollha tal-istrutturi interni tal-Europol.***

Or. en

**Emenda 317**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 3b (ġdid)**
Regolament (UE) 2016/794
Taqsima 2a (ġdida) – Artikolu 16b (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3b) Artikolu 16b*** |
| | ***1.Il-kompiti strateġiċi taċ-Ċentru Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti għandhom ikunu dawn li ġejjin:*** |
| | ***(a) li jipprovdi analiżijiet strateġiċi u valutazzjonijiet tat-theddid biex jassisti lill-Kunsill u lill-Kummissjoni fl-istabbiliment ta' prijoritajiet strateġiċi u operazzjonali tal-Unjoni għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda kontra dawn, f'konformità mal-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament;*** |
| | ***(b) li jipprovdi qafas sabiex isostni l-implimentazzjoni operazzjonali tal-prijoritajiet strateġiċi u operazzjonali tal-Unjoni għall-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u għall-ġlieda*** |

***kontra dawn, b'mod partikolari fil-qafas tal-EMPACT, f'konformità mal-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament;***

***(c) li jsostni l-koordinazzjoni, il-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-aġenziji tal-Unjoni dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, b'mod partikolari mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, mal-Eurojust u, meta xieraq, ma' korpi jew ma' aġenziji rilevanti oħrajn tal-Unjoni, bi qbil mal-oqfsa legali u l-mandati rispettivi tagħhom, inkluż permezz ta' arranġamenti ta' ħidma bejniethom, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (j), ta' dan ir-Regolament;***

***(d) li jipprovdi regolarment informazzjoni lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni, inklużi data statistika aggregata u aġġornamenti tas-sitwazzjoni derivati minn informazzjoni kondiviża mill-Istati Membri;***

***(e) li jipprovdi analiżijiet strateġiċi u valutazzjonijiet tat-theddid sabiex isostni l-implimentazzjoni tat-task forces operazzjonali msemmijin fl-Artikolu 5a ta' dan ir-Regolament u l-mobilizzazzjonijiet tal-Europol għal sostenn operazzjonali msemmijin fl-Artikolu 5b ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (f), ta' dan ir-Regolament;***

***(f) li jipprovdi analiżijiet strateġiċi u valutazzjonijiet tat-theddid lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni kif ukoll lil aġenziji jew korpi rilevanti tal-Unjoni, meta dan ikun xieraq, dwar il-prevenzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u tat-traffikar ta' bnedmin u l-ġlieda kontra dawn, filwaqt li jiġi żgurat li l-individwi vulnerabbli ma jiġux affettwati minn dawn l-isforzi jew inklużi fihom b'mod involontarju, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (f), ta' dan ir-Regolament;***

***(g) li jipprovdi analiżijiet strateġiċi u valutazzjonijiet tat-theddid lill-Istati***

***Membri u lill-Kummissjoni kif ukoll lil aġenziji jew lil korpi rilevanti tal-Unjoni, meta dan ikun xieraq, dwar ir-rotot u l-modi operandi tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, inkluż dwar indikazzjonijiet li individwi vulnerabbli jkunu sfaw vittmi ta' dawn il-prattiki filwaqt li jiġi żgurat li l-individwi vulnerabbli ma jiġux affettwati minn dawn l-isforzi jew inklużi fihom b'mod involontarju, u li partijiet privati jaf jintużaw għall-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (f), ta' dan ir-Regolament;***

***(h) li jħejji rapport annwali dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u dwar it-traffikar ta' bnedmin, filwaqt li jidentifika l-prijoritajiet operazzjonali ewlenin u l-azzjonijiet relatati possibbli fil-livell tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (f), ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-test imħassar fil-punt (d) kien jissuġġerixxi monitoraġġ tal-migrazzjoni irregolari mill-Europol. Dan huwa pjuttost kompitu għall-Frontex. Il-migrazzjoni irregolari mhijiex reat, spiss tkun reazzjoni għal sitwazzjonijiet f'pajjiżi terzi. L-Europol għandha tiffoka fuq il-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tan-networks ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' persuni kriminali biex ma jibbenefikawx mill-miżerja tal-oħrajn. Il-punt (f) tħassar peress li kien vag wisq, filwaqt li l-punti (g) u (h) ġew amalgamati.*

**Emenda 318**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 3c (ġdid)**
Regolament (UE) 2016/794
Taqsima 2a (ġdida) – Artikolu 16c (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3c) Artikolu 16c*** |
| | ***1.Il-kompiti operazzjonali taċ-Ċentru*** |

***Ewropew Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti għandhom ikunu dawn li ġejjin:***

***(a) li jikkoordina, jorganizza u jimplimenta azzjonijiet investigattivi u operazzjonali biex isostni u jsaħħaħ l-azzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni tal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin u fil-ġlieda kontra dawn, inkluż fil-kuntest tal-mobilizzazzjonijiet tal-Europol għal sostenn operazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punti (c) u (m), ta' dan ir-Regolament;***

***(b) li jsostni l-investigazzjonijiet, l-operazzjonjiet u l-attivitajiet transfruntieri tal-Istati Membri li jikkonċernaw l-iskambju ta' informazzjoni, kif ukoll l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta u t-task forces operazzjonali, dwar il-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, inkluż billi jipprovdi sostenn analitiku, operazzjonali, tekniku, forensiku u finanzjarju, f'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (h), ta' dan ir-Regolament;***

***(c) li jipprovdi sostenn amministrattiv, loġistiku, finanzjarju u operazzjonali għal attivitajiet operazzjonali mmexxijin mill-Istati Membri, b'mod partikolari fil-qafas tal-EMPACT, f'konformità mal-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament;***

***(d) li jsostni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Europol fl-evalwazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 5b(3) ta' dan ir-Regolament, ta' talbiet magħmulin mill-Istati Membri għal mobilizzazzjonijiet tal-Europol għal sostenn operazzjonali relatat mal-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar ta' bnedmin, inkluż fil-prijoritizzazzjoni ta' tali talbiet abbażi tal-ħtiġijiet operazzjonali;***

***(e) li jidentifika każijiet ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u ta' traffikar ta' bnedmin li jistgħu jeħtieġu l-applikazzjoni tal-Artikolu 6 ta' dan ir-***

***Regolament dwar talbiet mill-Europol għat-tnedija ta' investigazzjoni kriminali u jinforma lid-Direttur Eżekuttiv tal-Europol dwar tali każijiet;***

***(f) li jidentifika każijiet ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u traffikar ta' bnedmin li jistgħu jeħtieġu l-involviment ta' awtorità ġudizzjarja, u jinforma lill-Eurojust dwar tali każijiet;***

***(h) li jidentifika każijiet ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u ta' traffikar ta' bnedmin li jistgħu jeħtieġu kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-iskambju tad-data personali, dment li l-iskambju tad-data personali jkun meħtieġ u proporzjonat u f'konformità mal-Artikolu 25 ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-dispożizzjonijiet (e) u (f) mill-proposta tal-Kummissjoni jidhru li jissuġġerixxu li ċ-Ċentru tal-Europol Kontra l-Faċilitazzjoni ta' Dħul Klandestin ta' Migranti għandu jfittex li jidentifika xogħol għall-Europol. Dan mhuwiex l-għan tal-Aġenzija. L-għan tal-Aġenzija f'konformità mal-Artikolu 1 tar-Regolament huwa li ssostni l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fl-Unjoni.*

**Emenda 319**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 4**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5d (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-d) Artikolu 5d – Atti Delegati*** |
| | ***1.Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 TFUE hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.*** |
| | ***2.Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 5c tista' tiġi revokata fi*** |

***kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill.Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni.Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih.Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li jkun diġà fis-seħħ.***

***3.Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u dawk il-konsultazzjonijiet għandhom jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulatifil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti.***

***4.Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

***5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 5c għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż bi 3 xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.***

Or. en

**Emenda 320**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 4**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5d (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-da) Artikolu 5d – Rappreżentanza tas-suġġetti tad-data*** |
| | ***F'konformità mad-dritt proċedurali tal-Istat Membru, is-suġġetti tad-data għandhom ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt li jagħtu mandat lil korp, organizzazzjoni jew assoċjazzjoni mingħajr skop ta' qligħ li jkunu ġew kostitwiti kif xieraq f'konformità mad-dritt tal-Istat Membru, li jkollhom objettivi statutorji li jkunu fl-interess pubbliku u li jkunu attivi fil-qasam tal-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-data fir-rigward tal-protezzjoni tad-data personali tagħhom, biex iressqu ilment f'isimhom.*** |

Or. en

**Emenda 321**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 4**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 5e (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(-db) Artikolu 5e – Ħatra tad-Direttur Eżekuttiv u tal-Viċi Diretturi Eżekuttivi*** |
| | ***1.Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jaħtru d-Direttur Eżekuttiv u l-Viċi Diretturi Eżekuttivi permezz ta' qbil komuni għal mandat ta' ħames snin, abbażi ta' lista mfassla mill-Kummissjoni b'segwitu għal sejħa pubblika għal kandidati.Is-sejħa għal kandidati għandha tippermetti lill-partijiet*** |

***interessati kollha minn madwar l-Unjoni jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom.Il-lista tal-kandidati mfassla mill-Kummissjoni għandha tkun pubblika u għandha tikkonsisti f'minn tal-anqas tliet kandidati.Abbażi tal-lista mfassla mill-Kummissjoni, il-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew jista' jiddeċiedi li jorganizza smigħ sabiex ikun jista' jesprimi preferenza.***

***2.Il-lista ta' kandidati msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun magħmula minn persuni li ma jkunx hemm dubju dwar l-indipendenza tagħhom u li jkunu rikonoxxuti li għandhom għarfien espert u l-esperjenza u l-ħiliet meħtieġa biex iwettqu d-dmirijiet skont dan ir-Regolament.***

***3.Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv u tal-Viċi Diretturi Eżekuttivi għandhom ikunu jistgħu jiġġeddu darba.***

***4.Id-Direttur Eżekuttiv u l-Viċi Diretturi Eżekuttivi jistgħu jingħataw is-sensja jew jiċċaħħdu mid-dritt tagħhom għal pensjoni jew għal benefiċċji ta' sostituzzjoni oħrajn mill-bord ta' amministrazzjoni fuq talba tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill jew il-Kummissjoni, jekk ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom jew jekk ikunu ħatja ta' kondotta ħażina serja.***

***5. Fil-każ ta' sostituzzjoni normali jew riżenja volontarja, id-Direttur Eżekuttiv jew il-Viċi Diretturi Eżekuttivi għandhom madankollu jibqgħu fil-kariga sakemm jiġu sostitwiti.***

Or. en

**Emenda 322**
**Saskia Bricmont**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1– punt 4**
Regolament (UE) 2016/794

Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt d

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) faċilitazzjoni***, inkluż permezz tas-SIENA,*** tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Europol, korpi oħrajn tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet privati;***;*** | (d) faċilitazzjoni tal-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Europol, korpi oħrajn tal-Unjoni, pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u partijiet privati; |

Or. en

**Emenda 323**
**Verena Mertens**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 63a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) (4a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** |
| | ***Artikolu 63a*** |
| | ***Xhieda tal-persunal tal-Europol*** |
| | ***Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiddeċiedi dwar l-awtorizzazzjoni biex il-persunal tal-Europol jixhed quddiem qorti ta' Stat Membru bħala xhud. L-awtorizzazzjoni għax-xhieda ma għandhiex tiġi miċħuda b'mod indebitu, u, skont iċ-ċirkostanzi, id-Direttur Eżekuttiv jista' jiddefinixxi l-kundizzjonijiet għax-xhieda, f'konformità mal-liġi nazzjonali. F'dan il-kuntest, trid titqies kwalunkwe ħtieġa speċjali ta' protezzjoni min-naħa tax-xhud. Dan japplika b'mod partikolari jekk ikun hemm riskju urġenti ta' preġudizzju serju għall-benesseri tax-xhud jew ta' ħsara għall-Unjoni Ewropea jew għal Stat Membru. F'dawn il-kawżi, għandu jiġi kkunsidrata u, jekk ikun meħtieġ, ordnat smigħ separat minn dawk intitolati li jkunu preżenti jew smigħ awdjoviżiv, jekk ikun meħtieġ bl-identità tax-xhud moħbija. Dawn id-dispożizzjonijiet*** |

***japplikaw ukoll għall-persunal li qabel kien impjegat mill-Europol."***

Or. en

**Emenda 324**
**Thijs Reuten, Cecilia Strada, Murielle Laurent, Alessandro Zan, Emma Rafowicz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) fl-Artikolu 18(2), jiżdied il-punt li ġej:*** |
| | ***(fa) Id-data bijometrika tista' tiġi pproċessata biss meta dan ikun strettament meħtieġ u proporzjonat għall-objettiv segwit u f'konformità mal-Artikolu 30 ta' dan ir-Regolament u mad-Direttiva (UE) 2016/680.*** |

Or. en

**Emenda 325**
**Jeroen Lenaers**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 4a (ġdid)**
Regolament (UE) 2016/794
Artikolu 41c – paragrafu 2 – punt b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(4a) Fl-Artikolu 41c(2), il-punt b huwa sostitwit b'dan li ġej:*** |
| | ***(b) jimmonitorja l-konformità tal-Europol mad-drittijiet fundamentali, inkluż fil-kuntest tat-Task Forces Operazzjonali u l-mobilizzazzjonijiet tal-Europol għal sostenn operazzjonali;*** |

Or. en

**Emenda 326**
**Ilaria Salis**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a**
Regolament (UE) 2016/794
Anness I - inċiż 6

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| - faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti; | - ***forom esplojtattivi ta'*** faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti; |

Or. en